# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-26 ta’ April 2011

## dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-subsistema tal-“infrastruttura” tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 2741)*

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/275/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi,

(1) Skont l-Artikolu 2(e) u l-Anness II għad-Direttiva 2008/57/KE, is-sistema ferrovjarja tinqasam f’subsistemi strutturali u funzjonali, inkluża subsistema tal-infrastruttura.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni C(2006) 124 finali tad-9 ta’ Frar 2006, il-Kummissjoni tat mandat lill-Aġenzija Ewropea għall-Ferroviji (l-Aġenzija) biex tiżviluppa speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabilità (STI) skont id-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Marzu 2001 fuq l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea ([2]). Skont it-termini tal-mandat, l-Aġenzija ntalbet tfassal l-abbozz ta’ STI relatata mas-subsistema tal-infrastruttura tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali.

(3) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabilità (STI) huma speċifikazzjonijiet adottati skont id-Direttiva 2008/57/KE. Is-STI tal-Anness tkopri s-subsistema tal-infrastruttura bl-għan li tissodisfa r-rekwiżiti essenzjali u li tiżgura l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja.

(4) Is-STI tal-Anness ma tittrattax għal kollox ir-rekwiżiti essenzjali kollha. Skont l-Artikolu 5(6) tad-Direttiva 2008/57/KE, l-aspetti tekniċi li mhumiex koperti huma identifikati bħala punti mhux konklużi fl-Anness F ta’ din is-STI.

(5) Is-STI tal-Anness għandha tirreferi għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/713/UE tad-9 ta’ Novembru 2010 dwar moduli għall-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità, l-idoneità għall-użu u għall-verifika tal-KE li għandhom jintużaw fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabilità adottati skont id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(6) Skont l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2008/57/KE, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar il-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità u għall-verifika li għandhom jintużaw għall-każijiet speċifiċi, kif ukoll dwar l-entitajiet responsabbli għat-twettiq ta’ dawn il-proċeduri.

(7) Is-STI tal-Anness għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-STI rilevanti l-oħra li jistgħu jkunu applikabbli għas-subsistemi tal-infrastruttura.

(8) Is-STI tal-Anness ma għandhiex timponi l-użu ta’ teknoloġiji jew soluzzjonijiet tekniċi speċifiċi għajr fejn dan ikun strettament meħtieġ għall-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea.

(9) Skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2008/57/KE, is-STI tal-Anness għandha tippermetti, għal perjodu limitat, li l-kostitwenti tal-interoperabilità jkunu inkorporati f’subsistemi mingħajr ċertifikazzjoni, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.

(10) Sew biex tiġi inkoraġġuta l-innovazzjoni, kif ukoll biex titqies l-esperjenza miksuba, is-STI tal-Anness għandha tkun suġġetta għal reviżjoni kull tant żmien.

(11) Il-miżuri previsti f’din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2008/57/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B’dan, Speċifikazzjoni Teknika għall-Interoperabilità (“STI”) rigward is-subsistema tal-infrastruttura tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea hija adottata mill-Kummissjoni.

Is-STI għandha tkun kif jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1.

([2]) ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1.

([3]) ĠU L 319, 4.12.2010, p. 1.

*Artikolu 2*

Din is-STI għandha tkun applikabbli għal kull infrastruttura ġdida, aġġornata jew rinnovata tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea, kif definit fl-Anness I għad-Direttiva 2008/57/KE.

*Artikolu 3*

1. Fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet li jkunu kklassifikati bħala punti mhux konklużi fl-Anness F tas-STI, il-kundizzjonijiet li għandhom ikunu ssodisfati għall-verifika tal-interoperabilità skont l-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2008/57/KE għandhom ikunu dawk ir-regoli tekniċi applikabbli li jintużaw fl-Istat Membru li jawtorizza t-tqegħid fis-servizz tas-subsistema koperta b'din id-Deċiżjoni.

2. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur min-notifika ta' din id-Deċiżjoni:

(a) ir-regoli tekniċi applikabbli msemmija fil-paragrafu 1;

(b) il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità u tal-verifika li għandhom jiġu applikati rigward l-applikazzjoni tar-regoli tekniċi msemmija fil-paragrafu 1;

(c) l-entitajiet li jaħtar biex iwettqu l-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità u għall-verifika tal-punti mhux konklużi msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 4*

1. L-Istat Membru għandu jiddefinixxi liema linji tan-netwerk tat-trasport konvenzjonali trans-Ewropew ("TEN-T") kif stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) huma maħsuba li jiġu kklassifikati bħala linji ewlenin tat-TEN jew linji oħra tat-TEN abbażi tal-kategoriji li jidhru fit-Taqsima 4.2.1 ta' din is-STI. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw din l-informazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien sena mid-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni, bil-kooperazzjoni tal-Aġenzija u tal-Istati Membri, għandha tikkoordina l-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, speċjalment fir-rigward tal-qsim tal-fruntieri u l-konsistenza tagħha mal-Pjan Ewropew għall-Mobilitazzjoni dwar is-Sistema Ewropea tal-Amministrazzjoni tat-Traffiku Ferrovjarju kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/561/KE ([2]).

3. Il-klassifikazzjoni finali li tirriżulta minn din il-koordinazzjoni għandha tiġi analizzata mill-kumitat stabbilit permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE ([3]) u, wara diskussjoni, tiġi ppubblikata mill-Aġenzija.

4. Meta jiddefinixxi l-pjan nazzjonali ta' migrazzjoni, l-Istat Membru għandu jqis il-klassifikazzjoni ppubblikata mill-Aġenzija.

([1]) ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 194, 25.7.2009, p. 60.
([3]) ĠU L 235, 17.9.1996, p. 6.

*Artikolu 5*

Il-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità, l-idoneità għall-użu u għall-verifika tal-KE stipulati fil-Kapitolu 6 tas-STI tal-Anness għandhom ikunu bbażati fuq il-moduli ddefiniti fid-Deċiżjoni 2010/713/UE.

*Artikolu 6*

1. Għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' għaxar snin, għandu jkun possibbli li jinħareġ ċertifikat ta' verifika tal-KE għal subsistema li jkollha kostitwenti tal-interoperabilità li ma jkollhomx Dikjarazzjoni tal-KE tal-konformità jew idoneità għall-użu, bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfati d-dispożizzjonijiet stipulati fit-Taqsima 6.6 tal-Anness.

2. Il-produzzjoni jew l-aġġornament/tiġdid tas-subsistema bl-użu ta' kostitwenti tal-interoperabilità mhux iċċertifikati għandha titlesta fil-perjodu ta' tranżizzjoni, inkluż it-tqegħid fis-servizz.

3. Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) Ir-raġunijiet għalfejn il-kostitwenti tal-interoperabbiltà ma jiġux iċċertifikati jiġu identifikati sew fil-proċedura ta' verifika msemmija fil-paragrafu 1;

(b) Id-dettalji tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà li ma jiġux iċċertifikati u r-raġunijiet għalfejn ma ġewx iċċertifikati, inkluż l-applikazzjonijiet tar-regoli nazzjonali indikati fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2008/57/KE, jiġu inklużi mill-Awtoritajiet Nazzjonali tas-Sikurezza fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

4. Wara l-perjodu ta' tranżizzjoni, u bl-eċċezzjonijiet li t-Taqsima 6.6.3 tippermetti għall-manutenzjoni, il-kostitwenti tal-interoperabilità għandhom ikunu koperti permezz tad-Dikjarazzjoni tal-KE tal-konformità u/jew idoneità għall-użu qabel ma jkunu jistgħu jiddaħħlu fis-subsistema.

*Artikolu 7*

Skont l-Artikolu 5(3)(f) tad-Direttiva 2008/57/KE, il-Kapitolu 7 tas-STI fl-Anness, jistipula strateġija kif għandha sseħħ il-migrazzjoni lejn subsistema tal-infrastruttura li tkun totalment interoperabbli. Din il-migrazzjoni jeħtieġ li tiġi applikata flimkien mal-Artikolu 20 ta' din id-Direttiva li jispeċifika l-prinċipji tal-applikazzjoni tas-STI għal proġetti ta' tiġdid u aġġornament. Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 20 tad-Direttiva 2008/57/KE. Dan ir-rapport jiġi diskuss fil-kuntest tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2008/57/KE u, fejn ikun xieraq, is-STI imsemmija fl-Anness tiġi adattata.

([4]) ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44.

*Artikolu 8*

1. Fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet li jkunu kklassifikati bħala każijiet speċifiċi stipulati fil-Kapitolu 7 tas-STI, il-kundizzjonijiet li għandhom ikunu ssodisfati għall-verifika tal-interoperabilità skont l-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2008/57/KE għandhom ikunu dawk ir-regoli tekniċi applikabbli li jintużaw fl-Istat Membru li jawtorizza t-tqegħid fis-servizz tas-subsistemi koperti b'din id-Deċiżjoni.

2. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur min-notifika ta' din id-Deċiżjoni:

(a) ir-regoli tekniċi applikabbli msemmija fil-paragrafu 1;

(b) il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità u tal-verifika li għandhom jiġu applikati rigward l-applikazzjoni tar-regoli tekniċi msemmija fil-paragrafu 1;

(c) l-entitajiet li jaħtar biex iwettqu l-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità u għall-verifika tal-każijiet speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 9*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Ġunju 2011.

*Artikolu 10*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' April 2011.

*Għall-Kummissjoni*
Siim KALLAS
*Viċi-President*

*ANNESS*

**DIRETTIVA 2008/57/KE DWAR L-INTEROPERABILITÀ TAS-SISTEMA FERROVJARJA FIL-KOMUNITÀ**

SPEĊIFIKAZZJONI TEKNIKA GĦALL-INTEROPERABILITÀ

Subsistema tal-"Infrastruttura" għall-ferroviji konvenzjonali


1. DAĦLA ..... 62

1.1. Ambitu Tekniku ..... 62

1.2. Ambitu Ġeografiku ..... 62

1.3. Kontenut ta' din is-STI ..... 62

2. DEFINIZZJONI U AMBITU TAS-SUBSISTEMA ..... 62

2.1. Definizzjoni tas-subsistema tal-infrastruttura ..... 62

2.2. Interfaces ta' din is-STI ma' STI oħrajn ..... 63

2.3. Interfaces ta' din is-STI mas-STI tal-Persuni b'Mobilità Mnaqqsa ..... 63

2.4. Interfaces ta' din is-STI mas-STI tas-Sikurezza fil-Mini Ferrovjarji ..... 63

2.5. Inklużjoni tal-infrastruttura fl-ambitu tas-STI tal-Ħsejjes ..... 63

3. REKWIŻITI ESSENZJALI ..... 63

4. DESKRIZZJONI TAS-SUBSISTEMA TAL-INFRASTRUTTURA ..... 66

4.1. Daħla ..... 66

4.2. Speċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tas-subsistema ..... 66

4.2.1. Kategoriji tal-Linji tas-STI ..... 66

4.2.2. Parametri ta' prestazzjoni ..... 66

4.2.3. Parametri bażiċi li jikkaratterizzaw is-subsistema tal-infrastruttura ..... 68

4.2.3.1. Lista ta' Parametri Bażiċi ..... 68

4.2.3.2. Rekwiżiti għall-Parametri Bażiċi ..... 69

4.2.4. Arranġament tal-linji ..... 70

4.2.4.1. Il-qies minimu tal-istrutturi ..... 70

4.2.4.2. Distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji ..... 70

4.2.4.3. Gradjenti massimi ..... 70

4.2.4.4. Raġġ minimu ta' kurva orizzontali ..... 70

4.2.4.5. Raġġ minimu ta' kurva vertikali ..... 71

4.2.5. Parametri tal-binarji ..... 71

4.2.5.1. Qies standard nominali tal-binarju ..... 71

4.2.5.2. Pożizzjoni mżerżqa ..... 71

4.2.5.3. Rata ta' bidla fil-pożizzjoni mżerżqa (bħala funzjoni tal-ħin) ..... 71

4.2.5.4. Defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa ... 71

4.2.5.4.1. Defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa fuq binarju sempliċi u fir-rotta diretta (through route) Ta' punt ta' qlib u ta' qsim ... 72

4.2.5.4.2. Bidla f'daqqa fid-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa fuq binarju diverġenti ta' punti ta' qlib ... 72

4.2.5.5. Koniċità ekwivalenti ... 72

4.2.5.5.1. Valuri skont id-disinn tal-koniċità ekwivalenti ... 72

4.2.5.5.2. Rekwiżiti għall-kontroll tal-koniċità ekwivalenti mqiegħda fis-servizz ... 73

4.2.5.6. Il-profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti għal linja sempliċi ... 73

4.2.5.7. Inklinazzjoni tal-linja ferrovjarja ... 74

4.2.5.7.1. Linja sempliċi ... 74

4.2.5.7.2. Rekwiżiti għall-qlib u għall-qsim ... 74

4.2.5.8. Ebusija tal-binarji ... 74

4.2.6. Punti tal-qlib u tal-qsim ... 74

4.2.6.1. Mezzi ta' llokkjar ... 74

4.2.6.2. Ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz ... 74

4.2.6.3. It-tul massimu mhux iggwidat ta' qsim ottuż fiss ... 75

4.2.7. Reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet applikati ... 75

4.2.7.1. Reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet vertikali ... 75

4.2.7.2. Reżistenza lonġitudinali tal-binarji ... 75

4.2.7.3. Reżistenza laterali tal-binarji ... 76

4.2.8. Reżistenza tal-istrutturi għal tagħbijiet tat-traffiku ... 76

4.2.8.1. Reżistenza ta' pontijiet ġodda għal tagħbijiet tat-traffiku ... 76

4.2.8.1.1. Tagħbijiet vertikali ... 76

4.2.8.1.2. Forzi ċentrifugali ... 77

4.2.8.1.3. Forzi serriepa (nosing forces) ... 77

4.2.8.1.4. Azzjonijiet minħabba trazzjoni u bbrejkjar (tagħbijiet lonġitudinali) ... 77

4.2.8.1.5. Liwja fil-binarju skont id-disinn minħabba azzjonijiet ta' traffiku fuq il-linji ferrovjarji ... 77

4.2.8.2. Tagħbija vertikali ekwivalenti għal xogħlijiet ġodda tal-art u għal effetti tal-pressjoni tal-art ... 77

4.2.8.3. Reżistenza ta' strutturi ġodda fuq jew biswit il-binarji ... 77

4.2.8.4. Reżistenza ta' strutturi u ta' xogħlijiet tal-art eżistenti għal tagħbijiet tat-traffiku ... 77

4.2.9. Kwalità ġeometrika tal-binarju u l-limiti għad-difetti iżolati ... 78

4.2.9.1. Determinazzjoni tal-limiti għal azzjoni immedjata, intervent, u allarm ... 78

| | | |
|---|---|---|
| 4.2.9.2. | Limitu għal azzjoni immedjata għal liwja fil-binarju | 78 |
| 4.2.9.3. | Limitu għal azzjoni immedjata għall-varjazzjoni fil-qies standard tal-binarju | 79 |
| 4.2.9.4. | Limitu għal azzjoni immedjata għall-pożizzjoni mżerżqa | 80 |
| 4.2.10. | Pjattaformi | 80 |
| 4.2.10.1. | Tul utilizabbli tal-pjattaformi | 80 |
| 4.2.10.2. | Il-wisa' u t-tmiem tal-pjattaformi | 80 |
| 4.2.10.3. | Tmiem il-pjattaformi | 80 |
| 4.2.10.4. | L-għoli tal-pjattaformi | 80 |
| 4.2.10.5. | Id-distanza qasira meqjusa vertikalment lil hinn mil-linja ewlenija tat-tiqjis tal-pjattaformi | 80 |
| 4.2.11. | Saħħa, sikurezza u ambjent | 80 |
| 4.2.11.1. | Il-varjazzjonijiet massimi fil-pressjoni fil-mini | 80 |
| 4.2.11.2. | Il-limiti għall-ħsejjes u għall-vibrazzjonijiet u l-miżuri ta' mitigazzjoni | 81 |
| 4.2.11.3. | Protezzjoni minn xokk tal-elettriku | 81 |
| 4.2.11.4. | Is-sikurezza fil-mini ferrovjarji | 81 |
| 4.2.11.5. | L-effett tar-rjieħ inkroċjati | 81 |
| 4.2.12. | Miżuri għall-operazzjonijiet | 81 |
| 4.2.12.1. | Markaturi tad-distanza | 81 |
| 4.2.13. | Installazzjonijiet fissi għas-servisjar tal-ferroviji | 81 |
| 4.2.13.1. | Ġenerali | 81 |
| 4.2.13.2. | Mezzi biex jitbattal it-tojlit | 81 |
| 4.2.13.3. | Faċilitajiet għat-tindif estern tal-ferroviji | 81 |
| 4.2.13.4. | Stokkjar mill-ġdid tal-ilma | 81 |
| 4.2.13.5. | Provvista mill-ġdid tal-karburant | 82 |
| 4.2.13.6. | Provvista ta' puntali tal-elettriku | 82 |
| 4.3. | Speċifikazzjoni funzjonali u teknika tal-interfaces | 82 |
| 4.3.1. | Interfaces mas-subsistema tal-vetturi ferrovjarji | 82 |
| 4.3.2. | Interfaces mas-subsistema tal-enerġija | 84 |
| 4.3.3. | Interfaces mas-subsistema tal-kmand tal-kontroll u s-sinjalazzjoni | 84 |
| 4.3.4. | Interfaces mas-subsistema tal-operat u tal-immaniġġjar tat-traffiku | 84 |
| 4.4. | Regoli operattivi | 84 |
| 4.4.1. | Kundizzjonijiet eċċezzjonali marbuta ma' xogħlijiet ippjanati minn qabel | 84 |
| 4.4.2. | Operazzjoni ddegradata | 84 |
| 4.4.3. | Protezzjoni tal-ħaddiema mill-effetti aerodinamiċi | 84 |

| | | |
|---|---|---|
| 4.5. | Pjan ta' manutenzjoni | 85 |
| 4.5.1. | Qabel ma linja ferrovjarja titqiegħed fis-servizz | 85 |
| 4.5.2. | Wara li linja ferrovjarja titqiegħed fis-servizz | 85 |
| 4.6. | Kompetenzi professjonali | 85 |
| 4.7. | Kundizzjonijiet tas-saħħa u tas-sikurezza | 85 |
| 4.8. | Reġistru tal-infrastruttura | 85 |
| 5. | KOSTITWENTI TAL-INTEROPERABILITÀ | 85 |
| 5.1. | Bażi li fuqha ntgħażlu l-kostitwenti tal-interoperabilità | 85 |
| 5.2. | Lista ta' kostitwenti | 85 |
| 5.3. | Prestazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tal-kostitwenti | 86 |
| 5.3.1. | Il-linja ferrovjarja | 86 |
| 5.3.1.1. | Il-profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti | 86 |
| 5.3.1.2. | Il-mument ta' inerzja tas-sezzjoni trasversali tal-linja ferrovjarja | 86 |
| 5.3.1.3. | L-ebusija tal-linja ferrovjarja | 86 |
| 5.3.2. | Is-sistemi ta' rbit tal-linji ferrovjarji | 86 |
| 5.3.3. | Fallakki riffieda ta' taħt il-binarji | 86 |
| 6. | VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ TAL-KOSTITWENTI TAL-INTEROPERABILITÀ U L-VERIFIKA TAL-KE TAS-SUBSISTEMI | 87 |
| 6.1. | Kostitwenti tal-Interoperabilità | 87 |
| 6.1.1. | Proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità | 87 |
| 6.1.2. | Applikazzjoni tal-moduli | 87 |
| 6.1.3. | Soluzzjonijiet innovattivi għall-kostitwenti tal-interoperabilità | 87 |
| 6.1.4. | Dikjarazzjoni tal-KE ta' konformità għall-kostitwenti tal-interoperabilità | 88 |
| 6.2. | Subsistema tal-infrastruttura | 88 |
| 6.2.1. | Dispożizzjonijiet ġenerali | 88 |
| 6.2.2. | Applikazzjoni tal-moduli | 88 |
| 6.2.3. | Soluzzjonijiet innovattivi | 88 |
| 6.2.4. | Proċeduri ta' valutazzjoni partikolari għal subsistema | 89 |
| 6.2.5. | Soluzzjonijiet tekniċi li jagħtu preżunzjoni ta' konformità fil-fażi tad-disinn | 90 |
| 6.3. | Verifika tal-KE meta l-veloċità tintuża bħala kriterju ta' migrazzjoni | 90 |
| 6.4. | Valutazzjoni tal-pjan ta' manutenzjoni | 90 |
| 6.5. | Valutazzjoni tar-reġistru tal-infrastruttura | 91 |

6.6. Subsistemi li fihom kostitwenti tal-interoperabilità li ma għandhomx dikjarazzjoni tal-KE ........... 91

6.6.1. Kundizzjonijiet ........ 91

6.6.2. Dokumentazzjoni ........ 91

6.6.3. Manutenzjoni tas-subsistemi ċċertifikati skont it-taqsima 6.6.1. ........ 91

7. IMPLIMENTAZZJONI TAS-STI TAL-INFRASTRUTTURA ........ 91

7.1. Applikazzjoni ta' din is-STI għal linji ferrovjarji konvenzjonali ........ 91

7.2. Applikazzjoni ta' din is-STI għal linji ferrovjarji konvenzjonali ġodda ........ 92

7.3. Applikazzjoni ta' din is-STI għal linji ferrovjarji konvenzjonali eżistenti ........ 92

7.3.1. Aġġornament ta' linja ........ 92

7.3.2. Rinnovazzjoni ta' linja ........ 92

7.3.3. Sostituzzjoni fil-qafas tal-manutenzjoni ........ 93

7.3.4. Linji eżistenti li mhumiex suġġetti għal proġett ta' rinnovazzjoni jew ta' aġġornament ........ 93

7.4. Veloċità bħala kriterju ta' migrazzjoni ........ 93

7.5. Kompatibilità tal-infrastruttura u tal-vetturi ferrovjarji ........ 93

7.6. Każijiet speċifiċi ........ 94

7.6.1. Karatteristiċi partikolari tan-netwerk Estonjan ........ 94

7.6.2. Karatteristiċi partikolari tan-Netwerk Finlandiż ........ 94

7.6.3. Karatteristiċi partikolari tan-netwerk Elleniku ........ 95

7.6.4. Karatteristiċi partikolari tan-netwerk Irlandiż ........ 97

7.6.5. Karatteristiċi partikolari tan-netwerk Latvjan ........ 98

7.6.6. Karatteristiċi partikolari tan-netwerk Litwan ........ 98

7.6.7. Karatteristiċi partikolari tan-netwerk Pollakk ........ 98

7.6.8. Karatteristiċi partikolari tan-netwerk Portugiż ........ 99

7.6.9. Karatteristiċi partikolari tan-netwerk Rumen ........ 101

7.6.10. Karatteristiċi partikolari tan-netwerk Spanjol ........ 101

7.6.11. Karatteristiċi partikolari tan-netwerk Svediż ........ 102

7.6.12. Karatteristiċi partikolari tan-netwerk tar-Renju Unit għall-Gran Brittanja ........ 102

7.6.13. Karatteristiċi partikolari tan-netwerk tar-Renju Unit għall-Irlanda ta' Fuq ........ 103

Anness A – Il-valutazzjoni tal-kostitwenti tal-interoperabilità . . . . . 104

Anness B – Il-valutazzjoni tas-subsistema tal-infrastruttura . . . . . 105

Anness C – Ir-rekwiżiti ta' kapaċità għall-istrutturi skont il-Kategoriji tal-Linji tas-STI fil-Gran Brittanja . . . . . 108

Anness D – L-elementi li għandhom ikunu inklużi fir-Reġistru tal-Infrastruttura . . . . . 110

Anness E – Ir-rekwiżiti tal-kapaċità għall-istrutturi skont il-Kategoriji tal-Linji tas-STI . . . . . 111

Anness F – Lista ta' punti miftuħa . . . . . 112

Anness G – Glossarju . . . . . 113

Anness H – Lista ta' standards imsemmija . . . . . 119

1. DAĦLA

1.1. **Ambitu Tekniku**

Din l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità (STI) tikkonċerna s-subsistema tal-infrastruttura u parti mis-subsistema tal-manutenzjoni tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea. Dawn huma inklużi fil-listi ta' subsistemi fl-Anness II (1) għad-Direttiva 2008/57/KE.

1.2. **Ambitu Ġeografiku**

L-ambitu ġeografiku ta' din is-STI huwa s-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea kif ġiet deskritta fl-Anness I (1.1) għad-Direttiva 2008/57/KE.

1.3. **Kontenut ta' din is-StI**

Skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2008/57/KE, din is-STI:

(a) tindika l-għan maħsub tagħha (Kapitolu 2);

(b) tippreskrivi rekwiżiti essenzjali għas-subsistema tal-infrastruttura (Kapitolu 3);

(ċ) tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi li għandhom jintlaħqu mis-subsistema u l-interfaces tagħha fir-rigward tas-subsistemi l-oħra (Kapitolu 4);

(d) tiddetermina l-kostitwenti tal-interoperabilità u l-interfaces li għandhom jiġu koperti mill-ispeċifikazzjonijiet Ewropej, inklużi l-istandards Ewropej, li huma meħtieġa biex jilħqu l-interoperabilità fis-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (Kapitolu 5);

(e) tgħid, f'kull każ li jkun qed jiġi kkunsidrat, liema proċeduri għandhom jintużaw biex tiġi vvalutata l-konformità jew l-idoneità għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabilità, min-naħa l-waħda, jew il-verifika tal-KE tas-subsistemi, min-naħa l-oħra (Kapitolu 6);

(f) tindika l-istrateġija għall-implimentazzjoni ta' din is-STI (Kapitolu 7);

(g) tindika, għall-persunal ikkonċernat, il-kompetenzi professjonali u l-kundizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sikurezza fix-xogħol għall-operat u għall-manutenzjoni tas-subsistema, kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' din is-STI (Kapitolu 4).

Skont l-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 2008/57/KE, il-miżuri għal każijiet speċifiċi huma indikati fil-Kapitolu 7.

Fil-Kapitolu 4, din is-STI tistabbilixxi anki r-regoli operattivi u għall-manutenzjoni speċifiċi għall-ambitu indikat fil-paragrafi 1.1 u 1.2 iktar 'il fuq.

2. DEFINIZZJONI U AMBITU TAS-SUBSISTEMA

2.1. **Definizzjoni tas-subsistema tal-infrastruttura**

Din is-STI tkopri:

(a) is-subsistema strutturali tal-infrastruttura

(b) il-parti tas-subsistema funzjonali tal-manutenzjoni relatata mas-subsistema tal-infrastruttura (jiġifieri: l-impjanti tal-ħasil għat-tindif estern tal-ferroviji, l-istokkjar mill-ġdid tal-ilma, il-provvista mill-ġdid tal-karburant, l-installazzjonijiet fissi biex jitbattlu t-tojlits u l-provvisti ta' puntali (shores) tal-elettriku).

L-elementi tas-subsistema tal-infrastruttura ġew deskritti fl-Anness II (2.1.Infrastruttura) għad-Direttiva 2008/57/KE.

L-ambitu ta' din is-STI, għalhekk, jinkludi l-aspetti li ġejjin tas-subsistema tal-infrastruttura:

(a) L-arranġament tal-linji,

(b) Il-parametri tal-binarji,

(ċ) Il-punti tal-qlib u tal-qsim,

(d) Ir-reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet applikati,

(e) Ir-reżistenza tal-istrutturi għal tagħbijiet tat-traffiku,

(f) Il-kwalità ġeometrika tal-binarji u l-limiti għal difetti iżolati,

(g) Il-pjattaformi,

(h) Is-saħħa, is-sikurezza u l-ambjent,

(i) Il-miżuri għall-operazzjonijiet,

(j) L-installazzjonijiet fissi għas-servisjar tal-ferroviji.

Iktar dettalji huma stabbiliti fit-Taqsima 4.2.3 ta' din is-STI.

2.2. **Interfaces ta' din is-STI ma' STI oħrajn**

It-Taqsima 4.3 ta' din is-STI tistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni funzjonali u teknika tal-interfaces mas-subsistemi li ġejjin, kif ġew iddefiniti fis-STI rilevanti:

(a) Is-subsistema tal-vetturi ferrovjarji,

(b) Is-subsistema tal-enerġija,

(ċ) Is-subsistema tal-kmand tal-kontroll u s-sinjalazzjoni,

(d) Is-subsistema tal-operat u l-immaniġġjar tat-traffiku.

L-interfaces mas-STI tal-Persuni b'Mobilità Mnaqqsa (STI PRM) huma deskritti fit-Taqsima 2.3 iktar 'l isfel.

L-interfaces mas-STI tas-Sikurezza fil-Mini Ferrovjarji (STI SRT) huma deskritti fit-Taqsima 2.4 iktar 'l isfel.

2.3. **Interfaces ta' din is-STI mas-STI tal-Persuni b'Mobilità Mnaqqsa**

Ir-rekwiżiti kollha relatati mas-subsistema tal-infrastruttura għall-aċċess tal-persuni b'mobilità mnaqqsa għas-sistema ferrovjarja huma stabbiliti fis-STI tal-Persuni b'Mobilità Mnaqqsa.

Din is-STI, għalhekk, ma tinkludix rekwiżiti relatati ma' dan l-aspett tas-subsistema tal-infrastruttura.

2.4. **Interfaces ta' din is-STI mas-STI tas-Sikurezza fil-Mini Ferrovjarji**

Ir-rekwiżiti kollha relatati mas-subsistema tal-infrastruttura għas-sikurezza fil-mini ferrovjarji huma stabbiliti fis-STI tas-Sikurezza fil-Mini Ferrovjarji.

Din is-STI, għalhekk, ma tinkludix rekwiżiti relatati ma' dan l-aspett tas-subsistema tal-infrastruttura.

2.5. **Inklużjoni tal-infrastruttura fl-ambitu tas-STI tal-Ħsejjes**

L-ambitu ta' din is-STI jeskludi l-mitigazzjoni tal-ħsejjes, sakemm tkun lesta l-proposta msemmija fl-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-subsistema tal-"vetturi ferrovjarji – ħsejjes", li tispeċifika dan li ġej:

> "Speċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-subsistema tal-'vetturi ferrovjarji - ħsejjes'
>
> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2005 (2006/66/KE).
>
> Din id-Deċiżjoni għandha ssir applikabbli sitt xhur wara d-data tan-notifika tagħha.
>
> 7.2. Reviżjoni tas-STI
>
> … il-KE se tgħaddi lill-'Kumitat tal-Artikolu 21', mhux iktar tard minn seba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din is-STI, rapport u, jekk ikun meħtieġ, proposta għal reviżjoni ta' din is-STI rigward il-kwistjonijiet li ġejjin:
>
> 5. l-inklużjoni tal-infrastruttura fl-ambitu tas-STI tal-Ħsejjes f'koordinazzjoni mas-STI tal-Infrastruttura;"

3. REKWIŻITI ESSENZJALI

It-tabella li ġejja tindika r-referenzi għall-ħtiġijiet [rekwiżiti] essenzjali stabbiliti fl-Anness III għad-Direttiva 2008/57/KE li jingħataw mir-rekwiżiti għall-parametri bażiċi stabbiliti fil-Kapitolu 4.

*Tabella 1*

**Il-Parametri Bażiċi tas-subsistema tal-infrastruttura li jikkorrispondu għar-rekwiżiti essenzjali**

| Taqsima | Parametri bażiċi tas-Subsistema INF CR | Sikurezza | Affidabilità u Disponibilità | Saħħa | Protezzjoni tal-ambjent | Kompatibilità teknika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 4.2.4.1 | Il-qies minimu tal-istrutturi | 1.1.1 | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.4.2 | Id-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji | 1.1.1 | | | | 1.5 |
| 4.2.4.3 | Gradjenti massimi | 1.1.1 | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.4.4 | Raġġ minimu ta' kurva orizzontali | | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.4.5 | Ir-raġġ minimu ta' kurva vertikali | | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.5.1 | Qies standard nominali tal-binarju | | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.5.2 | Pożizzjoni mżerżqa | 1.1.1 | | | | |
| 4.2.5.3 | Rata ta' bidla fil-pożizzjoni mżerżqa | | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.5.4 | Id-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa | 1.1.1 | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.5.5 | Koniċità ekwivalenti | 1.1.1, 1.1.2 | | | | 1.5 |
| 4.2.5.6 | Il-profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti għal linja sempliċi | 1.1.1, 1.1.2 | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.5.7 | L-inklinazzjoni tal-linja ferrovjarja | 1.1.1, 1.1.2 | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.5.8 | L-ebusija tal-binarji | | | | | 1.5 |
| 4.2.6.1 | Il-mezzi ta' llokkjar | 1.1.1, 1.1.2 | | | | |
| 4.2.6.2 | Il-ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz | 1.1.1, 1.1.2 | 1.2 | | | 1.5 |
| 4.2.6.3 | It-tul massimu mhux iggwidat ta' qsim ottuż fiss | 1.1.1, 1.1.2 | | | | 1.5 |
| 4.2.7.1 | Ir-reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet vertikali | 1.1.1, 1.1.2, 1.1.3 | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.7.2 | Ir-reżistenza lonġitudinali tal-binarji | 1.1.1, 1.1.2, 1.1.3 | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.7.3 | Ir-reżistenza laterali tal-binarji | 1.1.1, 1.1.2, 1.1.3 | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.8.1 | Ir-reżistenza ta' pontijiet ġodda għal tagħbijiet tat-traffiku | 1.1.1, 1.1.3 | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.8.2 | It-tagħbija vertikali ekwivalenti għal xogħlijiet ġodda tal-art u għal effetti tal-pressjoni tal-art | 1.1.1, 1.1.3 | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.8.3 | Ir-reżistenza ta' strutturi ġodda fuq jew biswit il-binarji | 1.1.1, 1.1.3 | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.8.4 | Ir-reżistenza ta' strutturi u ta' xogħlijiet tal-art eżistenti għal tagħbijiet tat-traffiku | 1.1.1, 1.1.3 | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.9.1 | Determinazzjoni ta' limiti għal azzjoni immedjata, intervent, u allarm | 1.1.1, 1.1.2 | 1.2 | | | 1.5-§1 |

| Taqsima | Parametri bażiċi tas-Subsistema INF CR | Sikurezza | Affidabilità u Disponibilità | Saħħa | Protezzjoni tal-ambjent | Kompatibilità teknika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 4.2.9.2 | Limitu għal azzjoni immedjata għal liwja fil-binarju | 1.1.1, 1.1.2 | 1.2 | | | 1.5-§1 |
| 4.2.9.3 | Limitu għal azzjoni immedjata għal varjazzjoni fil-qies standard tal-binarju | 1.1.1, 1.1.2 | 1.2 | | | 1.5-§1 |
| 4.2.9.4 | Limitu għal azzjoni immedjata għal pożizzjoni mżerżqa | 1.1.1 | 1.2 | | | 1.5-§1 |
| 4.2.10.1 | Tul utilizabbli tal-pjattaformi | | | | | 1.5 |
| 4.2.10.2 | Il-wisa' u t-tmiem tal-pjattaformi | 1.1.1 | | | | |
| 4.2.10.3 | Tmiem il-pjattaformi | 1.1.1 | | | | |
| 4.2.10.4 | L-għoli tal-pjattaformi | 1.1.1, 2.1.1-§3 | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.10.5 | Id-distanza qasira meqjusa vertikalment lil hinn mil-linja ewlenija tat-tiqjis tal-pjattaformi | 1.1.1, 2.1.1-§3 | | | | 1.5-§1 |
| 4.2.11.1 | Varjazzjoni massima fil-pressjoni fil-mini | 2.1.1-§ 2, 2.1.1-§ 4 | | | | |
| 4.2.11.2 | Il-limiti għall-ħsejjes u għall-vibrazzjonijiet u l-miżuri ta' mitigazzjoni | | | | 1.4.1, 1.4.4, 1.4.5 | |
| 4.2.11.3 | Protezzjoni minn xokk tal-elettriku | 2.1.1-§3 | | | | |
| 4.2.11.4 | Is-sikurezza fil-mini ferrovjarji | 1.1.1, 1.1.4, 2.1.1-§1, 2.1.1-§4 | | 1.3 | 1.4.2 | |
| 4.2.11.5 | L-effett tar-rjieħ inkroċjati | 1.1.1 | | | | |
| 4.2.12.1 | Markaturi tad-distanza | | 1.2 | | | |
| 4.2.13.2 | Il-mezzi biex jitbattal it-tojlit | | 1.2 | 1.3.1 | | 1.5-§1 |
| 4.2.13.3. | Il-faċilitajiet għat-tindif estern tal-ferroviji | | 1.2 | | | 1.5-§1 |
| 4.2.13.4 | L-istokkjar mill-ġdid tal-ilma | | 1.2 | 1.3.1 | | 1.5-§1 |
| 4.2.13.5 | Il-provvista mill-ġdid tal-karburant | | 1.2 | 1.3.1 | | 1.5-§1 |
| 4.2.13.6 | Provvista ta' puntali tal-elettriku | | 1.2 | | | 1.5-§1 |
| 4.4.1 | Kundizzjonijiet eċċezzjonali marbuta ma' xogħlijiet ippjanati minn qabel | | 1.2 | | | |
| 4.4.2 | L-operazzjoni ddegradata | | 1.2 | | | |
| 4.4.3 | Il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-effetti aerodinamiċi | 2.1.1-§2 | | | | |
| 4.5 | Pjan ta' manutenzjoni | | 1.2 | | | |
| 4.6 | Il-kompetenzi professjonali | 1.1.5 | 1.2 | | | |
| 4.7 | Il-kundizzjonijiet tas-saħħa u tas-sikurezza | 2.1.1-§2, 2.1.1-§3, 2.1.1-§4 | 1.2 | 1.3 | 1.4.2 | 1.5 |

## 4. DESKRIZZJONI TAS-SUBSISTEMA TAL-INFRASTRUTTURA

### 4.1. **Daħla**

(1) Is-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea, li għaliha tapplika d-Direttiva 2008/57/KE u li minnha jagħmlu parti s-subsistemi tal-infrastruttura u tal-manutenzjoni, hija sistema integrata li l-koerenza tagħha trid tiġi vverifikata sabiex tkun żgurata l-interoperabilità tas-sistema fir-rigward tar-rekwiżiti essenzjali.

(2) L-Artikolu 5(7) tad-Direttiva jipprovdi li: "[i] it-TSIs [is-STI] ma għandhomx ikunu ta" xkiel għad-deċiżjonijiet mill-Istati Membri rigward l-użu tal-infrastruttura għall-moviment tal-vetturi mhux koperti mit-TSIs [mis-STI]'.

Għalhekk, meta tkun se tiġi ddisinjata linja konvenzjonali ġdida jew aġġornata, għandhom jiġu kkunsidrati l-ferroviji kollha li jistgħu jingħataw awtorizzazzjoni biex jużaw il-linja.

(3) Il-valuri ta' limitu stabbiliti f'din is-STI mhumiex maħsuba biex ikunu imposti bħala valuri tas-soltu skont id-disinn. Madankollu, il-valuri skont id-disinn iridu jkunu fil-limiti stabbiliti f'din is-STI.

(4) L-ispeċifikazzjonjiet funzjonali u tekniċi tas-subsistema u tal-interfaces tagħha, kif ġew deskritti fit-Taqsimiet 4.2 u 4.3, ma jimponux l-użu ta' teknoloġiji jew ta' soluzzjonijiet tekniċi speċifiċi, ħlief fejn dan ikun strettament meħtieġ għall-interoperabilità tan-netwerk ferrovjarju konvenzjonali trans-Ewropew. Imma soluzzjonijiet innovattivi għall-interoperabilità jistgħu jeħtieġu speċifikazzjonijiet ġodda u/jew metodi ġodda ta' valutazzjoni. Sabiex jingħata spazju għall-innovazzjoni teknoloġika, dawn l-ispeċifikazzjonijiet u dawn il-metodi ta' valutazzjoni għandhom jiġu żviluppati bil-proċess deskritt fit-Taqsima 6.2.3.

### 4.2. **Speċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tas-subsistema**

#### 4.2.1. *Kategoriji tal-Linji tas-STI*

(1) L-Anness I(1.1) għad-Direttiva jirrikonoxxi li n-netwerk ferrovjarju konvenzjonali jista' jiġi suddiviż f'kategoriji differenti. Sabiex l-interoperabilità tiġi pprovduta b'mod li jkun effiċjenti mil-lat ekonomiku, din is-STI tiddefinixxi il-"Kategoriji tal-Linji tas-STI". L-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi ta' din is-STI jvarjaw skont il-Kategoriji tal-Linji tas-STI.

(2) Ir-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti mis-subsistema tal-infrastruttura huma speċifikati għal kull waħda mill-Kategoriji tal-Linji tas-STI tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea li ġejjin, kif ikun rilevanti. Dawn il-Kategoriji tal-Linji tas-STI jistgħu jintużaw għall-klassifikazzjoni ta' linji eżistenti sakemm il-Parametri ta' Prestazzjoni rilevanti jiġu ssodisfati skont il-pjan ta' migrazzjoni nazzjonali.

*Tabella 2*

**Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI għas-subsistema tal-infrastruttura ferrovjarja konvenzjonali**

<table>
<tr><th colspan="2" rowspan="2">Kategoriji tal-Linji tas-STI</th><th colspan="3">Tipi ta' Traffiku</th></tr>
<tr><th>Traffiku tal-passiġġieri (P)</th><th>Traffiku tal-merkanzija (F)</th><th>Traffiku mħallat (M)</th></tr>
<tr><td rowspan="4">Tipi ta' Linji</td><td>Linja Ewlenija Ġdida tat-TEN (IV)</td><td>IV-P</td><td>IV-F</td><td>IV-M</td></tr>
<tr><td>Linja Ewlenija tat-TEN Aġġornata (V)</td><td>V-P</td><td>V-F</td><td>V-M</td></tr>
<tr><td>Linja Ġdida Oħra tat-TEN (VI)</td><td>VI-P</td><td>VI-F</td><td>VI-M</td></tr>
<tr><td>Linja Aġġornata Oħra tat-TEN (VII)</td><td>VII-P</td><td>VII-F</td><td>VII-M</td></tr>
</table>

(3) Innota li ċ-ċentri għall-passiġġieri, iċ-ċentri għall-merkanzija u l-linji ta' konnessjoni huma inklużi fil-Kategoriji tal-Linji tas-STI ta' hawn fuq, kif inhu xieraq.

(4) Il-Kategorija tal-Linji tas-STI għal kull sezzjoni tal-binarju għandha tkun ippubblikata fir-Reġistru tal-Infrastruttura.

#### 4.2.2. *Parametri ta' prestazzjoni*

(1) Il-livelli ta' prestazzjoni tal-Kategoriji tal-Linji tas-STI ddefiniti fit-Taqsima 4.2.1 huma kkaratterizzati mill-Parametri ta' Prestazzjoni li ġejjin:

(a) il-qies standard (gauge),

(b) it-tagħbija fuq il-fusijiet,

(ċ) il-veloċità tal-linja,

(d) it-tul tal-ferrovija.

(2) Il-livelli ta' prestazzjoni għal kull Kategorija ta' Linja tas-STI huma stabbiliti fit-Tabella 3 hawn taħt.

*Tabella 3*

**Il-Parametri ta' Prestazzjoni għall-Kategoriji tal-Linji tas-STI**

| | | qies standard | tagħbija fuq il-fusijiet [t] | veloċità tal-linja [km/h] | tul tal-ferrovija [m] |
|---|---|---|---|---|---|
| Kategoriji tal-Linji tas-STI | IV-P | GC | 22,5 | 200 | 400 |
| | + IV-F | GC | 25 | 140 | 750 |
| | IV-M | GC | 25 | 200 | 750 |
| | V-P | GB | 22,5 | 160 | 300 |
| | V-F | GB | 22,5 | 100 | 600 |
| | V-M | GB | 22,5 | 160 | 600 |
| | VI-P | GB | 22,5 | 140 | 300 |
| | VI-F | GC | 25 | 100 | 500 |
| | VI-M | GC | 25 | 140 | 500 |
| | VII-P | GA | 20 | 120 | 250 |
| | VII-F | GA | 20 | 100 | 500 |
| | VII-M | GA | 20 | 120 | 500 |

*Noti:* (P) = traffiku tal-passiġġieri (F) = traffiku tal-merkanzija (M) = traffiku mħallat

(3) L-Artikolu 5(7) tad-Direttiva 2008/57/KE jipprovdi:

"It-TSIs [is-STI] ma għandhomx ikunu ta' xkiel għad-deċiżjonijiet mill-Istati Membri rigward l-użu tal-infrastruttura għall-moviment tal-vetturi mhux koperti mit-TSIs [mis-STI]."

Għalhekk huwa permissibbli li jiġu ddisinjati linji ġodda u aġġornati b'tali mod li dawn jakkomodaw anki qisien standard ikbar, tagħbijiet ikbar fuq il-fusijiet, veloċitajiet ikbar u ferroviji itwal minn dawk speċifikati.

(4) Huwa permissibbli għal postijiet spċifiċi fuq il-linja li jiġu ddisinjati għal veloċità ta' linja u/jew tulijiet ta' ferroviji inqas minn dawk stabbiliti fit-Tabella 3, fejn dan ikun iġġustifikat b'mod xieraq sabiex jissodisfa limitazzjonijiet ġeografiċi, urbani jew ambjentali.

(5) L-infrastruttura ddisinjata skont ir-rekwiżiti minimi ta' din is-STI ma tipprovdix il-kapaċità sabiex jintlaħqu kemm il-veloċità massima kif ukoll it-tagħbija massima fuq il-fusijiet flimkien. L-infrastruttura għandha biss il-kapaċità biex tintuża b'veloċità massima għal tagħbijiet fuq il-fusijiet li jkunu iċken mill-valur massimu stabbilit fit-Tabella 3, u bl-istess mod l-infrastruttura għandha biss il-kapaċità biex tintuża bit-tagħbija massima fuq il-fusijiet għal veloċitajiet iċken mill-valur massimu stabbilit fit-Tabella 3.

(6) Il-Parametri ta' Prestazzjoni effettivi għal kull sezzjoni tal-binarju għandhom ikunu pubblikati fir-Reġistru tal-Infrastruttura.

(7) L-informazzjoni ppubblikata relatata mat-tagħbija fuq il-fusijiet għandha tuża l-Kategoriji tal-Linji tal-EN u/jew il-Klassijiet tal-Lokomotivi ddefiniti fl-Annessi A, J u K għall-EN 15528:2008 flimkien mal-veloċità permessa. Jekk il-kapaċità għall-ġarr tat-tagħbijiet ta' sezzjoni tal-binarju teċċedi l-medda tal-Kategoriji tal-Linji tal-EN u/jew tal-Klassijiet tal-Lokomotivi speċifikati, mela tista' tingħata iktar informazzjoni li tiddefinixxi l-kapaċità għall-ġarr tat-tagħbijiet.

(8) L-informazzjoni ppubblikata relatata mal-qies standard għandha tiddikjara liema mill-qisien standard GA, GB jew GC huwa pprovdut. Barra minn hekk, l-informazzjoni ppubblikata għandha tinkludi qisien standard oħrajn iddefiniti fl-Anness D għall-EN 15273:2009 li huma pprovduti għal ftehimiet multinazzjonali. L-informazzjoni ppubblikata tista' tinkludi l-qisien standard nazzjonali li huma pprovduti għal użu domestiku.

4.2.3. *Parametri bażiċi li jikkaratterizzaw is-subsistema tal-infrastruttura*

4.2.3.1. Lista ta' parametri Bażiċi

(1) Il-Parametri Bażiċi li jikkaratterizzaw is-subsistema tal-infrastruttura, ragruppati skont l-aspetti elenkati fit-taqsima 2.1, huma:

A. **L-arranġament tal-linji:**

(a) Qies minimu tal-istrutturi (4.2.4.1),

(b) Id-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji (4.2.4.2),

(ċ) Il-gradjenti massimi (4.2.4.3),

(d) Ir-raġġ minimu ta' kurva orizzontali (4.2.4.4),

(e) Ir-raġġ minimu ta' kurva vertikali (4.2.4.5),

B. **Il-parametri tal-binarji:**

(f) Il-qies standard nominali tal-binarju (4.2.5.1),

(g) Il-pożizzjoni mżerżqa (4.2.5.2),

(h) Ir-rata ta' bidla fil-pożizzjoni mżerżqa (bħala funzjoni tal-ħin) (4.2.5.3),

(i) Id-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa (4.2.5.4),

(j) Il-koniċità ekwivalenti (4.2.5.5),

(k) Il-profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti għal linja sempliċi (4.2.5.6),

(l) L-inklinazzjoni tal-linja ferrovjarja (4.2.5.7),

(m) L-ebusija tal-binarji (4.2.5.8),

C. **Il-punti tal-qlib u tal-qsim**

(n) Il-mezzi ta' llokkjar (4.2.6.1),

(o) Il-ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz (4.2.6.2),

(p) It-tul massimu mhux iggwidat ta' punt ta' qsim ottuż fiss (4.2.6.3),

D. **Ir-reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet applikati**

(q) Ir-reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet vertikali (4.2.7.1),

(r) Ir-reżistenza lonġitudinali tal-binarji (4.2.7.2),

(s) Ir-reżistenza laterali tal-binarji (4.2.7.3),

E. **Ir-reżistenza tal-istrutturi għal tagħbijiet tat-traffiku**

(t) Ir-reżistenza ta' pontijiet ġodda għal tagħbijiet tat-traffiku (4.2.8.1),

(u) It-tagħbija vertikali ekwivalenti għal xogħlijiet ġodda tal-art u għal effetti tal-pressjoni tal-art (4.2.8.2),

(v) Reżistenza ta' strutturi ġodda fuq jew biswit il-binarji (4.2.8.3),

(w) Ir-reżistenza ta' pontijiet u ta' xogħlijiet tal-art eżistenti għal tagħbijiet tat-traffiku (4.2.8.4),

F. **Il-kwalità ġeometrika tal-binarju u l-limiti għad-difetti iżolati**

(x) Id-determinazzjoni ta' limiti għal azzjoni immedjata, intervent, u allarm (4.2.9.1),

(y) Il-limitu għal azzjoni immedjata għal liwja fil-binarju (4.2.9.2),

(z) Il-limitu għal azzjoni immedjata għal varjazzjoni fil-qies standard tal-binarju (4.2.9.3),

(aa) Il-limitu għal azzjoni immedjata għal pożizzjoni mżerżqa (4.2.9.4),

G. **Il-pjattaformi**

(bb) It-tul utilizzabbli tal-pjattaformi (4.2.10.1),

(cc) Il-wisa' u t-tmiem tal-pjattaformi (4.2.10.2),

(dd) Tmiem il-pjattaformi (4.2.10.3),

(ee) L-għoli tal-pjattaformi (4.2.10.4),

(ff) Id-distanza vertikali mil-linja ewlenija tat-tiqjis tal-pjattaformi (4.2.10.5),

H. **Is-saħħa, is-sikurezza u l-ambjent**

(gg) Il-varjazzjoni massima fil-pressjoni fil-mini (4.2.11.1),

(hh) Limiti għall-ħsejjes u għall-vibrazzjonijiet u miżuri ta' mitigazzjoni (4.2.11.2),

(ii) Il-protezzjoni minn xokk tal-elettriku (4.2.11.3),

(jj) Is-sikurezza fil-mini ferrovjarji (4.2.11.4),

(kk) L-effett ta' rjieħ inkroċjati (4.2.11.5),

I. **Il-miżuri għall-operazzjonijiet**

(ll) Markaturi tad-distanza (4.2.12.1),

J. **L-installazzjonijiet fissi għas-servisjar tal-ferroviji**

(mm) Il-mezzi biex jitbattal it-tojlit (4.2.13.2),

(nn) Il-faċilitajiet għat-tindif estern tal-ferroviji (4.2.13.3),

(oo) L-istokkjar mill-ġdid tal-ilma (4.2.13.4),

(pp) Il-provvista mill-ġdid tal-karburant (4.2.13.5),

(qq) Il-provvista ta' puntali tal-elettriku (4.2.13.6).

4.2.3.2. Rekwiżiti għall-parametri Bażiċi

(1) Dawn ir-rekwiżiti huma deskritti fil-paragrafi li ġejjin, flimkien ma' kwalunkwe kundizzjoni partikolari li tista' titħalla f'kull każ għall-parametri u għall-interfaces ikkonċernati.

(2) Ir-rekwiżiti kollha tal-Kapitolu 4 ta' din is-STI qed jingħataw għal linji mibnija bil-qies standard tal-binarji fl-Ewropa, kif inhu ddefinit fil-paragrafu 4.2.5.1 għal-linji li jkunu konformi ma' din is-STI.

(3) L-ispeċifikazzjonijiet għall-pożizzjoni mżerżqa, għar-rata ta' bidla fil-pożizzjoni mżerżqa, għad-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa, għar-rata ta' bidla fid-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa, u għal-liwja fil-binarji huma applikabbli għal-linji li jkollhom qies standard nominali tal-binarju ta' 1 435 mm. Għal linja li jkollha qies standard nominali tal-binarju ieħor, il-limiti għal dawn il-parametri għandhom ikunu stabbiliti fi proporzjon għad-distanza nominali bejn il-linji ferrovjarji.

(4) F'każ ta' binarju b'linji ferrovjarji multipli, ir-rekwiżiti ta' din is-STI għandhom jiġu applikati b'mod separat għal kull par linji ferrovjarji ddisinjat biex jintuża bħala binarju separat.

(5) Ir-rekwiżiti għal-linji li jirrappreżentaw każijiet speċifiċi, inklużi l-linji mibnija skont qies standard ta' binarju ieħor, huma deskritti fit-Taqsima 7.6.

(6) Huwa permess li f'sezzjoni qasira mill-binarju jkun hemm apparati għat-tranżizzjoni bejn qisien standard nominali tal-binarju differenti. Il-post u t-tip ta' tranżizzjonijiet għandhom ikunu ppubblikati fir-Reġistru tal-Infrastruttura.

(7) Ġew deskritti r-rekwiżiti għas-subsistema f'kundizzjonijiet normali ta' servizz. Il-konsegwenzi, jekk ikun hemm, tat-twettiq tax-xogħlijiet, li jistgħu jeħtieġu eċċezzjonijiet temporanji sa fejn għandha x'taqsam il-prestazzjoni tas-subsistema, jiġu ttrattati fit-Taqsima 4.4.

(8) Il-livelli ta' prestazzjoni tal-ferroviji konvenzjonali jistgħu jittejbu billi jiġu adottati sistemi speċifiċi, bħall-inklinazzjoni (tilting) tal-bodi tal-vettura. Huma permessi kundizzjonijiet speċjali biex jitħaddmu ferroviji ta' din ix-xorta, sakemm ma jinvolvux restrizzjonijiet għal ferroviji oħrajn li mhumiex mgħammra b'sistemi ta' din ix-xorta. Ir-Reġistru tal-Infrastruttura għandu jirreġistra jekk kundizzjonijiet speċjali ta' din ix-xorta jkunux applikabbli. Il-kundizzjonijiet speċjali għandhom ikunu pubblikament disponibbli.

4.2.4. *Arranġament tal-Linji*

4.2.4.1. Il-qies minimu tal-istrutturi

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Il-qies minimu tal-istrutturi għandu jkun iffissat fuq il-bażi tal-qies standard stabbilit fit-Tabella 3 ta' din is-STI.

(2) Il-kalkoli tal-qies minimu tal-istrutturi għandhom isiru bil-metodu kinematiku skont ir-rekwiżiti tal-kapitoli 5, 7, 10 u l-Anness C tal-EN 15273-3:2009.

(3) Fejn tkun ipprovduta elettrifikazzjoni fl-għoli, il-qisien standard tal-pantografi huma stabbiliti fis-STI ENE CR (is-STI tal-Enerġija Ferrovjarja Konvenzjonali).

4.2.4.2. Distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Id-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji għandha tkun iffissata fuq il-bażi tal-qies standard stabbilit fit-Tabella 3 ta' din is-STI.

(2) Fejn ikun xieraq, id-distanza minima bejn iċ-ċentri tal-binarji għandha tikkunsidra wkoll l-effetti aerodinamiċi. Ir-regoli biex jiġu kkunsidrati l-effetti aerodinamiċi u d-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji fejn jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-effetti aerodinamiċi, għadhom qed jiġu diskussi.

(3) Id-distanza minima bejn iċ-ċentri tal-binarji ta' sezzjoni ta' linja għandha tkun ippubblikata fir-Reġistru tal-Infrastruttura.

4.2.4.3. Gradjenti massimi

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI IV-P u VI-P*

(1) Għall-binarji ewlenin fil-fażi tad-disinn huma permessi gradjenti weqfin daqs 35 mm/m, sakemm jiġu osservati r-rekwiżiti għall-"involukru" li ġejjin:

(a) l-inklinazzjoni (slope) tal-profil medju li qed jiċċaqlaq fuq 10 km tkun inqas minn jew daqs 25 mm/m,

(b) it-tul massimu ta' gradjent kontinwu ta' 35 mm/m ma jeċċedix 6 km.

(2) Il-gradjenti tal-binarji mill-pjattaformi tal-passiġġieri ma għandhomx ikunu ta' iktar minn 2,5 mm/m, fejn ikun hemm il-ħsieb li l-vaguni għall-passiġġieri jitwaħħlu jew jinqalgħu regolarment.

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI IV-F, IV-M, VI-F u VI-M*

(3) Għall-binarji ewlenin fil-fażi tad-disinn huma permessi gradjenti massimi weqfin daqs 12,5 mm/m.

(4) Għal sezzjonijiet sa 3 km, huwa permess gradjent massimu ta' 20 mm/m.

(5) Għal sezzjonijiet sa 0,5 km, huwa permess gradjent massimu ta' 35 mm/m f'postijiet fejn ma jkunx hemm il-ħsieb li l-ferroviji jieqfu u jistartjaw waqt operazzjoni normali.

(6) Il-gradjenti tal-binarji mill-pjattaformi tal-passiġġieri ma għandhomx ikunu ta' iktar minn 2.5 mm/m, fejn ikun hemm il-ħsieb li l-vaguni għall-passiġġieri jitwaħħlu jew jinqalgħu regolarment.

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI V-P, V-F, V-M, VII-P, VII-F u VII-M*

(7) Ma ġie speċfikat l-ebda valur għal-linji aġġornati, peress li l-gradjenti jiġu ddeterminati mill-kostruzzjoni oriġinali tal-linja kkonċernata.

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(8) Il-gradjenti tal-binarji għall-ipparkjar tal-ferroviji (stabling tracks) maħsuba għall-vetturi ferrovjarji li għandhom jiġu pparkjati ma għandhomx ikunu ta' iktar minn 2,5 mm/m sakemm ma jittiħdux miżuri speċifiċi sabiex il-vetturi ferovjarji ma jitħallewx jiżżerżqu.

(9) Il-gradjenti u l-postijiet tal-bidliet fil-gradjent għandhom ikunu ppubblikati fir-Reġistru tal-Infrastruttura.

(10) Fil-każ tal-binarji għall-ipparkjar tal-ferroviji, il-gradjenti għandhom jiġu ppubblikati fir-Reġistru tal-Infrastruttura biss meta jeċċedu t-2,5 mm/m.

4.2.4.4. Raġġ minimu ta' kurva orizzontali

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Ir-raġġ minimu ta' kurva orizzontali skont id-disinn għandu jintgħażel billi tiġi kkunsidrata l-veloċità lokali tal-kurva skont id-disinn.

(2) Għall-binarji jew għall-binarji żgħar maġenb il-binarji ewlenin (sidings) għall-ipparkjar tal-ferroviji, ir-raġġ minimu ta' kurva orizzontali skont id-disinn ma għandux ikun inqas minn 150 m.

(3) Ir-raġġ minimu ta' kurva orizzontali mill-pjattaformi huwa stabbilit fis-STI PRM.

(4) Ir-reverse curves (sezzjonijiet tal-binarji fejn kurva lejn naħa tkun segwita minn kurva fin-naħa opposta, fi ftit kliem kurva f'forma ta' ittra S) – għajr reverse curves f'wesgħat fejn jinġemgħu l-ferroviji (marshalling yards) fejn il-vaguni jiġu mċaqilqa minn post għall-ieħor individwalment – b'raġġi ta' bejn 150 m u 300 m għandhom ikunu ddisinjati skont it-Taqsima 8.4 tal-EN 13803-2:2006 sabiex ikun ipprevenut l-illokjar tal-molla mewwieta (buffer locking).

(5) Ir-raġġ tal-iċken kurva orizzontali ta' sezzjoni ta' linja għandu jkun ippubblikat fir-Reġistru tal-Infrastruttura.

4.2.4.5. Raġġ minimu ta' kurva vertikali

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Ir-raġġ tal-kurvi vertikali (ħlief għall-għeqiebi fil-wesgħat fejn jinġemgħu l-ferroviji) għandu jkun ta' mill-inqas 600 m fuq ħotba jew 900 m f'ħofra.

(2) Għall-għeqiebi fil-wesgħat fejn jinġemgħu l-ferroviji, ir-raġġ tal-kurvi vertikali għandu jkun ta' mill-inqas 250 m fuq ħotba jew 300 m f'ħofra.

4.2.5. *Parametri tal-binarji*

4.2.5.1. Qies standard nominali tal-binarju

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Il-qies standard nominali tal-binarju Ewropew għandu jkun ta' 1 435 mm.

(2) Il-qies standard nominali tal-binarju għal linja għandu jkun ippubblikat fir-Reġistru tal-Infrastruttura.

4.2.5.2. Pożizzjoni mżerżqa

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Il-pożizzjoni mżerżqa skont id-disinn fil-binarji biswit il-pjattaformi tal-istazzjonijiet m'għandiex teċċedi l-110 mm.

(2) L-ikbar pożizzjoni mżerżqa fuq sezzjoni ta' linja għandha tkun ippubblikat fir-Reġistru tal-Infrastruttura.

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI IV-P, V-P, VI-P u VII-P*

(3) Il-pożizzjoni mżerżqa skont id-disinn għandha tkun limitata għal 180 mm.

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI IV-F, IV-M, V-F, V-M, VI-F, VI-M, VII-F u VII-M*

(4) Il-pożizzjoni mżerżqa skont id-disinn għandha tkun limitata għal 160 mm.

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI IV-F, IV-M, VI-F u VI-M*

(5) Fuq kurvi b'raġġ ta' inqas minn 290 m, il-pożizzjoni mżerżqa għandha tkun ristretta għal-limitu mogħti mill-formola li ġejja

$D \leq (R-50)/1.5$

fejn D hija l-pożizzjoni mżerżqa f'mm u R huwa r-raġġ f'm.

4.2.5.3. Rata ta' bidla fil-pożizzjoni mżerżqa (bħala funzjoni tal-ħin)

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Ir-rata massima ta' bidla fil-pożizzjoni mżerżqa fi tranżizzjoni għandha tkun ta' 70 mm/s ikkalkolata bħala l-veloċità massima permessa għall-ferroviji li ma jkunux mgħammra b'sistema ta' kumpens għad-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa.

(2) Madankollu, jekk id-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa fi tmiem it-tranżizzjoni tkun inqas minn jew daqs 150 mm u r-rata ta' bidla fid-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa fi tranżizzjoni tkun inqas minn jew daqs 70 mm/s, huwa permissibbli li r-rata ta' bidla massima fil-pożizzjoni mżerżqa tiġi miżjuda għal 85 mm/s.

4.2.5.4. Defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) L-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin huma applikabbli għal linji interoperabbli li jkollhom qies standard nominali tal-binarju kif ġie ddefinit fil-paragrafu 4.2.5.1 ta' din is-STI.

4.2.5.4.1. Defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa fuq binarju sempliċi u fir-rotta diretta (through route) Ta' punt ta' qlib u ta' qsim

(1) Id-defiċjenza massima fil-pożizzjoni mżerżqa li fiha l-ferroviji jitħallew jaħdmu għandha tikkunsidra l-kriterji ta' aċċettazzjoni tal-vetturi kkonċernati, stabbiliti fis-STI tal-vetturi ferrovjarji HS (veloċità għolja) u CR (ferroviji konvenzjonali).

(2) Għall-ferroviji li ma jkunux mgħammra b'sistemi ta' kumpens għad-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa, id-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa f'linji b'veloċitajiet sa u inklużi l-200 km/h m'għandiex teċċedi, mingħajr l-ebda wirja ulterjuri, dawn li ġejjin:

(a) 130 mm (jew 0,85 $m/s^2$ ta' aċċellerazzjoni laterali mhux ikkumpensata) għall-vetturi ferrovjarji approvati skont is-STI tal-Vaguni għall-Merkanzija (STI WAG);

(b) 150 mm (jew 1,0 $m/s^2$ ta' aċċellerazzjoni laterali mhux ikkumpensata) għall-vetturi ferrovjarji approvati skont is-STI RST tal-Lokomotivi u tal-Passiġġieri (STI LOC&PAS).

(3) Huwa permissibbli għal ferroviji ddisinjati speċifikament biex jivvjaġġaw b'defiċjenza ogħla fil-pożizzjoni mżerżqa (unitajiet multipli b'tagħbijiet iktar baxxi fuq il-fusijiet, ferroviji b'sistema li tikkumpensa d-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa) biex jaħdmu b'valuri ta' defiċjenza ogħla fil-pożizzjoni mżerżqa, b'kundizzjoni li jintwera li dan jista' jintlaħaq b'mod sikur.

4.2.5.4.2. Bidla f'daqqa fid-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa fuq binarju diverġenti ta' punti ta' qlib

(1) Il-valuri massimi skont id-disinn ta' bidla f'daqqa fid-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa fuq binarji diverġenti għandhom ikunu:

(a) 120 mm għal qlib li jippermetti veloċitajiet tal-qlib ta' 30 km/h ≤ V ≤ 70 km/h,

(b) 105 mm għal qlib li jippermetti veloċitajiet tal-qlib ta' 70 km/h < V ≤ 170 km/h,

(ċ) 85 mm għal qlib li jippermetti veloċitajiet tal-qlib ta' 170 km/h < V ≤ 200 km/h.

(2) Għall-meded eżistenti ta' disinji ta' qlib tista' tiġi aċċettata konċessjoni ta' 20 mm fuq dawn il-valuri.

4.2.5.5. Koniċità ekwivalenti

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Il-valuri ta' limitu għall-koniċità ekwivalenti msemmija fit-Tabella 4 għandhom jiġu kkalkolati għall-estensjoni (y) tal-ispostament laterali tal-kombinazzjoni ta' rota u ta' fusijiet (wheelset):

— $y = 3\ mm$ *jekk (TG − SR) ≥ 7 mm*

— $y = \left(\frac{(TG - SR) - 1}{2}\right)$, jekk 5 mm ≤ (TG − SR) < 7 mm

— $y = 2\ mm$ *jekk (TG − SR) < 5 mm*

fejn TG hija l-qies standard tal-binarju u SR hija d-distanza bejn l-uċuħ ta' kuntatt tal-flanġ tal-kombinazzjoni ta' rota u ta' fusijiet. Għall-qlib u għall-qsim mhija meħtieġa l-ebda valutazzjoni tal-koniċità ekwivalenti.

4.2.5.5.1. Valuri skont id-disinn tal-koniċità ekwivalenti

(1) Għal linja sempliċi għandhom jingħażlu valuri skont id-disinn tal-qies standard tal-binarju, tal-profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti u tal-inklinazzjoni tal-linja ferrovjarja sabiex ikun żgurat li l-limiti għall-koniċità ekwivalenti stabbiliti fit-Tabella 4 ma jinqabżux.

*Tabella 4*

**Il-valuri ta' limitu skont id-disinn għall-koniċità ekwivalenti**

| Medda ta' veloċitajiet [km/h] | Koniċità ekwivalenti | |
|---|---|---|
| | S 1002, GV 1/40 | EPS |
| v ≤ 60 | Valutazzjoni mhux meħtieġa | Valutazzjoni mhux meħtieġa |
| 60 < v ≤ 160 | 0,25 | 0,30 |
| 160 < v ≤ 200 | 0,25 | 0,30 |

(2) Il-kombinazzjonijiet ta' roti u ta' fusijiet li ġejjin għandhom ikunu mmudellati fuq il-kundizzjonijiet maħsuba tal-binarji (simulati b'kalkolu skont l-EN 15302:2008):

(a) S 1002 kif iddefinita fl-Anness C għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 420 mm

(b) S 1002 kif iddefinita fl-Anness C għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 426 mm

(ċ) GV 1/40 kif iddefinita fl-Anness B għall-EN 13715:2006 b’SR = 1 420 mm

(d) GV 1/40 kif iddefinita fl-Anness B għall-EN 13715:2006 b’SR = 1 426 mm

(e) EPS kif iddefinita fl-Anness D għall-EN 13715:2006 b’SR = 1 420 mm.

4.2.5.5.2. Rekwiżiti għall-kontroll tal-koniċità ekwivalenti mqiegħda fis-servizz

(1) Ir-rekwiżiti għall-kontroll tal-koniċità ekwivalenti mqiegħda fis-servizz għadhom qed jiġu diskussi.

(2) Malli d-disinn inizjali tas-sistema tal-binarji jkun ġie stabbilit, parametru importanti għall-kontroll tal-koniċità ekwivalenti mqiegħda fis-servizz huwa l-qies standard tal-binarju. Għalhekk, sakemm jingħalqu d-diskussjonijiet, il-valuri għal qies standard medju tal-binarju u r-rekwiżiti għall-azzjonijiet li għandhom jittieħdu f’każ ta’ instabilità fir-rikba stabbiliti iktar ‘l isfel għandhom jiġu rrispettati.

(3) L-Amministratur Infrastrutturali għandu jżomm il-qies standard medju tal-binarju fuq binarju dritt u f’kurvi b’raġġ R > 10 000 m fil-limitu stabbilit fit-tabella ta’ hawn taħt jew ‘il fuq minnu.

*Tabella 5*

**Il-qies standard medju minimu mqiegħed fis-servizz fuq binarju dritt u f’kurvi b’raġġ R > 10 000 m**

| Medda ta’ veloċitajiet [km/h] | Qies standard medju [mm] fuq 100 m |
|---|---|
| v ≤ 60 | valutazzjoni mhux meħtieġa |
| 60 < v ≤ 160 | 1 430 |
| 160 < v ≤ 200 | 1 430 |

(4) Jekk tkun irrapportata xi instabilità fir-rikba fuq binarju li jirrispetta r-rekwiżit tat-Taqsima 4.2.5.5 għal vetturi ferrovjarji li jkollhom kombinazzjonijiet ta’ roti u ta’ fusijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-koniċità ekwivalenti stabbiliti fis-STI tal-vetturi ferrovjarji HS u CR, għandha ssir investigazzjoni konġunta min-naħa tal-Impriża Ferrovjarja u tal-Amministratur Infrastrutturali sabiex tkun iddeterminata r-raġuni għal dan.

4.2.5.6. Il-profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti għal linja sempliċi

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Id-disinn tal-profili tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti għal linja sempliċi għandu jinkludi:

(a) inklinazzjoni laterali fuq in-naħa tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti angolata għal bejn il-vertikali u 1/16 b’referenza għall-assi vertikali tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti;

(b) id-distanza vertikali bejn il-quċċata ta’ din l-inklinazzjoni vertikali u l-parti ta’ fuq tal-linja ferrovjarja għandha tkun ta’ inqas minn 15 mm;

(ċ) raġġ ta’ mill-inqas 12 mm fir-rokna tal-qies standard;

(d) id-distanza orizzontali bejn il-quċċata tal-linja ferrovjarja u l-punt tanġenzjali għandha tkun ta’ bejn 31 u 37 mm.

*Grafika 1*

**Il-profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti**




1 quċċata tal-linja ferrovjarja

2 punt tanġenzjali

3 inklinazzjoni laterali

4 assi vertikali tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti

5 rokna tal-qies standard

4.2.5.7. Inklinazzjoni tal-linja ferrovjarja

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

4.2.5.7.1. Linja sempliċi

(1) Il-linja ferrovjarja għandha tkun inklinata lejn iċ-ċentru tal-binarju.

(2) L-inklinazzjoni tal-linja ferrovjarja għal rotta partikolari għandha tingħażel mill-medda ta' bejn 1/20 u 1/40.

(3) Il-valur magħżul għandu jkun iddikjarat fir-Reġistru tal-Infrastruttura.

4.2.5.7.2. Rekwiżiti għall-qlib u għall-qsim

(1) Il-linja ferrovjarja fil-qlib u fil-qsim għandha tkun iddisinjata biex jew tkun vertikali jew tkun inklinata.

(2) Jekk il-linja ferrovjarja tkun inklinata, l-inklinazzjoni ddisinjata fil-qlib u fil-qsim għandha tkun l-istess bħal dik għal linja sempliċi.

(3) L-inklinazzjoni tista' tingħata mill-forma tal-parti attiva tal-profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti.

(4) Għal sezzjonijiet qosra ta' linja sempliċi bejn qlib u qsim mingħajr inklinazzjoni, huwa permess li jitqiegħdu linji ferrovjarji mingħajr inklinazzjoni.

(5) Hija permessa tranżizzjoni qasira minn linja ferrovjarja inklinata għal waħda vertikali.

4.2.5.8. Ebusija tal-binarji

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Ir-rekwiżiti għall-ebusija tal-binarji bħala sistema kompluta għadhom qed jiġu diskussi.

4.2.6. *Punti tal-qlib u tal-qsim*

4.2.6.1. Mezzi ta' llokkjar

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI IV-P, IV-F, IV-M, VI-P, VI-F u VI-M*

(1) Il-partijiet kollha li jiċċaqilqu tal-punti tal-qlib u tal-qsim għandhom ikunu mgħammra b'mezzi ta' llokkjar, ħlief fil-wesgħat fejn jinġemgħu l-ferroviji u f'binarji oħrajn li jintużaw biss biex il-ferroviji jiġu mċaqilqa minn post għall-ieħor.

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI V-P, V-F, V-M, VII-P, VII-F u VII-M*

(2) Fejn il-veloċità massima tkun ta' iktar minn 40 km/h, il-partijiet kollha li jiċċaqilqu tal-punti tal-qlib u tal-qsim għandhom ikunu mgħammra b'mezzi ta' llokkjar, sakemm ma jintużawx esklużivament fid-direzzjoni tal-konverġenza.

4.2.6.2. Ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) F'dan il-paragrafu, is-STI tagħti valuri ta' limitu mqiegħda fis-servizz li huma kompatibbli mal-karatteristiċi ġeometriċi tal-kombinazzjonijiet ta' roti u ta' fusijiet kif ġew iddefiniti fis-STI tal-vetturi ferrovjarji HS u CR. Għandu jkun il-kompitu tal-Amministratur Infrastrutturali li jiddeċiedi l-valuri skont id-disinn u li jiżgura, permezz tal-pjan ta' manutenzjoni, li l-valuri mqiegħda fis-servizz ma jaqgħux lil hinn mil-limiti tas-STI. Dawn il-limiti huma ffissati bħala limiti għal azzjoni immedjata.

*Grafika 2*

**Il-ġbid lura tal-qlib f'punt ta' qsim komuni fiss**




1 Punt ta' intersezzjoni (IP)

2 Linja teoretika ta' referenza

3 Punt effettiv (RP)

(2) Il-karatteristiċi tekniċi tal-punti tal-qlib u tal-qsim għandhom ikunu konformi mal-valuri mqiegħda fis-servizz li ġejjin:

(a) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free fil-punt ta' qlib: 1 380 mm.

Dan il-valur jista' jiżdied jekk l-Amministratur Infrastrutturali juri li s-sistema ta' attwazzjoni u ta' llokkjar tal-punt ta' qlib tkun tista' tirreżisti l-forzi tal-impatt laterali ta' kombinazzjoni ta' rota u ta' fusijiet.

(b) Il-valur minimu ta' protezzjoni fissa tal-ponta għal punt ta' qsim komuni: 1 392 mm.

Dan il-valur jitkejjel 14 mm taħt is-superfiċje li fuqha jimxu r-roti (running surface), u fuq il-linja teoretika ta' referenza, f'distanza xierqa lura mill-punt effettiv (RP) tal-ponta kif ġie indikat fil-Grafika 2. Għal qsim bi ġbid lura tal-qlib, dan il-valur jista' jitnaqqas. F'dan il-każ, l-Amministratur Infrastrutturali għandu juri li l-ġbid lura tal-qlib huwa suffiċjenti biex jiggarantixxi li r-rota ma tolqotx il-ponta fil-punt effettiv (RP).

(ċ) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free fil-ponta tal-punt ta' qsim: 1 356 mm.

(d) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free mad-daħla għal check rail/wing rail: 1 380 mm.

(e) Il-wisa' minima tal-flangeway (parti miftuħa fil-linja jew fil-binarju li tipprovdi mogħdija minn fejn tgħaddi l-flanġ tar-rota): 38 mm.

(f) Il-fond minimu tal-flangeway: 40 mm.

(g) L-għoli żejjed massimu taċ-check rail: 70 mm.

(3) Ir-rekwiżiti rilevanti kollha għall-qlib u għall-qsim huma applikabbli wkoll għal soluzzjonijiet tekniċi oħrajn li jużaw il-linji ferrovjarji tal-qlib, pereżempju, modifikaturi tal-ġnub (side modifiers) li jintużaw f'binarju b'linji ferrovjarji multipli.

4.2.6.3. It-tul massimu mhux iggwidat ta' qsim ottuż fiss

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Il-valur skont id-disinn tat-tul massimu mhux iggwidat għandu jkun ekwivalenti għal 1 f'9 ($tg\alpha=0.11$, $\alpha=6°20'$) qsim ottuż b'check rail mgħolli 'l fuq b'minimu ta' 45 mm u assoċjat ma' dijametru minimu tar-rota ta' 330 mm f'rotti diretti u dritti.

4.2.7. *Reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet applikati*

4.2.7.1. Reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet vertikali

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Il-binarju, inklużi l-qlib u l-qsim, għandu jkun iddisinjat biex jirreżisti mill-inqas il-forzi li ġejjin:

(a) it-tagħbija fuq il-fusijiet skont il-parametri ta' prestazzjoni għall-Kategoriji tal-Linji tas-STI kif ġew iddefiniti fit-Tabella 3;

(b) il-forza dinamika massima tar-roti li kombinazzjoni ta' rota u ta' fusijiet teżerċita fuq il-binarju. Is-STI tal-vetturi ferrovjarji HS u CR jiddefinixxu limitu għall-forza dinamika massima tar-roti għal kundizzjonijiet tat-test definiti. Ir-reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet vertikali għandha tkun konsistenti ma' dawn il-valuri;

(ċ) il-forza kważi statika massima tar-roti li kombinazzjoni ta' rota u ta' fusijiet teżerċita fuq il-binarju. Is-STI tal-vetturi ferrovjarji HS u CR jiddefinixxu limitu għall-forza kważi statika massima tar-roti għal kundizzjonijiet tat-test definiti. Ir-reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet vertikali għandha tkun konsistenti ma' dawn il-valuri.

4.2.7.2. Reżistenza lonġitudinali tal-binarji

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

4.2.7.2.1. Forzi skont id-disinn

(1) Il-binarju, inklużi l-qlib u l-qsim, għandu jkun iddisinjat sabiex jirreżisti l-forzi lonġitudinali li jirriżultaw mill-ibbrejkjar. Is-STI tal-vetturi ferrovjarji HS u CR jiddefinixxu l-limiti għad-deċellerazzjoni li għandhom jintużaw sabiex ikunu ddeterminati l-forzi lonġitudinali li jirriżultaw mill-ibbrejkjar.

(2) Il-binarju għandu jkun iddisinjat b'tali mod li jirreżisti l-forzi termali lonġitudinali li jirriżultaw minn bidliet fit-temperatura fil-linja ferrovjarja u li jimminimizza l-probabilità li l-binarju jitgħattan taħt il-pressjoni tas-shana.

4.2.7.2.2. Kompatibilità mas-sistemi tal-ibbrejkjar

(1) Il-binarju għandu jkun iddisinjat biex ikun kompatibbli mal-użu ta' brejkijiet manjetiċi fuq il-binarji għal ibbrejkjar ta' emerġenza.

(2) Il-kompatibilità (jew in-nuqqas ta' kompatibilità) tad-disinn tal-binarju adottat mal-użu ta' sistemi ta' bbrejkjar, indipendentement mill-kundizzjonijiet ta' adeżjoni tar-roti mal-linja ferrovjarja għal ibbrejkjar ta' servizz u għal ibbrejkjar ta' emerġenza, għandha tkun ippubblikata fir-Reġistru tal-Infrastruttura. Is-sistemi tal-ibbrejkjar indipendentement mill-kundizzjonijiet ta' adeżjoni tar-roti mal-linja ferrovjarja, jinkludu l-brejkijiet manjetiċi fuq il-binarji u l-brejkijiet tal-belliegħat żgħar tal-kurrent fuq il-binarji.

(3) Fejn il-binarju jkun kompatibbli mal-użu ta' sistemi ta' bbrejkjar indipendenti mill-kundizzjonijiet ta' adeżjoni, ir-Reġistru tal-Infrastruttura għandu jiddikjara kwalunkwe limitazzjoni għall-użu tas-sistemi ta' bbrejkjar li fuqhom tiddependi l-kompatibilità, fejn jiġu kkunsidrati l-kundizzjonijiet klimatiċi lokali u n-numru mistenni ta' applikazzjonijiet ripetuti ta' brejkijiet f'post partikolari.

4.2.7.3. Reżistenza laterali tal-binarji

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Il-binarju, inklużi l-qlib u l-qsim, għandu jkun iddisinjat biex jirreżisti mill-inqas:

(a) il-forza laterali dinamika massima u totali li kombinazzjoni ta' rota u ta' fusijiet teżerċita fuq il-binarju. Is-STI tal-vetturi ferrovjarji HS u CR jiddefinixxu limitu għall-forzi laterali li kombinazzjoni ta' rota u ta' fusijiet teżerċita fuq il-binarju. Ir-reżistenza laterali tal-binarju għandha tkun konsistenti ma' dawn il-valuri,

(b) il-forza ta' gwida kważi statika li kombinazzjoni ta' rota u ta' fusijiet teżerċita fuq il-binarju. Is-STI tal-vetturi ferrovjarji HS u CR jiddefinixxu limitu għall-forza ta' gwida kważi statika Yqst għal raġġi u għal kundizzjonijiet tat-test definiti. Ir-reżistenza laterali tal-binarju għandha tkun konsistenti ma' dawn il-valuri.

4.2.8. *Reżistenza tal-istrutturi għal tagħbijiet tat-traffiku*

(1) Ir-rekwiżiti tal-EN 1991-2:2003 u tal-Anness A2 għall-EN 1990:2002, maħruġa bħala EN 1990:2002/A1:2005, speċifikati f'dan il-kapitolu tas-STI għandhom jiġu applikati skont il-klawżoli korrispondenti fl-annessi nazzjonali għal dawn l-istandards, jekk jeżistu.

4.2.8.1. Reżistenza ta' pontijiet ġodda għal tagħbijiet tat-traffiku

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha - għal strutturi ġodda fuq linji ferrovjarji ġodda jew eżistenti biss*

4.2.8.1.1. Tagħbijiet vertikali

(1) L-istrutturi għandhom ikunu ddisinjati biex isostnu t-tagħbijiet vertikali skont il-mudelli ta' tagħbijiet li ġejjin, iddefiniti fl-EN 1991-2:2003:

(a) Il-Mudell tat-Tagħbijiet 71, kif inhu stabbilit fil-paragrafu 6.3.2 (2)P tal-EN 1991-2:2003

(b) Barra minn hekk, għal pontijiet kontinwi, il-Mudell tat-Tagħbijiet SW/0, kif inhu stabbilit fil-paragrafu 6.3.3 (3)P tal-EN 1991-2:2003

(2) Il-mudelli tat-tagħbijiet għandhom ikunu mmultiplikati bil-fattur alfa (α) kif inhu stabbilit fil-paragrafi 6.3.2 (3)P u 6.3.3 (5)P tal-EN 1991-2:2003.

(3) Il-valur ta' alfa (α) għandu jkun daqs jew ikbar mill-valuri stabbiliti fit-Tabella 6.

*Tabella 6*

**Il-fattur alfa (α) għad-disinn ta' strutturi ġodda**

| Tipi ta' Linji jew Kategoriji tal-Linji tas-STI | Fattur alfa minimu (α) |
|---|---|
| IV | 1,1 |
| V | 1,0 |
| VI | 1,1 |
| VII-P | 0,83 |
| VII-F, VII-M | 0,91 |

(4) L-effetti tat-tagħbijiet mill-mudelli tat-tagħbijiet għandhom jitkabbru bil-fattur dinamiku phi (Φ) kif inhu stabbilit fil-paragafi 6.4.3 (1)P u 6.4.5.2 (2) tal-EN 1991-2:2003.

4.2.8.1.2. Forzi ċentrifugali

(1) Fejn binarju fuq pont ikun ikkurvat fuq it-tul kollu jew parzjali tal-pont, fid-disinn tal-istrutturi għandha tkun ikkunsidrata l-forza ċentrifuga kif inhu stabbilit fil-paragrafi 6.5.1 (2), (4)P, (7) tal-EN 1991-2:2003.

4.2.8.1.3. Forzi serriepa (nosing forces)

(1) Fid-disinn tal-istrutturi għandha tiġi kkunsidrata l-forza serriepa kif inhu stabbilit fit-Taqsima 6.5.2 tal-EN 1991-2:2003.

4.2.8.1.4. Azzjonijiet minħabba trazzjoni u bbrejkjar (tagħbijiet lonġitudinali)

(1) Fid-disinn tal-istrutturi, għandhom jiġu kkunsidrati l-forzi ta' trazzjoni u ta' bbrejkjar kif inhu stabbilit fil-paragafi 6.5.3 (2)P, (4), (5) u (6) tal-EN 1991-2:2003. Id-direzzjoni tal-forzi ta' trazzjoni u ta' bbrejkjar għandhom jikkunsidraw id-direzzjonijiet permessi tal-ivvjaġġar fuq kull binarju.

4.2.8.1.5. Liwja fil-binarju skont id-disinn minħabba azzjonijiet ta' traffiku fuq il-linji ferrovjarji

Il-liwja massima u totali fil-binarju skont id-disinn minħabba azzjonijiet ta' traffiku fuq il-linji ferrovjarji ma' għandhiex teċċedi l-valuri stabbiliti fil-klawżola A2.4.4.2.2(3)P fl-Anness A2 għall-EN 1990:2002 maħruġa bħala EN 1990:2002/A1:2005. Il-liwja totali fil-binarju skont id-disinn tinkludi kwalunkwe liwja li tista' tkun preżenti fil-binarju meta l-pont ma jkunx suġġett għal azzjonijiet ta' traffiku fuq il-linja ferrovjarja, flimkien mal-liwja fil-binarju minħabba d-deformazzjoni totali tal-pont li tirriżulta mill-azzjonijiet tat-traffiku fuq il-linji ferrovjarji.

4.2.8.2. Tagħbija vertikali ekwivalenti għal xogħlijiet ġodda tal-art u għal effetti tal-pressjoni tal-art

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha - għal strutturi ġodda fuq linji ferrovjarji ġodda u eżistenti biss*

(1) Ix-xogħlijiet tal-art għandhom ikunu maħsuba sabiex isostnu t-tagħbijiet vertikali skont il-Mudell tat-Tagħbijiet 71, kif inhu stabbilit fil-paragrafu 6.3.6.4 tal-EN 1991-2:2003.

(2) Il-Mudell tat-Tagħbijiet 71 għandu jkun immultiplat bil-fattur alfa (α), kif inhu stabbilit fil-paragrafu 6.3.2 (3)P tal-EN 1991-2:2003. Il-valur ta' α għandu jkun daqs jew ikbar mill-valuri stabbiliti fit-Tabella 6.

4.2.8.3. Reżistenza ta' strutturi ġodda fuq jew biswit il-binarji

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha - għal strutturi ġodda fuq linji ferrovjarji ġodda u eżistenti biss*

(1) L-azzjonijiet aerodinamiċi minn ferroviji li jkunu għaddejjin għandhom jiġu kkunsidrati kif inhu stabbilit fil-paragrafu 6.6 tal-EN 1991-2:2003.

4.2.8.4. Reżistenza ta' strutturi u ta' xogħlijiet tal-art eżistenti għal tagħbijiet tat-traffiku

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha - għal strutturi ġodda fuq linji ferrovjarji ġodda jew eżistenti biss*

(1) Il-pontijiet u x-xogħlijiet tal-art għandhom jinġiebu għal livell speċifikat ta' interoperabilità, skont il-Kategorija tal-Linji tas-STI kif inhi ddefinita fit-Taqsima 4.2.1.

(2) Ir-rekwiżiti minimi għall-kapaċità tal-istrutturi għal kull Kategorija tal-Linji tas-STI qed jingħataw fl-Anness E. Il-valuri jirrappreżentaw il-livell minimu fil-mira li l-istrutturi jridu jkunu kapaċi jilħqu biex il-linja ferrovjarja tkun iddikjarata interoperabbli.

(3) Il-każijiet li ġejjin huma rilevanti:

(a) Fejn struttura eżistenti tiġi sostitwita bi struttura ġdida, allura l-istruttura l-ġdida għandha tkun skont ir-rekwiżiti tal-Kapitolu 4.2.8.1 jew 4.2.8.2

(b) Jekk il-kapaċità minima tal-istrutturi eżistenti espressa mill-Kategorija tal-Linji tal-EN ippubblikata flimkien mal-veloċità permessa tissodisfa r-rekwiżiti fl-Anness E, allura l-istrutturi eżistenti jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tal-interoperabilità.

(ċ) Fejn il-kapaċità ta' struttura eżistenti ma tissodisfax ir-rekwiżiti fl-Anness E u qed isiru xogħlijiet (eż. tisħiħ) sabiex titkabbar il-kapaċità tal-istruttura ħalli jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' din is-STI (u l-istruttura ma għandhiex tiġi sostitwita bi struttura ġdida), allura l-istruttura għandha tinġieb f'konformità mar-rekwiżiti fl-Anness E.

(4) Għan-netwerk Brittaniku, fil-klawżoli (2) u (3) ta' hawn fuq il-Kategorija tal-Linja EN tista' tiġi ssostitwita bin-numru tad-Disponibilità tar-Rotta (RA) (mogħti skont ir-regola teknika nazzjonali nnotifikata għal dan il-għan) u konsegwentement ir-referenza għall-Anness E tiġi ssostitwita b'referenza għall-Anness C.

4.2.9. *Kwalità ġeometrika tal-binarju u l-limiti għad-difetti iżolati*

4.2.9.1. Determinazzjoni tal-limiti għal azzjoni immedjata, intervent, u allarm

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) L-Amministratur Infrastrutturali għandu jiddetermina l-limiti xierqa għal azzjoni immedjata, intervent u allarm għall-parametri li ġejjin:

(a) allinjament laterali – devjazzjonijiet standard (limitu għall-allarm biss),

(b) livell lonġitudinali – devjazzjonijiet standard (limitu għall-allarm biss),

(ċ) allinjament laterali – difetti iżolati – minn valuri medji sal-ogħla valuri,

(d) livell lonġitudinali – difetti iżolati – minn valuri medji sal-ogħla valuri,

(e) liwja fil-binarju – difetti iżolati – minn valur ta' żero sal-ogħla valur bla ħsara għal-limiti għall-azzjoni immedjata stabbiliti fit-Taqsima 4.2.9.2,

(f) varjazzjoni fil-qies standard tal-binarju – difetti iżolati – minn qies standard nominali tal-binarju sal-ogħla valur suġġett għal-limiti għall-azzjoni immedjata stabbiliti fit-Taqsima 4.2.9.3,

(g) qies standard medju tal-binarju tul kwalunkwe 100 m – minn qies standard nominali tal-binarju sal-valur medju suġġett għal-limiti għall-azzjoni immedjata stabbiliti fit-Taqsima 4.2.5.5.2,

(h) pożizzjoni mżerżqa – minn valur skont id-disinn sal-ogħla valur suġġett għal-limiti għall-azzjoni immedjata stabbiliti fit-Taqsima 4.2.9.4.

(2) Il-kundizzjonijiet tal-kejl għal dawn il-parametri huma stabbiliti fil-Kapitolu 5 tal-EN 13848-1:2003 + A1:2008.

(3) Meta jiġi biex jiddetermina dawn il-limiti, l-Amministratur Infrastrutturali għandu jikkunsidra l-limiti għall-kwalità tal-binarju li ntużaw bħala l-bażi għall-aċċettazzjoni tal-vettura. Ir-rekwiżiti għall-aċċettazzjoni tal-vettura huma stabbiliti fis-STI tal-vetturi ferrovjarji CR u HS.

(4) Il-limiti għal azzjoni immedjata, intervent u allarm adottati mill-Amministratur Infrastrutturali għandhom ikunu rreġistrati fil-pjan ta' manutenzjoni meħtieġ skont it-Taqsima 4.5 ta' din is-STI.

4.2.9.2. Limitu għal azzjoni immedjata għal liwja fil-binarju

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Il-limitu għal azzjoni immedjata għal liwja fil-binarju bħala difett iżolat jingħata bħala valur ta' żero sal-ogħla valur. Il-liwja fil-binarju tiġi ddefinita bħala d-differenza alġebrajka bejn żewġ livelli inkroċjati meħuda f'distanza ddefinita minn xulxin, ġeneralment espressa bħala gradjent bejn iż-żewġ punti fejn jitkejjel il-livell inkroċjat. Il-livell inkroċjat jitkejjel fiċ-ċentri nominali tal-partijiet tal-linja ferrovjarja li jmissu mar-roti.

(2) Il-limitu għal-liwja fil-binarju huwa funzjoni tal-bażi tal-kejl applikata (l) skont il-formola:

Liwja ta' limitu = $(20/l + 3)$

(a) fejn l huwa l-bażi tal-kejl (f'm), b'$1.3\ m \leq l \leq 20\ m$,

(b) b'valur massimu ta' 7 mm/m.

*Grafika 3*

**Il-limitu għal-liwja fil-binarju għall-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha**




(3) Fil-pjan ta' manutenzjoni, l-Amministratur Infrastrutturali għandu jistabbilixxi l-bażi li fuqha se jkejjel il-binarju sabiex jikkontrolla l-konformità ma' dan ir-rekwiżit. Il-bażi tal-kejl għandha tinkludi mill-inqas bażi tal-kejl waħda ta' bejn 2 u 5 m.

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI IV-F, IV-M, V-F, V-M, VI-F, VI-M, VII-F u VII-M*

(4) Jekk ir-raġġ ta' kurva orizzontali jkun inqas minn 420 m u l-pożizzjoni mżerżqa D > (R – 100)/2, il-liwja fil-binarju għandha tkun limitata skont il-formola: Liwja ta' limitu = (20/l + 1.5), b'valur massimu ta' bejn 6 mm/m u 3 mm/m skont it-tul bażi tal-liwja kif jintwera fil-Grafika 4. difetti iżolati tal-liwja [mm/m]

*Grafika 4*

**Il-limitu għal liwja fil-binarju għal linji tal-merkanzija u għal dawk imħalltin fuq kurvi żgħar**




4.2.9.3. Limitu għal azzjoni immedjata għall-varjazzjoni fil-qies standard tal-binarju

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

Il-limiti għal azzjoni immedjata għall-varjazzjoni fil-qies standard tal-binarju huma stabbiliti fit-Tabella 7.

*Tabella 7*

**Il-limiti għal azzjoni immedjata għall-varjazzjoni fil-qies standard tal-binarju**

| Veloċità [km/h] | Dimensjonijiet [mm] | |
|---|---|---|
| | Minn qies standard nominali tal-binarju sal-ogħla valur | |
| | Qies standard minimu tal-binarju | Qies standard massimu tal-binarju |
| V ≤ 80 | – 9 | + 35 |
| 80 < V ≤ 120 | – 9 | + 35 |

| Veloċità [km/h] | Dimensjonijiet [mm] | |
|---|---|---|
| | Minn qies standard nominali tal-binarju sal-ogħla valur | |
| | Qies standard minimu tal-binarju | Qies standard massimu tal-binarju |
| 120 < V ≤ 160 | − 8 | + 35 |
| 160 < V ≤ 200 | − 7 | + 28 |

4.2.9.4. Limitu għal azzjoni immedjata għall-pożizzjoni mżerżqa

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI IV-P, V-P, VI-P u VII-P*

(1) Il-pożizzjoni mżerżqa mqiegħda fis-servizz għandha tinżamm fi +/− 20 mm tal-pożizzjoni mżerżqa skont id-disinn, imma l-pożizzjoni mżerżqa massima permessa mqiegħda fis-servizz hija ta' 190 mm.

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI IV-F, IV-M, V-F, V-M, VI-F, VI-M, VII-F u VII-M*

(2) Il-pożizzjoni mżerżqa mqiegħda fis-servizz għandha tinżamm fi +/− 20 mm tal-pożizzjoni mżerżqa skont id-disinn, imma l-pożizzjoni mżerżqa massima permessa mqiegħda fis-servizz hija ta' 170 mm.

4.2.10. *Pjattaformi*

(1) Ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu huma applikabbli biss għall-pjattaformi tal-passiġġieri fejn ikun hemm il-ħsieb li l-ferroviji li jkunu konformi mas-STI tal-vetturi ferrovjarji HS u CR jieqfu waqt servizz normali.

4.2.10.1. Tul utilizabbli tal-pjattaformi

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) It-tul tal-pjattaforma għandu jkun suffiċjenti sabiex jakkomoda l-itwal ferrovija interoperabbli li jkun hemm il-ħsieb li tieqaf mal-pjattaforma waqt servizz normali. Meta jkun se jiġi ddeterminat it-tul tal-ferroviji li jkun hemm il-ħsieb li jieqfu mal-pjattaforma, għandhom jiġu kkunsidrati kemm ir-rekwiżiti tas-servizz attwali kif ukoll ir-rekwiżiti tas-servizz raġonevolment prevedibbli għal tal-inqas għaxar snin wara li l-pjattaforma titqiegħed fis-servizz.

(2) Huwa permissibbli li jinbena biss it-tul ta' pjattaforma meħtieġ għar-rekwiżit ta' servizz attwali sakemm jittieħdu miżuri passivi għar-rekwiżiti ta' servizz futur raġonevolment prevedibbli.

(3) It-tul utilizzabbli ta' pjattaforma għandu jkun iddikjarat fir-Reġistru tal-Infrastruttura.

4.2.10.2. Il-wisa' u t-tmiem tal-pjattaformi

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Is-STI PRM jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-wisa' u għat-tmiem tal-pjattaforma.

4.2.10.3. Tmiem il-pjattaformi

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Is-STI PRM jistabbilixxi r-rekwiżiti għal tmiem il-pjattaforma.

4.2.10.4. L-għoli tal-pjattaformi

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Is-STI PRM jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-għoli tal-pjattaforma.

4.2.10.5. Id-distanza qasira meqjusa vertikalment lil hinn mil-linja ewlenija tat-tiqjis tal-pjattaformi

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Is-STI PRM jistabbilixxi r-rekwiżiti għad-distanza qasira meqjusa vertikalment lil hinn mil-linja ewlenija tat-tiqjis tal-pjattaformi.

4.2.11. *Saħħa, sikurezza u ambjent*

4.2.11.1. Il-varjazzjonijiet massimi fil-pressjoni fil-mini

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Il-varjazzjoni massima fil-pressjoni fil-mini u fl-istrutturi ta' taħt l-art tul il-parti fuq barra ta' kwalunkwe ferrovija li tkun konformi mas-STI tal-vetturi ferrovjarji HS u CR u li jkun hemm il-ħsieb li tgħaddi mill-mina speċifika b'veloċitajiet ikbar minn 190 km/h ma għandhiex teċċedi l-10 kPa waqt il-ħin li l-ferrovija tieħu biex tgħaddi mill-mina, bil-veloċità massima permessa.

4.2.11.2. Il-limiti għall-ħsejjes u għall-vibrazzjonijiet u l-miżuri ta' mitigazzjoni

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Il-limiti għall-ħsejjes u l-miżuri ta' mitigazzjoni għadhom qed jiġu diskussi.

(2) Il-limiti għall-vibrazzjonijiet u l-miżuri ta' mitigazzjoni għadhom qed jiġu diskussi.

4.2.11.3. Protezzjoni minn xokk tal-elettriku

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Ir-rekwiżiti għal protezzjoni minn xokk tal-elettriku mis-sistema tal-kurrent ta' trazzjoni huma żgurati mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fis-STI ENE CR relatati mal-miżuri protettivi tas-sistemi tal-linji ta' kuntatt fl-għoli.

4.2.11.4. Is-sikurezza fil-mini ferrovjarji

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Ir-rekwiżiti għas-sikurezza fil-mini ferrovjarji huma stabbiliti fis-STI SRT.

4.2.11.5. L-effett tar-rjieħ inkroċjati

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Ir-rekwiżiti biex ikun mitigat l-effett tar-rjieħ inkroċjati għadhom qed jiġu diskussi.

4.2.12. *Miżuri għall-operazzjonijiet*

4.2.12.1. Markaturi tad-distanza

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Il-markaturi tad-distanza għandhom ikunu pprovduti f'intervalli regoli tul il-binarju.

(2) L-intervall nominali bejn il-markaturi tad-distanza għandu jkun iddikjarat fir-Reġistru tal-Infrastruttura.

4.2.13. *Installazzjonijiet fissi għas-servisjar tal-ferroviji*

4.2.13.1. Ġenerali

(1) Din it-Taqsima 4.2.13 tistabbilixxi l-elementi infrastrutturali tas-subsistema tal-manutenzjoni meħtieġa għas-servisjar tal-ferroviji.

(2) Il-post u t-tip ta' installazzjonijiet fissi għas-servisjar tal-ferroviji għandhom ikunu ppubblikati fir-Reġistru tal-Infrastruttura.

4.2.13.2. Mezzi biex jitbattal it-tojlit

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) L-installazzjonijiet fissi biex jitbattal it-tojlit għandhom ikunu kompatibbli mal-karatteristiċi tas-sistema ta' ritenzjoni tat-tojlit speċifikati fis-STI tal-vetturi ferrovjarji HS u CR.

4.2.13.3. Faċilitajiet għat-tindif estern tal-ferroviji

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Fejn ikun provdut impjant għall-ħasil, dan għandu jkun jista' jaħsel il-ġnub esterni ta' ferroviji b'sular wieħed jew bi tnejn b'għoli ta' bejn:

(a) 1 000 u 3 500 mm għal ferrovija b'sular wieħed,

(b) 500 u 4 300 mm għal ferroviji b'żewġ sulari.

(2) L-impjant għall-ħasil għandu jkun iddisinjat b'tali mod li l-ferroviji jistgħu jinsaqu ġo fih bi kwalunkwe veloċità bejn it-2 km/h u l-5 km/h.

4.2.13.4. Stokkjar mill-ġdid tal-ilma

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) It-tagħmir fiss għall-istokkjar mill-ġdid tal-ilma għandu jkun kompatibbli mal-karatteristiċi tas-sistema tal-ilma speċifikati fis-STI tal-vetturi ferrovjarji HS u CR.

(2) It-tagħmir fiss għall-provvista tal-ilma fin-netwerk interoperabbli għandu jkun ipprovdut b'ilma tax-xorb li jissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 98/83/KE.

(3) Il-mod ta' operazzjoni tat-tagħmir għandu jiżgura li l-ilma kkonsenjat lill-vetturi ferrovjarji jkun konformi mal-kwalità speċifikata mid-Direttiva 98/83/KE.

4.2.13.5. Provvista mill-ġdid tal-karburant

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) It-tagħmir għall-provvista mill-ġdid tal-karburant għandu jkun kompatibbli mal-karatteristiċi tas-sistema tal-karburant speċifikati fis-STI tal-vetturi ferrovjarji CR.

4.2.13.6. Provvista ta' puntali tal-elettriku

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha*

(1) Fejn tkun ipprovduta, il-provvista ta' puntali tal-elettriku għandha tkun permezz ta' sistema ta' provvista tal-enerġija waħda jew iktar speċifikata fis-STI tal-vetturi ferrovjarji HS u CR.

## 4.3. Speċifikazzjoni funzjonali u teknika tal-interfaces

Mill-perspettiva tal-kompatibilità teknika, l-interfaces tas-subsistema tal-infrastruttura mas-sistema l-oħra huma kif ġew deskritti fil-paragrafi li ġejjin.

4.3.1. *Interfaces mas-subsistema tal-vetturi ferrovjarji*

*Tabella 8*

**Interfaces mas-subsistema tal-vetturi ferrovjarji, is-STI "RST tal-Lokomotivi u tal-Passiġġieri"**

| Interface | STI ta' Referenza tal-Infrastruttura Ferrovjarja Konvenzjonali | STI ta' Referenza tal-RST tal-Lokomotivi u tal-Passiġġieri Ferrovjarji Konvenzjonali |
|---|---|---|
| Qies standard tal-binarju | 4.2.5.1 Qies standard nominali tal-binarju<br>4.2.5.6 Profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti għal linja sempliċi<br>4.2.6.2 Ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz | 4.2.3.5.2.1 Karatteristiċi mekkaniċi u ġeometriċi ta' kombinazzjoni ta' rota u ta' fusijiet<br>4.2.3.5.2.2 Karatteristiċi mekkaniċi u ġeometriċi tar-roti |
| Qisien standard | 4.2.4.1 Qies minimu tal-istrutturi<br>4.2.4.2 Distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji<br>4.2.4.5 Raġġ minimu ta' kurva vertikali | 4.2.3.1. Tiqjis standard |
| Tagħbija fuq il-fusijiet u spazjar tal-fusijiet | 4.2.7.1 Reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet vertikali<br>4.2.8.1 Reżistenza ta' pontijiet ġodda għal tagħbijiet tat-traffiku<br>4.2.8.2 Tagħbija vertikali ekwivalenti għal xogħlijiet ġodda tal-art u għal effetti tal-pressjoni tal-art<br>4.2.8.4 Reżistenza ta' pontijiet u ta' xogħlijiet tal-art eżistenti għal tagħbijiet tat-traffiku | 4.2.3.2 Tagħbija fuq il-fusijiet u tagħbija fuq ir-roti |
| Karatteristiċi tat-tħaddim | 4.2.7.1 Reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet vertikali<br>4.2.7.3 Reżistenza laterali tal-binarji<br>4.2.8.1.3 Forzi serriepa | 4.2.3.4.2.1 Valuri ta' limitu għal tħaddim sikur<br>4.2.3.4.2.2 Valuri ta' limitu għat-tagħbija fuq il-binarji |
| Koniċità ekwivalenti | 4.2.5.5 Koniċità ekwivalenti | 4.2.3.4.3 Koniċità ekwivalenti |
| Azzjonijiet lonġitudinali | 4.2.7.2 Reżistenza lonġitudinali tal-binarji<br>4.2.8.1.4 L-azzjonijiet minħabba trazzjoni u bbrejkjar (tagħbijiet lonġitudinali) | 4.2.4.5 Prestazzjoni tal-ibbrejkjar |
| Raġġ minimu ta' kurva | 4.2.4.4 Raġġ minimu ta' kurva orizzontali | 4.2.3.6 Raġġ minimu ta' kurva |
| Raġġ ta' kurva orizzontali | 4.2.5.4 Defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa | 4.2.3.4.2.1 Valuri ta' limitu għas-sikurezza fit-tħaddim |
| Aċċellerazzjoni tal-kurva vertikali | 4.2.4.5 Raġġ minimu ta' kurva vertikali | 4.2.3.1 Tiqjis standard |

| Interface | STI ta' Referenza tal-Infrastruttura Ferrovjarja Konvenzjonali | STI ta' Referenza tal-RST tal-Lokomotivi u tal-Passiġġieri Ferrovjarji Konvenzjonali |
|---|---|---|
| Effett aerodinamiku | 4.2.4.2 Distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji<br>4.2.8.3 Reżistenza ta' strutturi ġodda fuq jew biswit il-binarji<br>4.2.11.1 Varjazzjonijiet massimi fil-pressjoni fil-mini | 4.2.6.2.1 Effetti ta' kurrent ta' arja wara oġġett miexi (slipstream) fuq il-passiġġieri fuq il-pjattaformi<br>4.2.6.2.2 Effetti ta' kurrent ta' arja wara oġġett miexi fuq il-ħaddiema fil-ġenb tal-binarji<br>4.2.6.2.3 Polz tal-pressjoni tar-ras<br>4.2.6.2.4 Varjazzjonijiet massimi fil-pressjoni fil-mini |
| Riħ inkroċjat | 4.2.11.5 Effett ta' rjieħ inkroċjati | 4.2.6.2.5 Riħ inkroċjat |
| Installazzjonijiet għas-servisjar tal-ferroviji | 4.2.13.2 Mezzi biex jitbattal it-tojlit<br>4.2.13.3 Faċilitajiet għat-tindif estern tal-ferroviji<br>4.2.13.4 Stokkjar mill-ġdid tal-ilma<br>4.2.13.5 Provvista mill-ġdid tal-karburant<br>4.2.13.6 Provvista ta' puntali tal-elettriku | 4.2.11.3 Sistema biex jitbattal it-tojlit<br>4.2.11.2.2 Tindif estern minn ġo impjant għall-ħasil<br>4.2.11.4 Tagħmir għall-mili mill-ġdid tal-ilma<br>4.2.11.5 Interface għall-mili mill-ġdid tal-ilma<br>4.2.11.7 Tagħmir għall-provvista mill-ġdid tal-karburant<br>4.2.11.6 Rekwiżiti speċjali għall-ipparkjar tal-ferroviji |

*Tabella 9*

**Interfaces mas-subsistema tal-vetturi ferrovjarji, is-STI "Vaguni għall-Merkanzija"**

| Interface | STI ta' Referenza tal-Infrastruttura Ferrovjarja Konvenzjonali | STI ta' Referenza tal-Vaguni Ferrovjarji Konvenzjonali tal-Merkanzija |
|---|---|---|
| Qies standard tal-binarju | 4.2.5.1 Qies standard nominali tal-binarju<br>4.2.5.6 Profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti għal linja sempliċi<br>4.2.6.2 Ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz | 4.2.3.4 Imġiba dinamika tal-vettura |
| Qisien standard | 4.2.4.1 Qies minimu tal-istrutturi<br>4.2.4.2 Distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji<br>4.2.4.5 Raġġ minimu ta' kurva vertikali | 4.2.3.1 Qies standard kinematiku |
| Tagħbija fuq il-fusijiet u spazjar tal-fusijiet | 4.2.7.1 Reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet vertikali<br>4.2.7.3 Reżistenza laterali tal-binarji<br>4.2.8.1 Reżistenza ta' pontijiet ġodda għal tagħbijiet tat-traffiku<br>4.2.8.2 Tagħbija vertikali ekwivalenti għal xogħlijiet ġodda tal-art u għal effetti tal-pressjoni tal-art<br>4.2.8.4 Reżistenza ta' pontijiet u ta' xogħlijiet tal-art eżistenti għal tagħbijiet tat-traffiku | 4.2.3.2 Tagħbija statika fuq il-fusijiet u tagħbija statika lineari |
| Karatteristiċi tat-tħaddim | 4.2.7.1 Reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet vertikali<br>4.2.7.3 Reżistenza laterali tal-binarji (b) | 4.2.3.4 Imġiba dinamika tal-vettura |
| Azzjonijiet lonġitudinali | 4.2.7.2 Reżistenza lonġitudinali tal-binarji<br>4.2.8.1.4 L-azzjonijiet minħabba trazzjoni u bbrejkjar (tagħbijiet lonġitudinali) | 4.2.4.1 Prestazzjoni tal-ibbrejkjar |
| Raġġ minimu ta' kurva | 4.2.4.4 Raġġ minimu ta' kurva orizzontali | 4.2.2.1. Interface (eż. Akkoppjament) bejn vetturi, bejn sett ta' vetturi u bejn ferroviji |
| Raġġ ta' kurva orizzontali | 4.2.5.4 Defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa | 4.2.3.5. Forzi kompressivi lonġitudinali |
| Aċċellerazzjoni tal-kurva vertikali | 4.2.4.5 Raġġ minimu ta' kurva vertikali | 4.2.3.1 Qies standard kinematiku |
| Effett aerodinamiku | 4.2.4.2 Distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji<br>4.2.8.3 Reżistenza ta' strutturi ġodda fuq jew biswit il-binarji<br>4.2.11.1 Varjazzjonijiet massimi fil-pressjoni fil-mini | 4.2.6.2 Effetti aerodinamiċi |
| Riħ inkroċjat | 4.2.11.5 Effett ta' rjieħ inkroċjati | 4.2.6.3 Rjieħ inkroċjati |

4.3.2. *Interfaces mas-subsistema tal-enerġija*

*Tabella 10*

**Interfaces mas-subsistema tal-enerġija**

| Interface | STI ta' Referenza tal-Infrastruttura Ferrovjarja Konvenzjonali | STI ta' Referenza tal-Enerġija Ferrovjarja Konvenzjonali |
|---|---|---|
| Qisien standard | 4.2.4.1 Qies minimu tal-istrutturi | 4.2.14 Qies standard tal-pantografu |
| Protezzjoni minn xokk tal-elettriku | 4.2.11.3 Protezzjoni minn xokk tal-elettriku | 4.7.3 Miżuri protettivi tas-sistema tal-linji ta' kuntatt fl-għoli<br>4.7.4 Miżuri protettivi tar- return circuit (ċirkwit b'fil konduttur li jreġġa' lura l-kurrent elettriku mnejn beda) tal-kurrent |

4.3.3. *Interfaces mas-subsistema tal-kmand tal-kontroll u s-sinjalazzjoni*

*Tabella 11*

**interfaces mas-subsistema tal-kmand tal-kontroll u s-sinjalazzjoni**

| Interface | STI ta' Referenza tal-Infrastruttura Ferrovjarja Konvenzjonali | STI ta' Referenza tal-Kmand tal-Kontroll u s-Sinjalazzjoni Ferrovjarji Konvenzjonali |
|---|---|---|
| Qies minimu tal-istrutturi ffissat għal installazzjonijiet tal-Kmand tal-Kontroll u Sinjalazzjoni (CCS) | 4.2.4.1 Qies minimu tal-istrutturi | 4.2.5 Interfaces tal-ispazji għall-arja tal-ETCS u tal-EIRENE<br>4.2.16 Viżibilità tal-effetti tal-kmand tal-kontroll fuq l-oġġetti tal-binarji |
| Użu ta' brejkijiet tal-belligħat żgħar tal-kurrenti | 4.2.7.2 Reżistenza lonġitudinali tal-binarji | Taqsima 5.2 tal-Appendiċi 1 għall-Anness A: Użu ta' brejkijiet elettriċi/manjetiċi |

4.3.4. *Interfaces mas-subsistema tal-operat u tal-immaniġġjar tat-traffiku*

*Tabella 12*

**interfaces mas-subsistema tal-operat u tal-immaniġġjar tat-traffiku**

| Interface | STI ta' Referenza tal-Infrastruttura Ferrovjarja Konvenzjonali | STI ta' Referenza tal-Operat u tal-Immaniġġjar tat-Traffiku Ferrovjarju Konvenzjonali |
|---|---|---|
| Użu ta' brejkijiet tal-belligħat żgħar tal-kurrenti | 4.2.7.2 Reżistenza lonġitudinali tal-binarji | 4.2.2.6.2 Prestazzjoni tal-brejkijiet |
| Ir-regoli operattivi | 4.4 Regoli operattivi | 4.2.1.2.2.2 Elementi mmodifikati<br>4.2.3.6 Operazzjoni ddegradata |

## 4.4. Regoli operattivi

4.4.1. *Kundizzjonijiet eċċezzjonali marbuta ma' xogħlijiet ippjanati minn qabel*

(1) Waqt xogħlijiet ippjanati minn qabel, jista' jkun hemm il-ħtieġa li l-ispeċifikazzjonijiet tas-subsistema tal-infrastruttura u tal-kostitwenti tal-interoperabilità tagħha ddefiniti fil-Kapitoli 4 u 5 ta' din is-STI jiġu sospiżi temporanjament. Fis-STI tal-Operat u tal-Immaniġġjar tat-Traffiku CR huma stabbiliti dispożizzjonijiet operattivi speċifiċi.

4.4.2. *Operazzjoni ddegradata*

(1) Jistgħu jseħħu avvenimenti li jaffettwaw l-operazzjoni normali ta' linja. Ir-regoli operattivi biex jiġu ġestiti avvenimenti ta' din ix-xorta huma stabbiliti fis-STI tal-Operat u tal-Immaniġġjar tat-Traffiku CR.

4.4.3. *Protezzjoni tal-ħaddiema mill-effetti aerodinamiċi*

(1) L-Amministratur Infrastrutturali għandu jiddefinixxi l-mezzi biex il-ħaddiema jiġu protetti mill-effetti aerodinamiċi.

(2) Għall-ferroviji li jkunu konformi mas-STI tal-vetturi ferrovjarji HS u CR, l-Amministratur Infrastrutturali għandu jikkunsidra l-veloċità effettiva tal-ferroviji u l-valur ta' limitu tal-effetti aerodinamiċi mogħti mis-STI tal-vetturi ferrovjarji HS u CR.

4.5. **Pjan ta' manutenzjoni**

4.5.1. *Qabel ma linja ferrovjarja titqiegħed fis-servizz*

(1) Għandu jiġi ppreparat fajl ta' manutenzjoni li tal-inqas jistabbilixxi:

(a) sett ta' valuri għal-limiti għal azzjoni immedjata,

(b) il-miżuri li għandhom jittieħdu (restrizzjoni tal-veloċità, ħin tat-tiswija) meta l-valuri preskritti jinqabżu,

relatati mal-elementi li ġejjin:

i. ir-rekwżiti għall-kontroll tal-koniċità ekwivalenti mqiegħda fis-servizz,

ii. il-ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz,

iii. il-kwalità ġeometrika tal-binarju u l-limiti għad-difetti iżolati,

iv. it-tmiem tal-pjattaforma kif meħtieġ mis-STI tal-"Persuni b'mobilità mnaqqsa".

4.5.2. *Wara li linja ferrovjarja titqiegħed fis-servizz*

(1) L-Amministratur Infrastrutturali għandu jkollu pjan ta' manutenzjoni li jinkludi l-punti elenkati fit-Taqsima 4.5.1 flimkien ma', tal-inqas, il-punti li ġejjin relatati mal-istess elementi:

(a) sett ta' valuri għal-limiti għal intervent u għal-limiti għal allarm,

(b) dikjarazzjoni dwar il-metodi, il-kompetenzi professjonali tal-persunal u t-tagħmir għas-sikurezza protettiva personali li jeħtieġ li jintuża,

(ċ) ir-regoli li għandhom jiġu applikati għall-protezzjoni tal-persuni li jaħdmu fuq jew qrib il-binarju,

(d) il-mezzi li jintużaw biex ikun ikkontrollat li l-valuri mqiegħda fis-servizz jkunu qed jiġu rrispettati.

4.6. **Kompetenzi professjonali**

(1) Il-kompetenzi professjonali meħtieġa għall-persunal li jżomm f'kundizzjoni tajba s-subsistema tal-infrastruttura għandhom jiġu elenkati b'mod dettaljat fil-pjan ta' manutenzjoni (ara t-Taqsima 4.5.2).

4.7. **Kundizzjonijiet tas-saħħa u tas-sikurezza**

(1) Il-kundizzjonijiet tas-saħħa u tas-sikurezza huma ttrattati fit-taqsimiet tal-konformità mar-rekwiżiti: 4.2.11.1 (Varjazzjoni massima fil-pressjoni fil-mini), 4.2.11.2 (Limiti għall-ħsejjes u l-vibrazzjonijiet u l-miżuri ta' mitigazzjoni), 4.2.11.3 (Protezzjoni minn xokk tal-elettriku), 4.2.10 (Pjattaformi), 4.2.11.4 (Sikurezza fil-mini ferrovjarji), 4.2.13 (Installazzjonijiet fissi għas-servisjar tal-ferroviji), u 4.4 (Regoli operattivi).

4.8. **Reġistru tal-infrastruttura**

(1) Skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2008/57/KE, ir-Reġistru tal-Infrastruttura għandu jindika l-karatteristiċi ewlenin tas-subsistema tal-infrastruttura.

(2) L-Anness D għal din is-STI jindika liema informazzjoni rigward is-subsistema tal-infrastruttura għandha tkun inkluża fir-Reġistru tal-Infrastruttura. L-informazzjoni li għandha tkun inkluża fir-Reġistru tal-Infrastruttura u li tkun meħtieġa għal subsistemi oħrajn hija stabbilita fis-STI kkonċernati.

5. KOSTITWENTI TAL-INTEROPERABILITÀ

5.1. **Bażi li fuqha ntgħażlu l-kostitwenti tal-interoperabilità**

(1) Ir-rekwiżiti tat-Taqsima 5.3 huma bbażati fuq disinn tradizzjonali ta' binarju mifrux fuq sodda ta' żrar b'linja ferrovjarja Vignole (qiegħ ċatt) fuq fallakki riffieda tal-konkrit jew tal-injam u rbit li jipprovdi reżistenza għaż-żelqa (slip) lonġitudinali billi ssir forza fuq il-parti ta' isfel tal-linja ferrovjarja (rail foot).

(2) Il-komponenti u s-subassemblaġġi li jintużaw għall-kostruzzjoni ta' disinji oħrajn ta' binarji ma jiġux ikkunsidrati bħala kostitwenti tal-interoperabilità.

5.2. **Lista ta' kostitwenti**

(1) Għall-finijiet ta' din l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità, l-elementi tal-interoperabilità li ġejjin biss, irrispettivament minn jekk ikunux komponenti individwali jew subassemblaġġi tal-binarju, huma ddikjarati bħala "kostitwenti tal-interoperabilità":

(a) il-linja ferrovjarja (5.3.1),

(b) is-sistemi ta' rbit tal-linji ferrovjarji (5.3.2),

(ċ) il-fallakki riffieda ta' taħt il-binarju (5.3.3).

(2) It-taqsimiet li ġejjin jiddeskrivu l-ispeċifikazzjonijiet applikabbli għal kull wieħed minn dawn il-kostitwenti.

(3) Il-linji ferrovjarji, l-irbit u l-fallakki riffieda ta' taħt li jintużaw għal tul qasir tal-binarju għal finijiet speċifiċi, pereżempju f'punti ta' qlib u ta' qsim, f'apparati ta' espansjoni, f'ċangaturi ta' tranżizzjoni u fi strutturi speċjali, ma jiġux ikkunsidrati bħala kostitwenti tal-interoperabilità.

## 5.3. Prestazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tal-kostitwenti

### 5.3.1. *Il-linja ferrovjarja*

(1) L-ispeċifikazzjonijiet tal-kostitwent tal-interoperabilità "il-linja ferrovjarja" huma dawn li ġejjin:

(a) il-profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti,

(b) il-mument ta' inerzja tas-sezzjoni trasversali tal-linja ferrovjarja,

(ċ) l-ebusija tal-linja ferrovjarja.

#### 5.3.1.1. Il-profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti

(1) Il-profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti għandu jissodisfa r-rekwiżiti tat-Taqsima 4.2.5.6 "Profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti għal linja sempliċi".

(2) Il-profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti għandu jippermetti li r-rekwiżiti tat-Taqsima 4.2.5.5.1 għal "Valuri skont id-disinn għall-koniċità ekwivalenti" jiġu ssodisfati meta jintuża b'medda speċifikata ta' qisien standard tal-binarju u ta' inklinazzjonijiet tal-linji ferrovjarji li jkunu konsistenti mar-rekwiżiti ta' din is-STI.

#### 5.3.1.2. Il-mument ta' inerzja tas-sezzjoni trasversali tal-linja ferrovjarja

(1) Il-mument ta' inerzja huwa rilevanti għar-rekwiżiti tat-Taqsima 4.2.7 "Reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet applikati".

(2) Il-valur ikkalkolat tal-mument ta' inerzja (I) ta' sezzjoni mil-linja ferrovjarja ddisinjata madwar l-assi orizzontali ewlieni miċ-ċentru tal-gravità għandu jkun tal-inqas ta' 1 600 $ċm^4$.

#### 5.3.1.3. L-ebusija tal-linja ferrovjarja

(1) L-ebusija tal-linja ferrovjarja hija rilevanti għar-rekwiżiti tat-Taqsima 4.2.5.6 "Profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti għal linja sempliċi".

(2) L-ebusija tal-linja ferrovjarja mkejla fil-quċċata tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti għandha tkun tal-inqas ta' 200 HBW.

### 5.3.2. *Is-sistemi ta' rbit tal-linji ferrovjarji*

(1) Is-sistema ta' rbit tal-linji ferrovjarji hija rilevanti għar-rekwiżiti tat-Taqsima 4.2.7.2 għar-"Reżistenza lonġitudinali tal-binarji" u tat-Taqsima 4.2.7.3 għar-"Reżistenza laterali tal-binarji" u tat-Taqsima 4.2.7.1 għar-"Reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet vertikali".

(2) Is-sistema ta' rbit tal-linji ferrovjarji għandha tkun konformi fil-kundizzjonijiet ta' test fil-laboratorju mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-forza lonġitudinali meħtieġa biex il-linja ferrovjarja tibda tiżżerżaq (jiġifieri tiċċaqlaq b'mod mhux elastiku) minn assemblaġġ ta' rbit tal-linja ferrovjarja wieħed għandha tkun tal-inqas ta' 7kN,

(b) l-irbit tal-linji ferrovjarji għandu jirreżisti l-applikazzjoni ta' 3 000 000 ċiklu tat-tagħbija tipika applikata f'kurva li tbiddel id-direzzjoni f'daqqa waħda, biex b'hekk il-prestazzjoni tal-irbit f'termini ta' forza ta' kklampjar u ta' trażżin lonġitudinali ma tkunx iddegradata b'iktar minn 20 % u l-ebusija vertikali ma tkunx iddegradata b'iktar minn 25 %. It-tagħbija tipika għandha tkun adattata:

i. għat-tagħbija massima fuq il-fusijiet li s-sistema ta' rbit tal-linji ferrovjarji tkun iddisinjata biex takkomoda,

ii. għall-kombinazzjoni tal-linja ferrovjarja, tal-inklinazzjoni tal-linja ferrovjarja, tal-kuxxinett tal-linja ferrovjarja u tat-tip ta' fallakki riffieda ta' taħt li magħhom tista' tintuża s-sistema ta' rbit.

### 5.3.3. *Fallakki riffieda ta' taħt il-binarji*

(1) Il-fallakki riffieda ta' taħt il-binarji għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li meta jintużaw ma' linja ferrovjarja speċifikata u ma' sistema speċifikata ta' rbit tal-linji ferrovjarji huma jkollhom proprjetajiet li jkunu konsistenti mar-rekwiżiti tat-Taqsima 4.2.5.1 għall-"Qies standard nominali tal-binarju", tat-Taqsima 4.2.5.5.2 għar-"Rekwiżiti għall-kontroll tal-koniċità ekwivalenti mqiegħda fis-servizz (Tabella 5: Il-valuri minimi tal-qies standard medju tal-binarju u f'kurvi b'raġġ R> 10 000 m)", tat-taqsima 4.2.5.7 għall-"Inklinazzjoni tal-linja ferrovjarja" u tat-taqsima 4.2.7 għar-"Reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet applikati".

6. VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ TAL-KOSTITWENTI TAL-INTEROPERABILITÀ U L-VERIFIKA TAL-KE TAS-SUBSISTEMI

6.1. **Kostitwenti tal-Interoperabilità**

6.1.1. *Proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità*

(1) Il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità tal-kostitwenti tal-interoperabilità, kif ġew iddefiniti fil-Kapitolu 5 ta' din is-STI, għandha ssir bl-applikazzjoni tal-moduli rilevanti.

6.1.2. *Applikazzjoni tal-moduli*

(1) Għandhom jintużaw il-moduli għall-valutazzjoni tal-konformità tal-kostitwenti tal-interoperabilità li ġejjin:

(a) CA "Kontroll intern tal-produzzjoni"

(b) CB "Eżami tat-tip KE"

(ċ) CD "Konformità skont it-tip ibbażata fuq is-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità tal-proċess ta' produzzjoni"

(d) CF "Konformità skont it-tip ibbażata fuq il-verifika tal-prodott"

(e) CH "Konformità ibbażata fuq sistema ta' ġestjoni tal-kwalità sħiħa"

(2) Il-moduli għall-valutazzjoni tal-konformità tal-kostitwenti tal-interoperabilità għandhom jintgħażlu minn dawk murija fit-Tabella 13.

*Tabella 13*

**Il-moduli għall-valutazzjoni tal-konformità li għandhom jiġu applikati għall-kostitwenti tal-interoperabilità**

| Proċeduri | Linja ferrovjarja | Sistema ta' rbit tal-linji ferrovjarji | Fallakki riffieda ta' taħt il-binarji |
|---|---|---|---|
| Imqiegħda fis-suq tal-UE qabel id-dħul fis-seħħ ta' din is-STI | CA jew CH | CA jew CH | |
| Imqiegħda fis-suq tal-UE wara d-dħul fis-seħħ ta' din is-STI | CB + CD jew CB + CF jew CH | | |

(3) Fil-każ ta' prodotti li tqiegħdu fis-suq qabel il-pubblikazzjoni ta' din is-STI, għandu jiġi kkunsidrat li t-tip kien approvat u għalhekk m'hemmx għalfejn isir l-eżami tat-tip KE (modulu CB), sakemm il-manifattur juri li kien ikkunsidrat li t-testijiet u l-verifika tal-kostitwenti tal-interoperabilità rnexxew għall-applikazzjonijiet preċedenti f'kundizzjonijiet komparabbli u huma f'konformità mar-rekwiżiti ta' din is-STI. F'dan il-każ, dawn il-valutazzjonijiet għandhom jibqgħu validi fl-applikazzjoni l-ġdida. Jekk ma jkunx possibbli li jintwera li s-soluzzjoni ġiet ipprovata b'mod pożittiv fl-imgħoddi, għandha tapplika l-proċedura għall-kostitwenti tal-interoperabilità mqiegħda fis-suq tal-UE wara l-pubblikazzjoni ta' din is-STI.

(4) Il-valutazzjoni tal-konformità tal-kostitwenti tal-interoperabilità għandha tkopri l-fażijiet u l-karatteristiċi kif ġew indikati fit-Tabella 20 tal-Anness A għal din is-STI.

6.1.3. *Soluzzjonijiet innovattivi għall-kostitwenti tal-interoperabilità*

(1) Jekk għal kostitwent tal-interoperabilità, kif ġie ddefinit fit-Taqsima 5.2, tiġi proposta soluzzjoni innovattiva, il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jiddikjara d-devjazzjonijiet mill-klawżola rilevanti ta' din is-STI u jressaqhom quddiem il-Kummissjoni biex jiġu analizzati.

(2) F'każ li l-analiżi tirriżulta f'opinjoni favorevoli, l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tal-interface xierqa għall-kostitwent u l-metodu ta' valutazzjoni xieraq għandhom jiġu żviluppati taħt l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni.

(3) L-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tal-interface u l-metodi ta' valutazzjoni xierqa li ġew prodotti b'dan il-mod għandhom ikunu inkorporati fis-STI bil-proċess ta' reviżjoni.

(4) Bin-notifika ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, meħuda skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva, is-soluzzjoni innovattiva tista' titħalla tintuża qabel ma tkun inkorporata fis-STI bil-proċess ta' reviżjoni.

6.1.4. *Dikjarazzjoni tal-KE ta' konformità għall-kostitwenti tal-interoperabilità*

6.1.4.1. Il-kostitwenti tal-interoperabilità suġġetti għal direttivi Komunitarji oħrajn

(1) L-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 2008/57/KE jipprovdi li "Meta l-kostitwenti tal-interoperabilità jkunu suġġetti għal direttivi oħra tal-Komunità li jkopru aspetti oħra, id-dikjarazzjoni 'KE' tal-konformità jew l-idoneità għall-użu għandha, f'każijiet bħal dawn, tgħid li l-kostitwenti tal-interoperabilità jilħqu wkoll il-ħtiġijiet [ir-rekwiżiti] ta' dawk id-direttivi l-oħra."

(2) Skont l-Anness IV(3) għad-Direttiva 2008/57/KE, id-dikjarazzjoni tal-KE tal-konformità għandha tkun akkumpanjata mid-dikjarazzjoni li tistabbilixxi l-kundizzjoni għall-użu.

6.1.4.2. Id-dikjarazzjoni tal-KE tal-konformità għal-Linja Ferrovjarja

(1) Id-dikjarazzjoni tal-KE tal-konformità għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni li tistabbilixxi l-medda tal-qisien standard tal-binarju u tal-inklinazzjonijiet tal-linji ferrovjarji li l-profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti tagħha tippermetti li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tat-Taqsima 4.2.5.5.1.

6.1.4.3. Id-dikjarazzjoni tal-KE tal-konformità għas-sistemi ta' rbit tal-linji ferrovjarji

(1) Id-dikjarazzjoni tal-KE tal-konformità għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni li tistabbilixxi:

(a) il-kombinazzjoni tal-linja ferrovjarja, tal-inklinazzjoni tal-linja ferrovjarja, tal-kuxxinett tal-linja ferrovjarja u tat-tip ta' fallakki riffieda ta' taħt li magħhom tista' tintuża s-sistema ta' rbit

(b) it-tagħbija massima fuq il-fusijiet li s-sistema ta' rbit tal-linji ferrovjarji hija ddisinjata biex takkomoda.

6.1.4.4. Id-dikjarazzjoni tal-KE tal-konformità għall-fallakki riffieda ta' taħt il-binarji

(1) Id-dikjarazzjoni tal-KE tal-konformità għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni li tistabbilixxi l-kombinazzjoni tal-linja ferrovjarja, tal-inklinazzjoni tal-linja ferrovjarja u tat-tip ta' sistema ta' rbit tal-linji ferrovjarji li magħhom tista' tintuża l-fallakka riffieda.

6.2. **Subsistema tal-infrastruttura**

6.2.1. *Dispożizzjonijiet ġenerali*

(1) Fuq it-talba tal-applikant, il-Korp Notifikat iwettaq il-verifika tal-KE tas-subsistema tal-infrastruttura skont l-Artikolu 18 ta' u l-Anness VI għad-Direttiva 2008/57/KE u skont id-dispożizzjonijiet tal-moduli rilevanti.

(2) Jekk l-applikant juri li t-testijiet jew il-verifiki ta' subsistema tal-infrastruttura rnexxew għal applikazzjonijiet preċedenti ta' disinn f'ċirkustanzi simili, il-Korp Notifikat għandu jikkunsidra dawn it-testijiet u dawn il-verifiki għall-verifika tal-KE.

(3) Il-verifika tal-KE tas-subsistema tal-infrastruttura għandha tkopri l-fażijiet u l-karatteristiċi indikati fit-Tabella 21 fl-Anness B għal din is-STI. Fit-Taqsima 6.2.4 huma inklużi proċeduri ta' valutazzjoni partikolari għal parametri bażiċi speċifiċi tas-subsistema tal-infrastruttura.

(4) L-applikant għandu jikkompila d-dikjarazzjoni ta' verifika tal-KE għas-subsistema tal-infrastruttura skont l-Artikolu 18 ta' u l-Anness V għad-Direttiva 2008/57/KE.

6.2.2. *Applikazzjoni tal-moduli*

(1) Għall-proċedura ta' verifika tal-KE tas-subsistema tal-infrastruttura, l-applikant jista' jagħżel jew:

(a) Il-Modulu SG: verifika tal-KE bbażata fuq verifika ta' unità, jew

(b) Il-Modulu SH1: verifika tal-KE bbażata fuq sistema ta' ġestjoni tal-kwalità sħiħa flimkien ma' eżami tad-disinn.

6.2.2.1. L-applikazzjoni tal-modulu sg

(1) F'każ fejn il-verifika tal-KE issir bl-iktar mod effettiv billi tintuża l-informazzjoni miġbura mill-Amministratur Infrastrutturali, mill-entità kontraenti jew mill-kuntratturi ewlenin involuti (pereżempju, dejta li tinkiseb billi tintuża l-vettura ta' reġistrazzjoni tal-binarju (track recording vehicle) jew apparati ta' kejl oħrajn), il-Korp Notifikat għandu jikkunsidra din l-informazzjoni biex jivvaluta l-konformità.

6.2.2.2. L-applikazzjoni tal-modulu SH1

(1) Il-modulu SH1 jista' jintgħażel biss fejn l-attivitajiet li jagħtu kontribut lis-subsistema proposta li għandha tiġi vverifikata (disinn, manifattura, assemblaġġ, installazzjoni) huma suġġetti għal sistema ta' ġestjoni tal-kwalità għad-disinn, għall-produzzjoni, għall-ispezzjoni u għall-ittestjar tal-prodott finali, li jkunu approvati u eżaminati minn Korp Notifikat.

6.2.3. *Soluzzjonijiet innovattivi*

(1) Jekk is-subsistema tinkludi soluzzjoni innovattiva, kif imsemmi fit-taqsima 4.1, l-applikant għandu jiddikjara d-devjazzjoni mill-klawżoli rilevanti tas-STI u jressaqhom quddiem il-Kummissjoni.

(2) F'każ ta' opinjoni favorevoli, għandhom jiġu żviluppati l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tal-interface u l-metodi ta' valutazzjoni xierqa għal din is-soluzzjoni.

(3) L-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tal-interface u l-metodi ta' valutazzjoni xierqa li ġew prodotti b'dan il-mod imbagħad għandhom jiġu inkorporati fis-STI bil-proċess ta' reviżjoni.

(4) Bin-notifika ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, meħuda skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva, is-soluzzjoni innovattiva tista' titħalla tintuża qabel ma tkun inkorporata fis-STI bil-proċess ta' reviżjoni.

6.2.4. *Proċeduri ta' valutazzjoni partikolari għal subsistema*

6.2.4.1. Il-valutazzjoni tal-qies minimu tal-istrutturi

(1) Il-valutazzjoni tal-qies minimu tal-istrutturi għandha ssir billi jintużaw ir-riżultati tal-kalkoli li saru mill-Amministratur Infrastrutturali jew mill-entità kontraenti fuq il-bażi tal-Kapitoli 5, 7 u 10 kif ukoll l-Anness C għall-EN 15273-3:2009.

6.2.4.2. Il-valutazzjoni tad-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji

(1) Il-valutazzjoni tad-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji għandha ssir billi jintużaw ir-riżultati tal-kalkoli li saru mill-Amministratur Infrastrutturali jew mill-entità kontraenti fuq il-bażi tal-Kapitolu 9 tal-EN 15273-3:2009.

6.2.4.3. Il-valutazzjoni tad-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa

(1) It-taqsima 4.2.5.4.1 tgħid illi "Huwa permissibbli għal ferroviji ddisinjati speċifikament biex jivvjaġġaw b'defiċjenza ogħla fil-pożizzjoni mżerżqa (unitajiet multipli b'tagħbijiet iktar baxxi fuq il-fusijiet, ferroviji b'sistema li tikkumpensa d-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa) biex jaħdmu b'valuri ta' defiċjenza ogħla fil-pożizzjoni mżerżqa, b'kundizzjoni li jintwera li dan jista' jintlaħaq b'mod sikur".

(2) Il-wirja tas-sikurezza mhix suġġetta għal verifika tal-Korp Notifikat.

6.2.4.4. Il-valutazzjoni tal-valuri skont id-disinn għall-koniċità ekwivalenti

(1) Il-valutazzjoni tal-valuri skont id-disinn għall-koniċità ekwivalenti għandha ssir billi jintużaw ir-riżultati tal-kalkoli li saru mill-Amministratur Infrastrutturali jew mill-entità kontraenti fuq il-bażi tal-EN 15302:2008.

6.2.4.5. Il-valutazzjoni tal-valur minimu tal-qies standard medju tal-binarju

(1) Il-metodu ta' kejl għall-qies standard tal-binarju ngħata fit-Taqsima 4.2.1 tal-EN 13848-1:2003 + A1:2008.

6.2.4.6. Il-valutazzjoni tal-Varjazzjonijiet massimi fil-pressjoni fil-mini

(1) Il-valutazzjoni tal-varjazzjoni massima fil-pressjoni fil-mini (kriterju ta' 10 kPa) għandha ssir billi jintużaw ir-riżultati tal-kalkoli li saru mill-Amministratur Infrastrutturali jew mill-entità kontraenti fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet operattivi kollha bil-ferroviji kollha jkunu konformi mas-STI tal-vetturi ferrovjarji b'veloċità għolja u dawk konvenzjonali u maħsuba biex jgħaddu b'veloċitajiet ta' iktar minn 190 km/h fil-mina speċifika li għandha tiġi vvalutata.

(2) Il-parametri tal-input li għandhom jintużaw iridu jkunu tali li l-pressjoni distinta u karatteristika ta' referenza tal-ferroviji stabbilita fis-STI tal-vetturi ferrovjarji HS tiġi ssodisfata.

(3) Iż-żoni ta' sezzjoni trasversali ta' referenza tal-ferroviji interoperabbli li għandhom jiġu kkunsidrati għandhom ikunu, indipendentement minn kull mutur jew vettura li qed tagħmilha ta' trejler:

(a) 12 $m^2$ għal vetturi maħsuba għal profil kinematiku ta' referenza GC,

(b) 11 $m^2$ għal vetturi maħsuba għal profil kinematiku ta' referenza GC,

(ċ) 10 $m^2$ għal vetturi maħsuba għal profili kinematiċi iċken.

(4) Il-valutazzjoni tista' tikkunsidra l-karatteristiċi tal-kostruzzjoni li jnaqqsu l-varjazzjoni fil-pressjoni (il-forma tad-daħla għall-mina, ix-xaftijiet, eċċ.) jekk ikun hemm, kif ukoll it-tul tal-mina.

6.2.4.7. Il-valutazzjoni tal-Ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim

(1) Il-valutazzjoni tal-punti tal-qlib u tal-qsim fil-fażi tad-disinn hija meħtieġa biex ikun ivverifikat li l-valuri skont id-disinn użati jkunu konsistenti mal-valuri ta' limitu mqiegħda fis-servizz stabbiliti fit-Taqsima 4.2.6.2.

(2) Il-valutazzjoni tal-qsim ottuż fiss fil-fażi tad-disinn ukoll hija meħtieġa sabiex ikun ivverifikat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għat-tul mhux iggwidat fit-Taqsima 4.2.6.3.

6.2.4.8. Il-valutazzjoni ta’ strutturi Ġodda

(1) Il-valutazzjoni tal-istrutturi għandha ssir biss billi t-tagħbijiet tat-traffiku li ntużaw għad-disinn jiġu kkontrollati mar-rekwiżiti minimi tat-Taqsimiet 4.2.8.1, 4.2.8.2 u 4.2.8.3. Il-Korp Notifikat la huwa meħtieġ li jeżamina d-disinn u lanqas li jagħmel xi kalkoli. Meta jeżamina l-valur ta’ alfa li ntuża fid-disinn skont it-Taqsimiet 4.2.8.1 u 4.2.8.2, għandu jiġi kkontrollat biss li l-valur ta’ alfa jissodisfa t-Tabella 6.

6.2.4.9. Il-valutazzjoni ta’ strutturi eżistenti

(1) Il-valutazzjoni tal-istrutturi eżistenti għandha ssir billi jiġi kkontrollat li l-valuri tal-Kategoriji tal-Linji tal-EN (u jekk ikun rilevanti, tal-Klassijiet tal-Lokomotivi) flimkien mal-veloċità permessa ppubblikata mill-Amministratur Infrastrutturali għal-linji li jinkludu l-istrutturi jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness E għal din is-STI.

6.2.4.10. Il-valutazzjoni ta’ installazzjonijiet fissi għas-servisjar tal-ferroviji

(1) Il-valutazzjoni tal-installazzjonijiet fissi għas-servisjar tal-ferroviji taqa’ taħt ir-responsabilità tal-Istat Membru kkonċernat.

6.2.5. *Soluzzjonijiet tekniċi li jagħtu preżunzjoni ta’ konformità fil-fażi tad-disinn*

6.2.5.1. Il-valutazzjoni tar-reżistenza tal-binarji għal linja sempliċi

(1) Binarju b’linji sempliċi mifrux fuq sodda ta’ żrar li jkun konformi mal-karatteristiċi li ġejjin jiġi kkunsidrat bħala li ssodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 4.2.7 relatati mar-reżistenza tal-binarji għal forzi lonġitudinali, vertikali u laterali:

(a) Ir-rekwiżiti għall-komponenti tal-binarji, iddefiniti fil-Kapitolu 5 “Il-Kostitwenti tal-Interoperabilità” bħala l-kostitwenti tal-interoperabilità “il-linja ferrovjarja (5.3.1)”, “is-sistemi ta’ rbit tal-linji (5.3.2)” u “l-fallakki riffieda ta’ taħt (5.3.3)” ikunu ġew issodisfati;

(b) Ikun hemm tal-inqas 1 500 rabta tal-linji ferrovjarji għal kull linja ferrovjarja, għal kull kilometru ta’ tul.

6.2.5.2. Il-valutazzjoni tar-reżistenza tal-binarji għall-qlib u għall-qsim

(1) Il-punti tal-qlib u tal-qsim f’binarju mifrux fuq sodda ta’ żrar li jkunu konformi mal-karatteristiċi li ġejjin jiġu kkunsidrati bħala li ssodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 4.2.7 relatati mar-reżistenza tal-binarji għal forzi lonġitudinali, vertikali u laterali:

(a) Ir-rekwiżiti ddefiniti fil-Kapitolu 5 “Il-kostitwenti tal-interoperabilità” għal-linja ferrovjarja (5.3.1) jiġu sodisfatti għal-linji ferrovjarji sempliċi fil-qlib u fil-qsim u jintużaw linji ferrovjarji tal-qlib u qsim korrispondenti;

(b) Ir-rekwiżiti ddefiniti fil-Kapitolu 5 “Il-kostitwenti tal-interoperabilità” għas-sistemi ta’ rbit tal-linji ferrovjarji (5.3.2) jiġu sodisfatti mill-irbit kollu, ħlief l-irbit li jintuża fil-partijiet li jiċċaqilqu tal-punti tal-qlib u tal-qsim;

(ċ) Ikun hemm tal-inqas ekwivalenti għal 1 500 rabta tal-linji ferrovjarji għal kull linja ferrovjarja, għal kull kilometru ta’ tul b’medja kkalkolata fuq it-tul tal-punti tal-qlib u tal-qsim.

## 6.3. Verifika tal-KE meta l-veloċità tintuża bħala kriterju ta’ migrazzjoni

(1) It-Taqsima 7.4 tippermetti li linja titqiegħed fis-servizz f’veloċità iktar baxxa mill-veloċità aħħarija maħsuba. Din it-taqsima tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-verifika tal-KE f’din iċ-ċirkustanza.

(2) Uħud mill-valuri ta’ limitu stabbiliti fil-Kapitolu 4 jiddependu mill-veloċità maħsuba tar-rotta.

Il-konformità għandha tiġi vvalutata fil-veloċità aħħarija maħsuba; madankollu huwa permissibli li karatteristiċi dipendenti mill-veloċità jiġu vvalutati fil-veloċità iktar baxxa fil-waqt tat-tqegħid fis-servizz.

(3) Il-konformità tal-karatteristiċi l-oħra għall-veloċità maħsuba tar-rotta tibqa’ valida.

(4) Biex tkun iddikjarata l-interoperabilità f’din il-veloċità maħsuba, jeħtieġ biss li tiġi vvalutata l-konformità tal-karatteristiċi li ma ġewx rispettati temporanjament, meta jinġiebu għal-livell meħtieġ.

## 6.4. Valutazzjoni tal-pjan ta’ manutenzjoni

(1) It-Taqsima 4.5 teħtieġ li, għal kull linja konvenzjonali, l-Amministratur Infrastrutturali jkollu pjan ta’ manutenzjoni għas-subsistema tal-infrastruttura.

(2) Il-Korp Notifikat għandu jikkonferma li l-fajl tal-manutenzjoni jeżisti u jinkludi l-elementi elenkati fit-Taqsima 4.5.1. Il-Korp Notifikat mhux responsabbli mill-valutazzjoni tal-idoneità tar-rekwiżiti dettaljati stabbiliti fil-fajl ta’ manutenzjoni.

(3) Il-Korp Notifikat għandu jinkludi kopja tal-fajl ta' manutenzjoni meħtieġ mit-Taqsima 4.5.1 ta' din is-STI fil-fajl tekniku msemmi fl-Artikolu 18(3) tad-Direttiva 2008/57/KE.

6.5. **Valutazzjoni tar-reġistru tal-infrastruttura**

(1) It-Taqsima 4.8 teħtieġ li r-Reġistru tal-Infrastruttura għandu jindika l-karatteristiċi ewlenin tas-subsistema tal-infrastruttura. Il-Korp Notifikat għandu r-responsabilità li jivvaluta li dawk il-karatteristiċi jkunu ġew ippreparati għar-Reġistru tal-Infrastruttura.

6.6. **Subsistemi li fihom kostitwenti tal-interoperabilità li ma għandhomx dikjarazzjoni tal-KE**

6.6.1. *Kundizzjonijiet*

(1) Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni pprovdut fl-Artikolu 6 ta' din id-Deċiżjoni, Korp Notifikat jitħalla joħroġ ċertifikat ta' verifika tal-KE għal subsistema, anki jekk uħud mill-kostitwenti tal-interoperabilità inkorporati fis-subsistema ma jkunux koperti mid-dikjarazzjonijiet tal-KE tal-konformità u/jew tal-idoneità għall-użu rilevanti skont din is-STI, jekk ikun hemm konformità mal-kriterji li ġejjin:

(a) il-konformità tas-subsistema tkun ġiet ikkontrollata mar-rekwiżiti tal-Kapitolu 4 u b'relazzjoni għall-Kapitoli 6.2 sa 7 (ħlief 7.6."Każijiet Speċifiċi") ta' din is-STI mill-Korp Notifikat. Barra minn hekk, il-konformità tal-Kostitwenti tal-Interoperabilità (IC) mal-Kapitoli 5 u 6.1 ma tapplikax, u

(b) il-kostitwenti tal-interoperabilità li mhumiex koperti mid-dikjarazzjoni tal-KE tal-konformità u/jew tal-idoneità għall-użu rilevanti, intużaw f'subsistema li diġà kienet approvata u tqiegħdet fis-servizz tal-inqas f'wieħed mill-Istati Membri qabel id-dħul fis-seħħ ta' din is-STI.

(2) Ma għandhomx isiru dikjarazzjonijiet tal-KE tal-konformità u/jew tal-idoneità għall-użu għall-kostitwenti tal-interoperabilità li jiġu vvalutati b'dan il-mod.

6.6.2. *Dokumentazzjoni*

(1) Iċ-ċertifikat ta' verifika tal-KE tas-subsistema għandu jindika b'mod ċar liema kostitwenti tal-interoperabilità ġew ivvalutati mill-Korp Notifikat bħala parti mill-verifika tas-subsistema.

(2) Id-dikjarazzjoni ta' verifika tal-KE tas-subsistema għandha tindika b'mod ċar:

(a) Liema kostitwenti tal-interoperabilità ġew ivvalutati bħala parti mis-subsistema;

(b) Konferma li s-subsistema tinkludi kostitwenti tal-interoperabilità identiċi għal dawk ivverifikati bħala parti mis-subsistema;

(ċ) Għal dawk il-kostitwenti tal-interoperabilità, ir-raġuni(jiet) għaliex il-manifattur ma pprovdiex dikjarazzjoni tal-KE tal-konformità u/jew tal-idoneità għall-użu qabel l-inkorporazzjoni tagħhom fis-subsistema, inkluża l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali nnotifikati skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2008/57/KE.

6.6.3. *Manutenzjoni tas-subsistemi Ċċertifikati skont it-taqsima 6.6.1.*

(1) Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni kif ukoll wara li jkun intemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, sakemm is-subsistema tiġi aġġornata jew rinnovata (fejn tiġi kkunsidrata d-deċiżjoni tal-Istat Membru dwar l-applikazzjoni tas-STI), il-kostitwenti tal-interoperabilità li ma għandhomx dikjarazzjoni tal-KE tal-konformità u/jew tal-idoneità għall-użu u tal-istess tip jitħallew jintużaw bħala sostituti relatati mal-manutenzjoni (spare parts) għas-subsistema, taħt ir-responsabilità tal-korp responsabbli mill-manutenzjoni.

(2) Ikun xi jkun il-każ, il-korp responsabbli mill-manutenzjoni jrid jiżgura ruħu li l-komponenti għas-sostituti relatati mal-manutenzjoni jkunu adattati għall-applikazzjonijiet tagħhom, jintużaw fil-qasam tal-użu tagħhom, u jagħtu lok biex tintlaħaq l-interoperabilità fis-sistema ferrovjarja filwaqt li fl-istess ħin jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali. Komponenti ta' din ix-xorta jridu jkunu traċċabbli u ċċertifikati skont kwalunkwe regola nazzjonali jew internazzjonali, jew kwalunkwe kodiċi ta' prattika rikonoxxut b'mod wiesa' fil-qasam ferrovjarju.

7. IMPLIMENTAZZJONI TAS-STI TAL-INFRASTRUTTURA

7.1. **Applikazzjoni ta' din is-STI għal linji ferrovjarji konvenzjonali**

(1) Il-Kapitoli 4 sa 6 u kwalunwe dispożizzjoni speċifika fit-Taqsimiet 7.2-7.6 ta' iktar 'l isfel japplikaw b'mod sħiħ għal-linji li jaqgħu fl-ambitu ġeografiku ta' din is-STI u li se jitqiegħdu fis-servizz bħala linji interoperabbli wara li din is-STI tidħol fis-seħħ.

(2) L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw strateġija ta' migrazzjoni nazzjonali li għal-linji tat-TEN tispeċifika dawk l-elementi tas-subsistema tal-infrastruttura li huma meħtieġa għas-servizzi interoperabbli (eż. binarji, binarji żgħar maġenb il-binarju ewlieni, wesgħat fejn jinġemgħu l-ferroviji) u għalhekk għandhom ikunu konformi ma' din is-STI. Din l-istrateġija ta' migrazzjoni għandha tinkludi pjanijiet relatati ma' rinnovazzjoni u aġġornament. Meta jkunu se jispeċifikaw dawk l-elementi, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-koerenza tas-sistema kollha.

## 7.2. Applikazzjoni ta' din is-STI għal linji ferrovjarji konvenzjonali ġodda

(1) Il-Linji Ewlenin Ġodda tat-TEN (tip IV) għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kategorija tal-Linji tas-STI IV-P, IV-F jew IV-M.

(2) Il-Linji Ġodda Oħrajn tat-TEN (tip VI) għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kategorija tal-Linji tas-STI VI-P, VI-F jew VI-M. Huwa wkoll permissibbli li l-linja tissodisfa r-rekwiżiti tal-Kategorija tal-Linji tas-STI IV-P, IV-F jew IV-M rispettivament.

(3) Għall-fini ta' din is-STI "Linja ġdida" għandha tfisser linja li toħloq rotta fejn bħalissa m'hemmx.

(4) Is-sitwazzjonijiet li ġejjin, pereżempju biex tiżdied il-veloċità jew il-kapaċità, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-kostruzzjoni ta' linja aġġornata iktar milli linja ġdida:

(a) ir-riallinjament ta' parti minn rotta eżistenti,

(b) il-ħolqien ta' bypass,

(ċ) iż-żieda ta' binarju wieħed jew iktar f'rotta eżistenti, irrispettivament mid-distanza bejn il-binarji oriġinali u l-binarji addizzjonali.

## 7.3. Applikazzjoni ta' din is-STI għal linji ferrovjarji konvenzjonali eżistenti

Huma rilevanti erba' każijiet possibbli ta' applikazzjoni ta' din is-STI.

### 7.3.1. *Aġġornament ta' linja*

(1) Skont l-Artikolu 2(m) tad-Direttiva 2008/57/KE, "titjib fil-kwalità" [aġġornament] tfisser kull tibdil sostanzjali f'subsistema jew f'parti ta' subsistema li jtejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-subsistema.

(2) Is-subsistema tal-infrastruttura ta' linja tiġi kkunsidrata bħala aġġornata meta tal-inqas il-Parametri ta' Prestazzjoni ta' tagħbija fuq il-fusijiet u qies standard, kif ġew iddefiniti fit-Taqsima 4.2.2, jiġu ssodisfati. F'dawn il-każijiet, l-Istat Membru għandu jikkontrolla li l-fajl msemmi fl-Artikolu 20.1 tad-Direttiva 2008/57 jissodisfa t-talbiet li ġejjin:

(2.1) L-aġġornament tal-Linji Ewlenin tat-TEN għandu jkun skont ir-rekwiżiti tal-Kategoriji tal-Linji tas-STI V-P, V-F u V-M. (Huwa permissibbli aġġornament għar-rekwiżiti tat-Tip ta' Linja VI.)

(2.2) L-aġġornament tal-Linji Ewlenin tat-TEN Oħrajn għandu jkun skont ir-rekwiżiti tal-Kategoriji tal-Linji tas-STI VII-P, VII-F u VII-M. (Huwa permissibbli aġġornament għar-rekwiżiti tat-Tip ta' Linja VI.)

(2.3) Għal parametri oħrajn tas-STI, skont l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2008/57, huwa l-Istat Membru li għandu jiddeċiedi sa fejn ikun hemm il-ħtieġa li s-STI tiġi applikata għall-proġett.

(3) Fejn japplika l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2008/57/KE għaliex l-aġġornament huwa suġġett għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz, l-Istat Membru għandu jiddeċiedi liema rekwiżiti tas-STI għandhom jiġu applikati, filwaqt li jikkunsidra l-istrateġija ta' migrazzjoni msemmija fit-Taqsima 7.1.

(4) Fejn l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2008/57/KE ma japplikax għaliex l-aġġornament mhux suġġett għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz, il-konformità ma' din is-STI hija rrakkomandata. Fejn ma jkunx possibbili li tintlaħaq konformità, l-entità kontraenti għandha tinforma lill-Istat Membru bir-raġunijiet għal dan.

(5) Għal proġett li jinkludi elementi li ma jkunux konformi mas-STI, il-proċeduri biex ikunu applikati l-valutazzjoni tal-konformità u l-verifika tal-KE għandhom ikunu miftiehma mal-Istat Membru.

### 7.3.2. *Rinnovazzjoni ta' linja*

(1) Skont l-Artikolu 2(n) tad-Direttiva 2008/57/KE, "tiġdid" [rinnovazzjoni] tfisser kull xogħol ta' tibdil sostanzjali fuq subsistema jew parti minn subsistema li ma jibdilx il-prestazzjoni ġenerali tas-subsistema.

(2) Għal dan il-fini, sostituzzjoni ewlenija għandha tiġi interpretata bħala proġett li twettaq biex ikunu sostitwiti sistematikament l-elementi ta' linja jew ta' sezzjoni ta' linja skont il-pjan ta' migrazzjoni nazzjonali. Ir-rinnovazzjoni tvarja minn sostituzzjoni fil-qafas tal-manutenzjoni, imsemmija fit-Taqsima 7.3.3 ta' iktar 'l isfel, għaliex tagħti l-opportunità biex tinkiseb rotta konformi mas-STI. Rinnovazzjoni hija effettivament l-istess bħal aġġornament, imma mingħajr bidla fil-Parametri ta' Prestazzjoni.

(3) Fejn japplika l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2008/57/KE għaliex ir-rinnovazzjoni hija suġġetta għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz, l-Istat Membru għandu jiddeċiedi liema rekwiżiti tas-STI għandhom jiġu applikati, filwaqt li jikkunsidra l-istrateġija ta' migrazzjoni msemmija fit-Taqsima 7.1.

(4) Fejn l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2008/57/KE ma japplikax għaliex ir-rinnovazzjoni mhix suġġetta għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz, il-konformità ma' din is-STI hija rrakkomandata. Fejn ma jkunx possibbli li tintlaħaq konformità, l-entità kontraenti għandha tinforma lill-Istat Membru bir-raġunijiet għal dan.

(5) Għal proġett li jinkludi elementi li ma jkunux konformi mas-STI, il-proċeduri biex ikunu applikati l-valutazzjoni tal-konformità u l-verifika tal-KE għandhom ikunu miftiehma mal-Istat Membru.

7.3.3. *Sostituzzjoni fil-qafas tal-manutenzjoni*

(1) Fejn il-partijiet ta' subsistema f'linja jinżammu f'kundizzjoni tajba, skont din is-STI, il-verifika u l-awtorizzazzjoni formali għat-tqegħid fis-servizz mhumiex meħtieġa. Madankollu, sa fejn ikun raġonevolment prattikabbli, is-sostituzzjonijiet għal finijiet ta' manutenzjoni għandhom isiru skont ir-rekwiżiti ta' din is-STI.

(2) L-għan għandu jkun li s-sostituzzjonijiet għal finijiet ta' manutenzjoni progressivament jagħtu kontribut għall-iżvilupp ta' linja interoperabbli.

(3) Sabiex parti siewja mis-subsistema tal-infrastruttura tkun suġġetta għal proċess progressiv lejn l-interoperabilità, grupp ta' parametri bażiċi għandu jkun dejjem adattat flimkien. Dawn il-gruppi huma s-segwenti:

(a) L-arranġament tal-linji,

(b) Il-parametri tal-binarji,

(ċ) Il-punti tal-qlib u tal-qsim,

(d) Ir-reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet applikati,

(e) Ir-reżistenza tal-istrutturi għal tagħbijiet tat-traffiku,

(f) Il-pjattaformi.

(4) F'każijiet ta' din ix-xorta, irid jiġi kkunsidrat il-fatt li kull wieħed minn dawn l-elementi kkunsidrat f'iżolament ma jagħmilhiex possibbli, waħdu, li tkun żgurata l-konformità tas-subsistema kollha: il-konformità ta' subsistema tista' tiġi ddikjarata biss globalment, jiġifieri meta l-elementi kollha jkunu nġiebu f'konformità mas-STI.

7.3.4. *Linji eżistenti li mhumiex suġġetti għal proġett ta' rinnovazzjoni jew ta' aġġornament*

(1) Subsistema eżistenti tista' tippermetti ċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi konformi mas-STI filwaqt li tissodisfa r-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2008/57/KE. F'dan il-każ l-amministratur infrastrutturali għandu jkun jista', fuq bażi volontarja, jikkompleta r-Reġistru tal-Infrastruttura stabbilit fl-Artikolu 35 tad-Direttiva 2008/57 skont l-Anness D ta' dan it-TSI.

(2) Il-proċedura li għandha tintuża sabiex jintwera l-livell ta' konformità mal-Parametri Bażiċi tas-STI għandha tiġi ddefinita fl-ispeċifikazzjoni tar-Reġistru tal-Infrastruttura li se jiġi adottat mill-Kummissjoni skont dak l-Artikolu.

7.4. **Veloċità bħala kriterju ta' migrazzjoni**

(1) Huwa permissibbli li linja titqiegħed fis-servizz bħala linja interoperabbli f'veloċità iktar baxxa mill-veloċità aħħarija maħsuba tal-linja tagħha. Madankollu, meta jkun il-każ, il-linja għandha tkun mibnija b'tali mod li tinibixxi l-adozzjoni futura tal-veloċità aħħarija maħsuba tal-linja.

(2) Pereżempju, id-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji għandha tkun adattata għall-veloċità aħħarija maħsuba tal-linja imma l-pożizzjoni mżerżqa għandha tkun adattata għall-veloċità li jkun hemm meta l-linja titqiegħed fis-servizz.

(3) Ir-rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-konformità f'din iċ-ċirkustanza huma stabbilit fit-taqsima 6.3.

7.5. **Kompatibilità tal-Infrastruttura u tal-Vetturi Ferrovjarji**

(1) Il-Vetturi Ferrovjarji li jkunu konformi mas-STI tal-Vetturi Ferrovjarji mhumiex awtomatikament kompatibbli mal-linji kollha li huma konformi ma' din is-STI tal-Infrastruttura. Pereżempju, vettura b'qies standard GC mhix kompatibbli ma' mina b'qies standard GB.

(2) Id-disinn tal-Kategoriji tal-Linji tas-STI kif ġew iddefiniti fil-Kapitolu 4 huwa ġeneralment kompatibbli mal-operazzjoni tal-vetturi kklassifikati skont l-EN 15528:2008 sal-veloċità massima murija fl-Anness E. Madankollu, jista' jkun hemm riskju ta' effetti dinamiċi eċċessivi, inkluża r-reżonanza f'ċerti pontijiet, li jista' jkollhom impatt ulterjuri fuq il-kompatibilità tal-vetturi u tal-infrastruttura.

(3) Jistgħu jsiru kontrolli, fuq il-bażi ta' xenarji operattivi speċifiċi miftiehma bejn l-Amministratur Infrastrutturali u l-Impriża Ferrovjarja, sabiex tintwera l-kompatibilità tal-vetturi li joperaw 'il fuq mill-veloċità massima murija fl-Anness E.

(4) Kif ġie ddikjarat fit-Taqsima 4.2.2 ta' din is-STI, huwa permissibbli li jiġu ddisinjati linji ġodda u aġġornati b'tali mod li dawn jakkomodaw qisien standard ikbar, tagħbijiet ikbar fuq il-fusijiet, veloċitajiet ikbar u ferroviji itwal minn dawk speċifikati.

7.6. **Każijiet speċifiċi**

Il-każijiet speċifiċi li ġejjin jistgħu jiġu applikati għal netwerks partikolari. Dawn il-każijiet speċifiċi jiġu kklassifikati bħala:

(a) każijiet "P": każijiet permanenti,

(b) każijiet "T": każijiet temporanji, fejn huwa rrakkomandat li s-sistema fil-mira tintlaħaq sal-2020 (għan iffissat fid-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-network tat-trasport trans-Ewropew, kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 884/2004/KE).

Il-każijiet speċifiċi stabbiliti fit-Taqsimiet 7.6.1 sa 7.6.13 għandhom jinqraw flimkien mat-taqsimiet rilevanti tal-Kapitolu 4. Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (pereżempju, fil-każ ta' rekwiżit addizzjonali), il-każijiet speċifiċi jissostitwixxu r-rekwiżiti korrispondenti mogħtija fil-Kapitolu 4. Fejn ir-rekwiżiti tat-taqsima rilevanti fil-Kapitolu 4 ma jkunux suġġetti għal każ speċifiku, dawk ir-rekwiżiti ma ġewx iddupplikati fit-Taqsimiet 7.6.1 sa 7.6.13, u jibqgħu japplikaw kif inhuma.

7.6.1. *Karatteristiċi partikolari tan-netwerk Estonjan*

Il-każijiet speċifiċi għas-sistema tal-qisien standard tal-binarji ta' 1 520/1 524 mm għadhom qed jiġu diskussi.

7.6.2. *Karatteristiċi partikolari tan-Netwerk Finlandiż*

7.6.2.1. Qies minimu tal-istrutturi (4.2.4.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżoli (1) u (2)*

(1) Il-qies minimu tal-istrutturi għandu jkun iffissat fuq il-bażi tal-qies standard FIN 1.

(2) Il-kalkoli tal-qies minimu tal-istrutturi għandhom isiru billi jintuża l-metodu statiku jew kinematiku skont ir-rekwiżiti tat-Taqsima D.4.4 tal-Anness D għall-EN 15273-3:2009.

7.6.2.2. Raġġ minimu ta' kurva orizzontali (4.2.4.4)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (4)*

(4) Ir-reverse curves b'raġġi bejn 150 m u 300 m għandhom ikunu ddisinjati skont ir-regoli nazzjonali nnotifikati għal dan il-fini sabiex jipprevjenu l-illokjar tal-molla mewwieta.

7.6.2.3. Qies standard nominali tal-binarju (4.2.5.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (1)*

(1) Il-qies standard nominali tal-binarju għandu jkun ta' 1 524 mm.

7.6.2.4. Valuri skont id-disinn għall-koniċità ekwivalenti (4.2.5.5.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (2)*

(2) Għall-qies standard nominali tal-binarju ta' 1 524 mm, il-kombinazzjonijiet ta' roti u ta' fusijiet li ġejjin għandhom ikunu mmudellati fuq il-kundizzjonijiet maħsuba tal-binarju (simulati b'kalkolu skont l-EN 15302:2008):

(a) S 1002 kif iddefinita fl-Anness C għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 505 mm,

(b) S 1002 kif iddefinita fl-Anness C għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 511 mm,

(ċ) GV 1/40 kif iddefinita fl-Anness B għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 505 mm,

(d) GV 1/40 kif iddefinita fl-Anness B għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 511 mm,

(e) EPS kif iddefinita fl-Anness D għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 505 mm.

7.6.2.5. Rekwiżiti għall-kontroll tal-koniċità ekwivalenti mqiegħda fis-servizz (4.2.5.5.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – Tabella 5*

*Tabella 14*

**Il-qies standard medju minimu mqiegħed fis-servizz fuq binarju dritt u f'kurvi b'raġġ R > 10 000 m**

| Medda ta' veloċitajiet [km/h] | Qies standard medju [mm] fuq 100 m |
|---|---|
| v ≤ 60 | valutazzjoni mhux meħtieġa |
| 60 < v ≤ 160 | 1 519 |
| 160 < v ≤ 200 | 1 519 |

7.6.2.6. Ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz (4.2.6.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (2)*

(2) Il-karatteristiċi tekniċi tal-punti tal-qlib u tal-qsim għall-qies standard nominali tal-binarju ta' 1 524 mm għandhom ikunu konformi mal-valuri mqiegħda fis-servizz li ġejjin:

(a) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free fil-punt ta' qlib: 1 469 mm.

(b) Il-valur minimu ta' protezzjoni fissa tal-ponta għal punt ta' qsim komuni: 1 478 mm.

(ċ) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free fil-ponta tal-punt ta' qsim: 1 440 mm.

(d) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free mad-daħla għal check rail/wing rail: 1 469 mm.

(e) L-għoli żejjed massimu taċ-check rail huwa ta' 55 mm.

Ir-rekwiżiti addizzjonali f'(a) u f'(b) jibqgħu l-istess.

7.6.3. *Karatteristiċi partikolari tan-netwerk Elleniku*

7.6.3.1. Il-parametri ta' prestazzjoni (4.2.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżoli (2), (6) u (7)*

(2) Il-linji ta' 1 000 mm (tal-Peloponnese) ġodda u aġġornati fis-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea għandhom ikunu ddisinjati f'konformità ma' qies standard skont ir-regoli nazzjonali nnotifikati għal dan il-fini u għandu jkollhom tagħbija fuq il-fusijiet ta' 14 t.

(6) Il-Parametri ta' Prestazzjoni effettivi għal kull sezzjoni tal-binarju għal-linji ta' 1 000 mm (tal-Peloponnese) għandhom ikunu ppubblikati fir-Reġistru tal-Infrastruttura.

(7) L-informazzjoni ppubblikata relatata mat-tagħbija fuq il-fusijiet għandha tkun ippubblikata flimkien mal-veloċità permessa.

7.6.3.2. Qies minimu tal-istrutturi (4.2.4.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha - klawżoli (1) u (2)*

(1) Il-qies minimu tal-istrutturi għal-linji ta' 1 000 mm (tal-Peloponnese) għandu jkun iffissat skont ir-regoli nazzjonali nnotifikati għal dan il-fini.

7.6.3.3. Distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji (4.2.4.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha - klawżoli (1) u (2)*

(1) Id-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji għal-linji ta' 1 000 mm (tal-Peloponnese) għandha tkun iffissata fuq il-bażi tal-qies standard skont ir-regoli nazzjonali nnotifikati għal dan il-fini.

7.6.3.4. Gradjenti massimi (4.2.4.3)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI IV-F, IV-M, VI-F u VI-M – klawżoli (3) u (4)*

(3) Għall-binarji ewlenin fil-fażi tad-disinn huma permessi gradjenti massimi weqfin daqs 20 mm/m.

7.6.3.5. Raġġ minimu ta' kurva orizzontali (4.2.4.4)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (2)*

(2) Għall-binarji jew għall-binarji żgħar maġenb il-binarju ewlieni għall-ipparkjar tal-ferroviji, ir-raġġ minimu ta' kurva orizzontali skont id-disinn għal-linji ta' 1 000 mm (tal-Peloponnese) ma għandux ikun inqas minn 110 m.

7.6.3.6. Raġġ minimu ta' kurva vertikali (4.2.4.5)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (1)*

(1) L-allinjament vertikali tal-binarji għall-ipparkjar tal-ferroviji u tal-binarji ta' servizz għal-linji ta' 1 000 mm (tal-Peloponnese) ma għandux jinkludi l-kurvi b'raġġi ta' inqas minn 500 m fuq ħotba jew f'ħofra.

7.6.3.7. Qies standard nominali tal-binarju (4.2.5.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (1)*

(1) Il-qies standard nominali tal-binarju għandu jkun jew ta' 1 435 mm jew ta' 1 000 mm.

7.6.3.8. Ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz (4.2.6.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (2)*

(2) Il-karatteristiċi tekniċi tal-punti tal-qlib u tal-qsim għall-qies standard nominali tal-binarju ta' 1 000 mm (tal-Peloponnese) għandhom ikunu konformi mal-valuri mqiegħda fis-servizz li ġejjin:

(a) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free fil-punt ta' qlib: 946 mm.

(b) Il-valur minimu ta' protezzjoni fissa tal-ponta għal punt ta' qsim komuni: 961 mm.

(ċ) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free fil-ponta tal-punt ta' qsim: mhux applikabbli.

(d) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free mad-daħla għal check rail/wing rail: 943 mm.

Ir-rekwiżiti addizzjonali f'(a) u f'(b) jibqgħu l-istess.

7.6.3.9. Ir-reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet vertikali (4.2.7.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (a)*

(a) Il-binarju għal-linji ta' 1 000 mm (tal-Peloponnese), inklużi l-punti tal-qlib u tal-qsim, għandu jkun iddisinjat biex jirreżisti tal-inqas it-tagħbija massima statika fuq il-fusijiet ta' 14 t.

7.6.3.10. Ir-reżistenza ta' pontijiet Ġodda għal tagħbijiet tat-traffiku (4.2.8.1) – tagħbijiet vertikali (4.2.8.1.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha - għal strutturi ġodda fuq linji ferrovjarji ġodda jew eżistenti biss – klawżola (3)*

(3) Il-valur ta' alfa (α) għal-linji ta' 1 000 mm (tal-Peloponnese) għandu jkun daqs jew ikbar minn 0.75.

7.6.4. *Karatteristiċi partikolari tan-netwerk irlandiż*

7.6.4.1. Il-parametri ta' prestazzjoni (4.2.2) – klawżola (2) - Tabella 3, kolonna "tul tal-ferrovija"

(2) Il-linji ġodda u aġġornati fis-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea għandhom ikunu ddisinjati skont it-tul tal-ferroviji tal-passiġġieri, jiġifieri tal-inqas 215 m, u skont it-tul tal-ferroviji tal-merkanzija, jiġifieri tal-inqas 350 m, skont ir-regoli nazzjonali nnotifikati għal dan il-fini.

7.6.4.2. Qies minimu tal-istrutturi (4.2.4.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI IV-P, IV-F, IV-M, VI-P, VI-F u VI-M - klawżoli (1) u (2)*

(1) Il-qies minimu tal-istrutturi għandu jkun iffissat fuq il-bażi tal-qies standard uniformi IRL 1 skont ir-regoli nazzjonali nnotifikati għal dan il-fini.

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI V-P, V-F, V-M, VII-P, VII-F u VII-M - klawżoli (1) u (2)*

(1) Il-qies minimu tal-istrutturi għandu jkun iffissat fuq il-bażi tal-qies standard uniformi IRL 2 skont ir-regoli nazzjonali nnotifikati għal dan il-fini.

7.6.4.3. Distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji (4.2.4.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI IV-P, IV-F, IV-M, VI-P, VI-F u VI-M – klawżoli (1) u (2)*

(1) Id-distanza minima bejn iċ-ċentri tal-binarji għandha tkun iffissata fuq il-bażi tal-qies standard IRL 1 skont ir-regoli nazzjonali nnotifikati għal dan il-fini.

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI V-P, V-F, V-M, VII-P, VII-F u VII-M – klawżoli (1) u (2)*

(1) Id-distanza minima bejn iċ-ċentri tal-binarji għandha tkun iffissata fuq il-bażi tal-qies standard IRL 2 skont ir-regoli nazzjonali nnotifikati għal dan il-fini.

7.6.4.4. Qies standard nominali tal-binarju (4.2.5.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (1)*

(1) Il-qies standard nominali tal-binarju għandu jkun ta' 1 600 mm.

7.6.4.5. Il-valuri skont id-disinn għall-Koniċità ekwivalenti (4.2.5.5.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (2)*

(2) Għall-qies standard nominali tal-binarju ta' 1 600 mm, il-kombinazzjonijiet ta' roti u ta' fusijiet li ġejjin għandhom ikunu mmudellati fuq il-kundizzjonijiet maħsuba tal-binarju (simulati b'kalkolu skont l-EN 15302:2008):

(a) S 1002 kif iddefinita fl-Anness C għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 585 mm,

(b) S 1002 kif iddefinita fl-Anness C għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 591 mm,

(ċ) GV 1/40 kif iddefinita fl-Anness B għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 585 mm,

(d) GV 1/40 kif iddefinita fl-Anness B għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 591 mm,

(e) EPS kif iddefinita fl-Anness D għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 585 mm.

7.6.4.6. Rekwiżiti għall-kontroll tal-koniċità ekwivalenti mqiegħda fis-servizz (4.2.5.5.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – Tabella 5*

*Tabella 15*

**Il-qies standard medju minimu mqiegħed fis-servizz fuq binarju dritt u f'kurvi b'raġġ R > 10 000 m**

| Medda ta' veloċitajiet [km/h] | Qies standard medju [mm] fuq 100 m |
|---|---|
| v ≤ 60 | valutazzjoni mhux meħtieġa |
| 60 < v ≤ 160 | 1 595 |
| 160 < v ≤ 200 | 1 595 |

7.6.4.7. Ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz (4.2.6.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (2)*

(2) Il-karatteristiċi tekniċi tal-punti tal-qlib u tal-qsim għall-qies standard nominali tal-binarju ta' 1 600 mm għandhom ikunu konformi mal-valuri mqiegħda fis-servizz li ġejjin:

(a) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free fil-punt ta' qlib: 1 546 mm.

(b) Il-valur minimu ta' protezzjoni fissa tal-ponta għal punt ta' qsim komuni: 1 556 mm.

(ċ) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free fil-ponta tal-punt ta' qsim: 1 521 mm.

(d) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free mad-daħla għal check rail/wing rail: 1 546 mm.

Ir-rekwiżiti addizzjonali f'(a) u f'(b) jibqgħu l-istess.

7.6.5. *Karatteristiċi partikolari tan-netwerk Latvjan*

Il-każijiet speċifiċi għas-sistema tal-qisien standard tal-binarji ta' 1 520/1 524 mm għadhom qed jiġu diskussi.

7.6.6. *Karatteristiċi partikolari tan-netwerk litwan*

Il-każijiet speċifiċi għas-sistema tal-qisien standard tal-binarji ta' 1 520/1 524 mm għadhom qed jiġu diskussi.

7.6.7. *Karatteristiċi partikolari tan-netwerk pollakk*

7.6.7.1. Qies minimu tal-istrutturi (4.2.4.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha - klawżoli (1) u (2)*

(1) Il-qies minimu tal-istrutturi għal-linji ta' 1 520 mm għandu jkun iffissat skont ir-regoli nazzjonali nnotifikati għal dan il-fini.

7.6.7.2. Qies standard nominali tal-binarju (4.2.5.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola addizzjonali (3)*

(3) Għal-linji li jintużaw biex jingħata servizz lit-traffiku internazzjonali lejn/minn il-pajjiżi ferrovjarji b'qies standard tal-binarju ta' 1 520/1 524 mm huwa permess qies standard nominali tal-binarju ta' 1 520 mm.

7.6.7.3. Il-valuri skont id-disinn għall-koniċità ekwivalenti (4.2.5.5.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (2)*

(2) Għall-qies standard nominali tal-binarju ta' 1 520 mm, il-kombinazzjonijiet ta' roti u ta' fusijiet li ġejjin għandhom ikunu mmudellati fuq il-kundizzjonijiet maħsuba tal-binarju (simulati b'kalkolu skont l-EN 15302:2008):

(a) S 1002 kif iddefinita fl-Anness C għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 503 mm,

(b) S 1002 kif iddefinita fl-Anness C għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 509 mm,

(ċ) GV 1/40 kif iddefinita fl-Anness B għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 503 mm,

(d) GV 1/40 kif iddefinita fl-Anness B għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 509 mm,

(e) EPS kif iddefinita fl-Anness D għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 503 mm.

7.6.7.4. Rekwiżiti għall-kontroll tal-koniċità ekwivalenti mqiegħda fis-servizz (4.2.5.5.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – Tabella 5*

*Tabella 16*

**Il-qies standard medju minimu mqiegħed fis-servizz fuq binarju dritt u f'kurvi b'raġġ R > 10 000 m għal linji ta' 1 520mm**

| Medda ta' veloċitajiet [km/h] | Qies standard medju [mm] fuq 100 m |
|---|---|
| v ≤ 120 | valutazzjoni mhux meħtieġa |
| 120 < v ≤ 160 | 1 515 |
| 160 < v ≤ 200 | 1 515 |

7.6.7.5. Ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz (4.2.6.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (2)*

(2) Il-karatteristiċi tekniċi tal-punti tal-qlib u tal-qsim għall-qies standard nominali tal-binarju ta' 1 520 mm għandhom ikunu konformi mal-valuri mqiegħda fis-servizz li ġejjin:

(a) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free fil-punt ta' qlib: 1 460 mm.

(b) Il-valur minimu ta' protezzjoni fissa tal-ponta għal punt ta' qsim komuni: 1 476 mm.

(ċ) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free fil-ponta tal-punt ta' qsim: 1 436 mm.

(d) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free mad-daħla għal check rail/wing rail: 1 460 mm.

Ir-rekwiżiti addizzjonali f'(a) u f'(b) jibqgħu l-istess.

7.6.7.6. It-tul massimu mhux iggwidat ta' qsim ottuż fiss (4.2.6.3)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (1)*

(1) Għas-sistema tal-qisien standard tal-binarji ta'1 520 mm il-valur massimu skont id-disinn tat-tul mhux iggwidat għandu jkun ekwivalenti għal 1 qsim ottuż f'9 (tgα = 0,11, α = 6°20') b'check rail mgħolli 'l fuq b'minimu ta'44 mm u assoċjat ma' dijametru tar-rota ikbar minn 330 mm f'rotti diretti u dritti.

7.6.8. *Karatteristiċi partikolari tan-netwerk portugiż*

7.6.8.1. Qies minimu tal-istrutturi (4.2.4.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżoli (1) u (2)*

Il-qies minimu tal-istrutturi għandu jkun iffissat fuq il-bażi tal-kontorni ta' referenza CPb, CPb + jew CPc.

Il-kalkoli tal-qies minimu tal-istrutturi għandhom isiru permezz tal-metodu kinematiku skont ir-rekwiżiti tat-Taqsima D.4.3 tal-Anness D għall-EN 15273-3:2009.

Għas-sistema ta' binarji bi tliet linji ferrovjarji, il-qies minimu tal-istrutturi għandu jkun iffissat fuq il-bażi tal-kontorn ta' referenza CPb+, iċċentrat fuq il-qies standard tal-binarju ta' 1 668 mm.

7.6.8.2. Qies standard nominali tal-binarju (4.2.5.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (1)*

(1) Il-qies standard nominali tal-binarju għandu jkun ta' 1 668 mm, 1 435 mm jew it-tnejn jekk il-linja tkun mgħammra b'sistema ta' binarji bi tliet linji ferrovjarji.

7.6.8.3. Valuri skont id-disinn għall-koniċità ekwivalenti (4.2.5.5.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (2)*

(2) Għall-qies standard nominali tal-binarju ta' 1 668 mm, il-kombinazzjonijiet ta' roti u ta' fusijiet li ġejjin għandhom ikunu mmudellati fuq il-kundizzjonijiet maħsuba tal-binarju (simulati b'kalkolu skont l-EN 15302:2008):

(a) S 1002 kif iddefinita fl-Anness C għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 653 mm,

(b) S 1002 kif iddefinita fl-Anness C għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 659 mm,

(ċ) GV 1/40 kif iddefinita fl-Anness B għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 653 mm,

(d) GV 1/40 kif iddefinita fl-Anness B għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 659 mm,

(e) EPS kif iddefinita fl-Anness D għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 653 mm.

7.6.8.4. Rekwiżiti għall-kontroll tal-koniċità ekwivalenti mqiegħda fis-servizz (4.2.5.5.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – Tabella 5*

*Tabella 17*

**Il-qies standard medju minimu mqiegħed fis-servizz fuq binarju dritt u f'kurvi b'raġġ R > 10 000 m**

| Medda ta' veloċitajiet [km/h] | Qies standard medju [mm] fuq 100 m |
|---|---|
| v ≤ 60 | valutazzjoni mhux meħtieġa |
| 60 < v ≤ 160 | 1 663 |
| 160 < v ≤ 200 | 1 663 |

7.6.8.5. Ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz (4.2.6.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (2)*

Il-karatteristiċi tekniċi tal-punti tal-qlib u tal-qsim għall-qies standard nominali tal-binarju ta' 1 668 mm għandhom ikunu konformi mal-valuri mqiegħda fis-servizz li ġejjin:

(a) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free fil-punt ta' qlib: 1 613 mm.

(b) Il-valur minimu ta' protezzjoni fissa tal-ponta għal punt ta' qsim komuni: 1 624 mm.

(ċ) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free fil-ponta tal-punt ta' qsim: 1 589 mm.

(d) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free mad-daħla għal check rail/wing rail: 1 613 mm.

Ir-rekwiżiti addizzjonali f'(a) u f'(b) jibqgħu l-istess.

7.6.9. *Karatteristiċi partikolari tan-netwerk Rumen*

7.6.9.1. Ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz (4.2.6.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha - klawżola (2)(f)*

(2)(f) Il-karatteristiċi tekniċi tal-punti tal-qlib u tal-qsim għandhom ikunu konformi mal-valur imqiegħed fis-servizz għal fond minimu tal-flangeway ta' 38 mm.

7.6.10. *KaratteristiĊi partikolari tan-netwerk Spanjol*

7.6.10.1. Qies minimu tal-istrutturi (4.2.4.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI V-P, V-F, V-M, VII-P, VII-F u VII-M – klawżoli (1) u (2)*

(1) Il-qies minimu tal-istrutturi għandu jkun iffissat fuq il-bażi tal-qies standard GHE16 skont ir-regoli nazzjonali nnotifikati għal dan il-fini.

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola addizzjonali (4)*

(4) Il-qies minimu tal-istrutturi għal qies standard tal-binarju ta' 1 435 mm u l-qies minimu tal-istrutturi għal qies standard tal-binarju ta' 1 668 mm għal kull sezzjoni ta' binarju bi tliet linji ferrovjarji għandhom ikunu ppubblikati fir-Reġistru tal-Infrastruttura.

7.6.10.2. Distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji (4.2.4.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI IV-P, IV-F, IV-M, VI-P, VI-F u VI-M – klawżoli (1) u (2)*

(1) Id-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji, kemm għall-qies standard tal-binarju ta' 1 668 mm kif ukoll għal dak ta' 1 435 mm, għandha tkun skont il-veloċità massima tal-linja.

*Tabella 18*

**Id-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji fin-netwerk Spanjol**

| Veloċità [km/h] | Distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji (mm) |
|---|---|
| v ≤ 140 | 3 808 |
| 140 < v ≤ 160 | 3 920 |
| 160 < v ≤ 200 | 4 000 |

F'każijiet iġġustifikati, id-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji tista' titnaqqas għall-inqas valur li jmiss fit-tabella, u f'linji b'veloċitajiet ta' inqas minn 100 km/h tista' titnaqqqas, f'każijiet estremi, għal 3 674 mm.

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI V-P, V-F, V-M, VII-P, VII-F u VII-M – klawżoli (1) u (2)*

(1) Id-distanza minima bejn iċ-ċentri tal-binarji, kemm għall-qies standard tal-binarju ta' 1 668 mm kif ukoll għal dak ta' 1 435 mm, għandha tkun ta' 3 808 mm.

F'linji b'veloċitajiet ta' inqas minn 100 km/h, din id-distanza minima bejn iċ-ċentri tal-binarji tista' titnaqqas għal 3 674 mm.

Jekk id-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji magħżula tkun inqas minn 3 808 mm, allura l-ispazju vojt biex il-ferroviji jgħaddu minn ħdejn xulxin b'mod sikur għandu jiġi pprovat.

7.6.10.3. Gradjenti massimi (4.2.4.3)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI IV-F, IV-M, VI-F u VI-M – klawżoli (3) u (4)*

(3) Għall-binarji ewlenin fil-fażi tad-disinn huma permessi gradjenti massimi weqfin daqs 20 mm/m.

7.6.10.4. Qies standard nominali tal-binarju (4.2.5.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha - klawżola (1) u klawżola addizzjonali (3)*

(1) Il-qies standard nominali tal-binarju għandu jkun jew ta' 1 668 mm jew ta' 1 435 mm.

(3) Il-qies standard nominali tal-binarju ta' binarji bi tliet linji ferrovjarji għandu jkun ta' 1 435 mm u 1 668 mm

7.6.10.5. Valuri skont id-disinn għall-koniċità ekwivalenti (4.2.5.5.1)

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (2)*

(2) Għall-qies standard nominali tal-binarju ta' 1 668 mm, il-kombinazzjonijiet ta' roti u ta' fusijiet li ġejjin għandhom ikunu mmudellati fuq il-kundizzjonijiet maħsuba tal-binarju (simulati b'kalkolu skont l-EN 15302:2008):

(a) S 1002 kif iddefinita fl-Anness C għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 653 mm,

(b) S 1002 kif iddefinita fl-Anness C għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 659 mm,

(ċ) GV 1/40 kif iddefinita fl-Anness B għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 653 mm,

(d) GV 1/40 kif iddefinita fl-Anness B għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 659 mm,

(e) EPS kif iddefinita fl-Anness D għall-EN 13715:2006 b'SR = 1 653 mm.

7.6.10.6. Rekwiżiti għall-kontroll tal-koniċità ekwivalenti mqiegħda fis-servizz (4.2.5.5.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – Tabella 5*

*Tabella 19*

**Il-qies standard medju minimu mqiegħed fis-servizz fuq binarju dritt u f'kurvi b'raġġ R > 10 000 m**

| Medda ta' veloċitajiet [km/h] | Qies standard medju [mm] fuq 100 m |
|---|---|
| v ≤ 60 | valutazzjoni mhux meħtieġa |
| 60 < v ≤ 160 | 1 663 |
| 160 < v ≤ 200 | 1 663 |

7.6.10.7. Ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz (4.2.6.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha - klawżola (2)*

Il-karatteristiċi tekniċi tal-punti tal-qlib u tal-qsim għall-qies standard nominali tal-binarju ta' 1 668 mm għandhom ikunu konformi mal-valuri mqiegħda fis-servizz li ġejjin:

(a) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free fil-punt ta' qlib: 1 618 mm.

(b) Il-valur minimu ta' protezzjoni fissa tal-ponta għal punt ta' qsim komuni: 1 626 mm.

(ċ) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free fil-ponta tal-punt ta' qsim: 1 590 mm.

(d) Il-valur massimu ta' passaġġ bil-magna free mad-daħla għal check rail/wing rail: 1 620 mm.

Ir-rekwiżiti addizzjonali f'(a) u f'(b) jibqgħu l-istess.

7.6.11. *Karatteristiċi partikolari tan-netwerk Svediż*

F'infrastruttura b'konnessjoni diretta man-netwerk Finlandiż, u għal infrastruttura fil-portijiet, jistgħu jiġu applikati l-karatteristiċi partikolari tan-netwerk Finlandiż, kif ġew speċifikati fit-Taqsima 7.6.2 ta' din is-STI.

7.6.12. *Karatteristiċi partikolari tan-netwerk tar-Renju Unit għall-Gran Brittanja*

7.6.12.1. Il-parametri ta' prestazzjoni (4.2.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI kollha – klawżola (7)*

(7) L-informazzjoni ppubblikata relatata mat-tagħbija fuq il-fusijiet għandha tuża n-numru tad-Disponibilità tar-Rotta (RA) (derivat skont ir-Regola Teknika Nazzjonali nnotifikata għal dan il-fini) flimkien mal-veloċità permessa.

Jekk il-kapaċità ta' ġarr tat-tagħbijiet ta' sezzjoni mill-binarju teċċedi l-medda ta' numri tad-Disponibilità tar-Rotta (RA), allura tista' tkun ipprovduta informazzjoni addizzjonali li tiddefinixxi l-kapaċità ta' ġarr tat-tagħbijiet.

7.6.12.2. Qies minimu tal-istrutturi (4.2.4.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI V-P, V-F, V-M, VII-P, VII-F u VII-M – klawżoli (1) u (2)*

(1) Għall-aġġornament jew għar-rinnovazzjoni tal-linji konvenzjonali rigward il-qies minimu tal-istrutturi, il-qies minimu tal-istrutturi li għandu jintlaħaq għandu jkun speċifiku għall-proġett ikkonċernat.

L-applikazzjoni tal-qisien standard għandha tkun skont ir-Regola Teknika Nazzjonali nnotifikata għal dan il-fini.

7.6.12.3. Distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji (4.2.4.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI V-P, V-F, V-M, VII-P, VII-F u VII-M – klawżoli (1) u (2)*

(1) Fuq binarju dritt u fuq binarju kkurvat b'raġġ ta' 400 m jew ikbar, id-distanza nominali bejn iċ-ċentri tal-binarji għandha tkun ta' 3 400 mm.

Fejn il-limiti topografiċi ma jħallux li tintlaħaq distanza nominali ta' 3 400 mm bejn iċ-ċentri tal-binarji, huwa permissibbli li d-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji titnaqqqas sakemm ikunu stabbiliti miżuri speċjali sabiex ikun żgurat spazju vojt biex il-ferroviji jgħaddu minn ħdejn xulxin b'mod sikur.

It-tnaqqis fid-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji għandu jkun skont ir-Regola Teknika Nazzjonali nnotifikata għal dan il-fini.

7.6.12.4. Qies standard nominali tal-binarju (4.2.5.1)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI V-P, V-F, V-M, VII-P, VII-F u VII-M – klawżola addizzjonali (3)*

(3) Għad-disinn "CEN56 Vertikali" tal-punti tal-qlib u tal-qsim huwa permess qies standard nominali tal-binarju ta' 1 432 mm.

7.6.12.5. Ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz (4.2.6.2)

**Każijiet P**

*Il-Kategoriji tal-Linji tas-STI V-P, V-F, V-M, VII-P, VII-F u VII-M – klawżola addizzjonali (4)*

(4) Għad-disinn "CEN56 Vertikali" tal-punti tal-qlib u tal-qsim, huwa permess valur minimu ta' protezzjoni fissa tal-ponta għal punt ta' qsim komuni ta' 1 388 mm (imkejjel 14 mm taħt is-superfiċje li fuqha jimxu r-roti, u fuq il-linja ta' referenza teoretika, f'distanza xierqa lura mill-punt effettiv (RP) tal-ponta kif ġie indikat fil-Grafika 2).

7.6.13. *Karatteristiċi partikolari tan-netwerk tar-Renju Unit għall-Irlanda ta' Fuq*

Fin-netwerk tar-Renju Unit għall-Irlanda ta' Fuq, għandhom jiġu applikati l-karatteristiċi partikolari tan-netwerk Irlandiż kif ġew speċifikati fit-Taqsima 7.6.4 ta' din is-STI.

*ANNESS A*

## IL-VALUTAZZJONI TAL-KOSTITWENTI TAL-INTEROPERABILITÀ

Fit-Tabella 20, il-karatteristiċi tal-kostitwenti tal-interoperabilità li għandhom jiġu vvalutati mill-Korp Notifikat jew mill-manifattur skont il-modulu magħżul, fil-fażijiet differenti tad-disinn, tal-iżvilupp u tal-produzzjoni, huma mmarkati b' "X". Fejn ma tkun meħteġa l-ebda valutazzjoni minn Korp Notifikat, dan huwa mmarkat b' "m.a." fit-tabella.

M'hemm l-ebda proċedura ta' valutazzjoni partikolari meħtieġa għall-kostitwenti tal-interoperabilità tas-subsistema tal-infrastruttura.

*Tabella 20*

**Il-valutazzjoni tal-kostitwenti tal-interoperabilità għad-dikjarazzjoni tal-KE tal-konformità**

| Karatteristiċi li għandhom jiġu vvalutati | Valutazzjoni fil-fażi li ġejja | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Fażi tad-disinn u tal-iżvilupp | | | Fażi tal-produzzjoni |
| | Eżami tad-disinn | Eżami tal-proċess tal-manifattura | Test tat-tip | Kwalità tal-prodott (serje) |
| 5.3.1 Il-linja ferrovjarja | | | | |
| 5.3.1.1 Profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti | X | X | m.a. | X |
| 5.3.1.2 Il-mument ta' inerzja tas-sezzjoni trasversali tal-linja ferrovjarja | X | m.a. | m.a. | m.a. |
| 5.3.1.3 Ebusija tal-linja ferrovjarja | X | X | m.a. | X |
| 5.3.2 Is-sistemi ta' rbit tal-linji ferrovjarji | m.a. | m.a. | X | X |
| 5.3.3 Fallakki riffieda ta' taħt il-binarju | X | X | X | X |

*ANNESS B*

## IL-VALUTAZZJONI TAS-SUBSISTEMA TAL-INFRASTRUTTURA

Fit-Tabella 21, il-karatteristiċi tas-subsistema li għandhom jiġu vvalutati fil-fażijiet differenti tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-operazzjoni huma mmarkati b'"X".

Fejn ma tkun meħteġa l-ebda valutazzjoni minn Korp Notifikat, dan huwa mmarkat b'"m.a." fit-tabella. Dan ma jipprevjenix il-ħtieġa li jsiru valutazzjonijiet oħrajn fil-kuntest ta' fażijiet oħrajn.

Definizzjoni tal-fażijiet ta' valutazzjoni:

Article I. "Eżami tad-disinn": jinkludi l-kontroll tal-korrettezza tal-valuri/parametri mar-rekwiżiti applikabbli tas-STI.

Article II. "Assemblaġġ qabel it-tqegħid fis-servizz": kontroll fis-sit li l-prodott effettiv ikun konformi mal-parametri rilevanti tad-disinn qabel ma jibda jitħaddem.

Il-Kolonna 3 tagħti referenzi għat-Taqsima 6.2.4 "Il-proċeduri ta' valutazzjoni partikolari għal subsistema".

*Tabella 21*

**Il-valutazzjoni tas-subsistema tal-infrastruttura għall-verifika tal-KE tal-konformità**

| Karatteristiċi li għand'hom jiġu vvalutati | Linja ġdida jew proġett ta' aġġornament/rinnovazzjoni | | Proċeduri ta' valutazzjoni partikolari |
|---|---|---|---|
| | Eżami tad-disinn | Assemblaġġ qabel it-tqegħid fis-servizz | |
| | 1 | 2 | 3 |
| Qies minimu tal-istrutturi (4.2.4.1) | X | X | 6.2.4.1 |
| Distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji (4.2.4.2) | X | X | 6.2.4.2 |
| Gradjenti massimi (4.2.4.3) | X | m.a. | |
| Raġġ minimu ta' kurva orizzontali (4.2.4.4) | X | X | |
| Raġġ minimu ta' kurva vertikali (4.2.4.5) | X | X | |
| Qies standard nominali tal-binarju (4.2.5.1) | X | m.a. | |
| Pożizzjoni mżerżqa (4.2.5.2) | X | X | |
| Rata ta' bidla fil-pożizzjoni mżerżqa (4.2.5.3) | X | X | |
| Defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa (4.2.5.4) | X | m.a. | 6.2.4.3 |
| Koniċità ekwivalenti (4.2.5.5.1) – disinn | X | m.a. | 6.2.4.4 |
| Koniċità ekwivalenti (4.2.5.5.2) – tqegħid fis-servizz | Għadha qed tiġi diskussa | Għadha qed tiġi diskussa | 6.2.4.5 |
| Profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti għal linja sempliċi (4.2.5.6) | X | m.a. | |
| Inklinazzjoni tal-linja ferrovjarja (4.2.5.7) | X | m.a. | |
| Ebusija tal-binarji (4.2.5.8) | Għadha qed tiġi diskussa | Għadha qed tiġi diskussa | |
| Mezzi ta' llokkjar (4.2.6.1) | X | X | |
| Ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz (4.2.6.2) | m.a. | m.a. | 6.2.4.7 |

| Karatteristiċi li għand'hom jiġu vvalutati | Linja ġdida jew proġett ta' aġġornament/rinnovazzjoni | | Proċeduri ta' valutazzjoni partikolari |
|---|---|---|---|
| | Eżami tad-disinn | Assemblaġġ qabel it-tqegħid fis-servizz | |
| | 1 | 2 | 3 |
| It-tul massimu mhux iggwidat ta' qsim ottuż fiss (4.2.6.3) | X | m.a. | 6.2.4.7 |
| Reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet vertikali (4.2.7.1) | X | m.a. | 6.2.5 |
| Reżistenza lonġitudinali tal-binarji (4.2.7.2) | X | m.a. | 6.2.5 |
| Reżistenza laterali tal-binarji (4.2.7.3) | X | m.a. | 6.2.5 |
| Reżistenza ta' pontijiet ġodda għal tagħbijiet tat-traffiku (4.2.8.1) | X | m.a. | 6.2.4.8 |
| Tagħbija vertikali ekwivalenti għal xogħlijiet ġodda tal-art u għal effetti tal-pressjoni tal-art (4.2.8.2) | X | m.a. | 6.2.4.8 |
| Reżistenza ta' strutturi ġodda fuq jew biswit il-binarji (4.2.8.3), | X | m.a. | 6.2.4.8 |
| Reżistenza ta' pontijiet u ta' xogħlijiet tal-art eżistenti għal tagħbijiet tat-traffiku (4.2.8.4) | m.a. | m.a. | 6.2.4.9 |
| Determinazzjoni ta' limiti għal azzjoni immedjata, intervent u allarm (4.2.9.1) | m.a. | m.a. | 6.2.4.5 |
| Il-limitu għal azzjoni immedjata għal liwja fil-binarju (4.2.9.2) | m.a. | m.a. | |
| Il-limitu għal azzjoni immedjata għal varjazzjoni fil-qies standard tal-binarju (4.2.9.3) | m.a. | m.a. | |
| Il-limitu għal azzjoni immedjata għal pożizzjoni mżerżqa (4.2.9.4) | m.a | m.a. | |
| Tul utilizzabbli tal-pjattaformi (4.2.10.1) | X | m.a. | |
| Wisa' u tmiem tal-pjattaformi (4.2.10.2) | Ara PRM | Ara PRM | |
| Tmiem il-pjattaformi (4.2.10.3) | Ara PRM | Ara PRM | |
| Għoli tal-pjattaformi (4.2.10.4) | Ara PRM | Ara PRM | |
| Distanza qasira meqjusa vertikalment lil hinn mil-linja ewlenija tat-tiqjis tal-pjattaformi (4.2.10.5) | Ara PRM | Ara PRM | |
| Varjazzjoni massima fil-pressjoni fil-mini (4.2.11.1) | X | m.a. | 6.2.4.6 |
| Limiti għall-ħsejjes u għall-vibrazzjonijiet u miżuri ta' mitigazzjoni (4.2.11.2), | Għadha qed tiġi diskussa | Għadha qed tiġi diskussa | |
| Protezzjoni minn xokk tal-elettriku (4.2.11.3) | Ara ENE | Ara ENE | |
| Sikurezza fil-mini ferrovjarji (4.2.11.4) | Ara SRT | Ara SRT | |
| Effett ta' rjieħ inkroċjati (4.2.11.5) | Għadha qed tiġi diskussa | Għadha qed tiġi diskussa | |
| Markaturi tad-distanza (4.2.12.1), | m.a. | X | |
| Mezzi biex jitbattal it-tojlit (4.2.13.2) | m.a. | m.a | 6.2.4.10 |

| Karatteristiċi li għand'hom jiġu vvalutati | Linja ġdida jew proġett ta' aġġornament/rinnovazzjoni | | Proċeduri ta' valutazzjoni partikolari |
|---|---|---|---|
| | Eżami tad-disinn | Assemblaġġ qabel it-tqegħid fis-servizz | |
| | 1 | 2 | 3 |
| Faċilitajiet għat-tindif estern tal-ferroviji (4.2.13.3) | m.a. | m.a. | 6.2.4.10 |
| Stokkjar mill-ġdid tal-ilma (4.2.13.4) | m.a. | m.a. | 6.2.4.10 |
| Provvista mill-ġdid tal-karburant (4.2.13.5) | m.a. | m.a. | 6.2.4.10 |
| Provvista ta' puntali tal-elettriku (4.2.13.6) | m.a. | m.a | 6.2.4.10 |

*ANNESS C*

## IR-REKWIŻITI TA' KAPAĊITÀ GĦALL-ISTRUTTURI SKONT IL-KATEGORIJI TAL-LINJI TAS-STI FIL-GRAN BRITTANJA

Ir-rekwiżiti tal-kapaċità għall-istrutturi ġew iddefiniti fit-Tabella 22 minn parametru kkombinat li jinkludi n-numru tad-Disponibilità tar-Rotta u veloċità massima korrispondenti. In-numru tad-Disponibilità tar-Rotta u l-Veloċità Massima Assoċjata għandhom jiġu kkunsidrati bħala parametru wieħed ikkombinat.

In-numru tad-Disponibilità tar-Rotta huwa funzjoni ta' tagħbija massima fuq il-fusijiet u tal-aspetti ġeometriċi relatati mal-ispazjar tal-fusijiet. In-numri tad-Disponibilità tar-Rotta huma ddefiniti fir-Regoli Tekniċi Nazzjonali nnotifikati għal dan il-fini.

*Tabella 22*

**In-numru tad-Disponibilità tar-Rotta – Veloċità Massima Assoċjata [mil fis-siegħa]**

| Kategorija tal-Linji tas-STI INF CR | Vaguni għall-Passiġġieri (inklużi Vaguni, Vaguni magħluqa għat-tagħbija u Trasportaturi tal-Karozzi) (1) u Vaguni għal Merkanzija Ħafifa (1) (2) | Vaguni għall-Merkanzija Vetturi oħrajn | Lokomotivi u Power Heads (1) (3) (4) | Unitajiet Multipli, Unitajiet tal-Enerġija u Vaguni Ferrovjarji Elettriċi jew Diżil (1) (2) |
|---|---|---|---|---|
| IV-P | RA2 (5) – 125 | (8) | RA7 (9) – 125<br>RA8 (9) – 110<br>RA8 (10) – 100 | RA3 (6) – 125<br>RA5 (7) – 100 |
| IV-F | (8) | RA10 – 60<br>RA8 – 75<br>RA2 – 90 | RA8 (10) – 90 | (8) |
| IV-M | ara IV-P | ara IV-F | ara IV-P | ara IV-P |
| V-P | RA2 (5) – 100 | (8) | RA7 (10) – 100<br>RA8 (9) – 100<br>RA8 (10) – 90 | RA3 (6) – 100 |
| V-F | (8) | RA8 – 60 | RA8 (10) – 60 | (8) |
| V-M | ara V-P | RA8 – 75 | ara V-P | ara V-P |
| VI-P | RA2 (5) – 90 | (8) | RA8 (10) – 90 | RA3 (6) – 90 |
| VI-F | (8) | RA10 – 60 | RA8 (10) – 60 | (8) |
| VI-M | ara VI-P | RA10 – 60<br>RA8 – 75<br>RA2 – 90 | ara VI-P | ara VI-P |
| VII-P | RA1 (5) – 75 | (8) | RA7 (10) (11) – 75 | RA3 (6) – 75 |
| VII-F | (8) | RA7 – 60 | RA7 (10) – 60 | (8) |

| Kategorija tal-Linji tas-STI INF CR | Vaguni għall-Passiġġieri (inklużi Vaguni, Vaguni magħluqa għat-tagħbija u Trasportaturi tal-Karozzi) (1) u Vaguni għal Merkanzija Ħafifa (1) (2) | Vaguni għall-Merkanzija Vetturi oħrajn | Lokomotivi u Power Heads (1) (3) (4) | Unitajiet Multipli, Unitajiet tal-Enerġija u Vaguni Ferrovjarji Elettriċi jew Diżil (1) (2) |
|---|---|---|---|---|
| VII-M | RA2 (5) – 75 | RA7 – 75 | RA7 (10) – 75 | ara VII-P |

Noti

(1) Il-Vaguni għall-Passiġġieri (inklużi l-Vaguni, il-Vaguni Magħluqa għat-Tagħbija u t-Trasportaturi tal-Karozzi), il-Vetturi l-Oħrajn, il-Lokomotivi, il-Power Heads, l-Unitajiet Multipli, l-Unitajiet tal-Enerġija u l-Vaguni Ferrovjarji Elettriċi jew Diżil huma ddefiniti fis-STI RST.

(2) Ir-rekwiżiti għall-istrutturi huma kompatibbli mal-Vaguni għall-Passiġġieri, mal-Vaguni Magħluqa għat-Tagħbija, mat-Trasportaturi tal-Karozzi, mal-Vaguni għall-Merkanzija Ħafifa u għall-vetturi f'Unitajiet Multipli u f'Unitajiet tal-Enerġija Diżil u Elettriċi b'tul ta' bejn 18 m u 27.5 m għal vetturi konvenzjonali u artikolati u b'tul ta' bejn 9 m u 14 m għal fusijiet singoli regolari.

(3) Ma jintużawx. (Nota 3 għat-Tabella 24 fl-Anness E mhix applikabbli għall-Gran Brittanja).

(4) Ir-rekwiżiti għall-istrutturi huma kompatibbli ma' mhux iktar minn żewġ lokomotivi u/jew Power Heads akkoppjati biswit xulxin. Ir-rekwiżiti għall-istrutturi huma kompatibbli ma' veloċità massima ta' 75 mil fis-siegħa għal tliet lokomotivi u/jew Power Heads jew iktar akkoppjati biswit xulxin (jew ferrovija ta' lokomotivi u/jew Power Heads) sakemm il-lokomotivi u/jew il-Power Heads jissodisfaw il-limiti korrispondenti għall-vaguni għall-merkanzija.

(5) Ir-rekwiżiti għall-istrutturi huma kompatibbli ma' massa medja għal kull unità ta' tul fuq it-tul ta' kull vagun għall-passiġġieri/vettura ta' 2.75t/m.

(6) Ir-rekwiżiti għall-istrutturi huma kompatibbli ma' massa medja għal kull unità ta' tul fuq it-tul ta' kull vagun għall-passiġġieri/vettura ta' 3.0t/m.

(7) Ir-rekwiżiti għall-istrutturi huma kompatibbli ma' massa medja għal kull unità ta' tul fuq it-tul ta' kull vagun għall-passiġġieri/vettura ta' 3.25t/m.

(8) Ma ġiet iddefinita l-ebda speċifikazzjoni formali tas-STI.

(9) Għal Lokomotivi u Power Heads b'4 fusijiet.

(10) Għal Lokomotivi u Power Heads b'4 jew 6 fusijiet.

(11) Għall-Kategorija ta' Linja tas-STI VII-P, l-Istat Membru jista' jindika jekk ir-rekwiżiti għal-Lokomotivi u għall-Power Heads japplikawx.

*ANNESS D*

**L-ELEMENTI LI GĦANDHOM IKUNU INKLUŻI FIR-REĠISTRU TAL-INFRASTRUTTURA**

Kif ingħad fit-Taqsima 4.8 ta' din is-STI, dan l-Anness jindika liema informazzjoni rigward is-subsistema tal-infrastruttura għandha tiġi inkluża fir-Reġistru tal-Infrastruttura.

*Tabella 23*

**L-elementi tas-subsistema tal-infrastruttura għar-Reġistru tal-Infrastruttura**

| Element tas-subsistema tal-infrastruttura | Taqsima ta' din is-STI |
|---|---|
| Rotta, konfini u sezzjoni tal-linja kkonċernata (deskrizzjoni) | |
| Sezzjoni tal-Linja | |
| Kategorija tal-Linji tas-STI | 4.2.1 |
| Qies standard | 4.2.2 |
| Kategorija tal-Linji tal-EN (il-Klassijiet tal-Lokomotivi jekk ikunu rilevanti) flimkien mal-veloċità permessa | 4.2.2 |
| Veloċità tal-linja | 4.2.2 |
| Tul tal-ferrovija | 4.2.2 |
| Kundizzjonijiet biex jitħaddmu l-ferroviji b'sistemi speċifiċi sabiex jittejjeb il-livell tal-prestazzjoni | 4.2.3.2 |
| Post u tip ta' sezzjonijiet ta' tranżizzjoni tal-qies standard nominali tal-binarju | 4.2.3.2 |
| Distanza minima bejn iċ-ċentri tal-binarji | 4.2.4.2 |
| Gradjenti massimi | 4.2.4.3 |
| Raġġ minimu ta' kurva orizzontali | 4.2.4.4 |
| Qies standard nominali tal-binarju | 4.2.5.1 |
| Pożizzjoni mżerżqa | 4.2.5.2 |
| Inklinazzjoni tal-linja ferrovjarja għal linja sempliċi | 4.2.5.7.1 |
| Użu ta' sistemi ta' bbrejkjar indipendentement mill-kundizzjonijiet ta' adeżjoni tar-roti mal-linji ferrovjarji (Reżistenza lonġitudinali tal-binarji) | 4.2.7.2 |
| Tul utilizabbli tal-pjattaformi | 4.2.10.1 |
| Markaturi tad-distanza | 4.2.12.1 |
| Installazzjonijiet fissi għas-servisjar tal-ferroviji (post u tip) | 4.2.13 |

*ANNESS E*

## IR-REKWIŻITI TAL-KAPAĊITÀ GĦALL-ISTRUTTURI SKONT IL-KATEGORIJI TAL-LINJI TAS-STI

Ir-rekwiżiti tal-kapaċità għall-istrutturi ġew iddefiniti fit-Tabella 24 minn kwantità kkombinata li tinkludi l-Kategoriji tal-Linji tal-EN (jew, jekk ikun rilevanti, il-Klassi tal-Lokomotivi) u veloċità massima korrispondenti. Il-Kategoriji tal-Linji tal-EN (u, jekk ikun rilevanti, il-Klassi tal-Lokomotivi) u l-Veloċità Massima Assoċjata għandhom jiġu kkunsidrati bħala kwantità kkombinata waħda.

Kemm il-Kategoriji tal-Linji tal-EN kif ukoll il-Klassi tal-Lokomotivi huma funzjoni tat-tagħbija fuq il-fusijiet u tal-aspetti ġeometriċi relatati mal-ispazjar tal-fusijiet. Il-Kategoriji tal-Linji tal-EN huma stabbiliti fl-Anness A għall-EN 15528:2008 u l-Klassijiet tal-Lokomotivi huma stabbiliti fl-Annessi J u K għall-EN 15528:2008.

*Tabella 24*

**Il-Kategoriji tal-Linji tal-EN – Veloċità Massima Assoċjata [km/h]**

| Kategorija tal-Linji tas-STI | Vaguni għall-Passiġġieri (inklużi Vaguni, Vaguni magħluqa għat-tagħbija u Trasportaturi tal-Karozzi) (1) u Vaguni għal Merkanzija Ħafifa (1) (2) | Vaguni għall-Merkanzija Vetturi oħrajn | Lokomotivi u Power Heads (1) (3) (4) | Unitajiet Multipli, Unitajiet tal-Enerġija u Vaguni Ferrovjarji Elettriċi jew Diżil (1) (2) |
|---|---|---|---|---|
| IV-P | B1 (5) – 200 | (8) | D2 – 200<br>$L6_{19}$ $L6_{20}$ $L6_{21}$ $L6_{22}$ – 160<br>D4xL – 140 | B1 (5) – 200<br>C2 (6) – 180<br>D2 (7) – 140 |
| IV-F | (8) | E5 – 100<br>D4 – 120<br>B2 – 140 | D2 – 140<br>D4xL – 120 | (8) |
| IV-M | ara IV-P | ara IV-F | ara IV-P | ara IV-P |
| V-P | B1 (5) – 160 | (8) | $L4_{21.5}$ – 160<br>$L4_{22.5}$ – 140<br>$L6_{19}$ $L6_{20}$ $L6_{21}$ $L6_{22}$ – 140 | C2 (6) – 160<br>D2 (7) – 100 |
| V-F | (8) | D4 – 100 | $L4_{22.5}$ – 100<br>$L6_{19}$ $L6_{20}$ $L6_{21}$ $L6_{22}$ – 100 | (8) |
| V-M | ara V-P | ara V-F | ara V-P | ara V-P |
| VI-P | B1 (5) – 140 | (8) | D2 – 140<br>D4xL – 140 | C2 (6) – 140<br>D2 (7) – 100 |
| VI-F | (8) | E4 – 100 | D2 – 100<br>D4xL – 100 | (8) |
| VI-M | see VI-P | B2 – 140<br>D4 – 120<br>E4 – 100 | D2 – 140<br>D4xL – 140 | C2 (6) – 140<br>D2 (7) – 120 |
| VII-P | A (5) – 120 | (8) | $L4_{21.5}$ – 120 | A (5) – 120 |
| VII-F | (8) | C2 – 100 | $L4_{21.5}$ – 100<br>$L6_{19}$ $L6_{20}$ $L6_{21}$ – 80 | (8) |
| VII-M | B1 (5) – 120 | ara VII-F | ara VII-P + VII-F | B1 (5) – 120 |

*Noti*

(1) Il-Vaguni għall-Passiġġieri (inklużi l-Vaguni, il-Vaguni Magħluqa għat-Tagħbija u t-Trasportaturi tal-Karozzi), il-Vetturi l-Oħrajn, il-Lokomotivi, il-Power Heads, l-Unitajiet Multipli, l-Unitajiet tal-Enerġija u l-Vaguni Ferrovjarji Elettriċi jew Diżil huma ddefiniti fis-STI RST.

(2) Ir-rekwiżiti għall-istrutturi huma kompatibbli mal-Vaguni għall-Passiġġieri, mal-Vaguni Magħluqa għat-Tagħbija, mat-Trasportaturi tal-Karozzi, mal-Vaguni għall-Merkanzija Ħafifa u għall-vetturi f'Unitajiet Multipli u f'Unitajiet tal-Enerġija Diżil u Elettriċi b'tul ta'; bejn 18 m u 27,5 m għal vetturi konvenzjonali u artikolati u b'tul ta' bejn 9 m u 14 m għal fusijiet singoli regolari.

(3) Meta jiġu kkontrollati r-rekwiżiti minimi għall-infrastruttura, il-Kategoriji tal-Linji tal-EN li ġejjin jistgħu jintużaw bħala rekwiżiti minimi alternattivi għall-Klassijiet tal-Lokomotivi ddikjarati: $L4_{21.5}$ $L4_{22.5}$ huma koperti minn D2 u $L6_{19}$ $L6_{20}$ $L6_{21}$ $L6_{22}$ huma koperti minn D4xL.

(4) Ir-rekwiżiti għall-istrutturi huma kompatibbli ma' mhux iktar minn żewġ lokomotivi u/jew Power Heads akkoppjati biswit xulxin. Ir-rekwiżiti għall-istrutturi huma kompatibbli ma' veloċità massima ta' 120 km/h għal tliet lokomotivi u/jew Power Heads jew iktar akkoppjati biswit xulxin (jew ferrovija ta' lokomotivi u/jew Power Heads) sakemm il-lokomotivi u/jew il-Power Heads jissodisfaw il-limiti korrispondenti għall-vaguni għall-merkanzija.

(5) Ir-rekwiżiti għall-istrutturi huma kompatibbli ma' massa medja għal kull unità ta' tul fuq it-tul ta' kull vagun għall-passiġġieri/vettura ta' 2,75 t/m

(6) Ir-rekwiżiti għall-istrutturi huma kompatibbli ma' massa medja għal kull unità ta' tul fuq it-tul ta' kull vagun għall-passiġġieri/vettura ta' 3,1 t/m

(7) Ir-rekwiżiti għall-istrutturi huma kompatibbli ma' massa medja għal kull unità ta' tul fuq it-tul ta' kull vagun għall-passiġġieri/vettura ta' 3,5 t/m

(8) Ma ġiet iddefinita l-ebda speċifikazzjoni formali tas-STI.

*ANNESS F*

**LISTA TA' PUNTI MIFTUĦA**

Id-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji (ara 4.2.4.2)

Ir-rekwiżiti għall-kontroll tal-koniċità ekwivalenti mqiegħda fis-servizz (ara 4.2.5.5.2)

L-ebusija tal-binarji (ara 4.2.5.8)

Il-limiti għall-ħsejjes u għall-vibrazzjonijiet u l-miżuri ta' mitigazzjoni (ara 4.2.11.2)

L-effett tar-rjieħ inkroċjati (ara 4.2.11.5)

Il-każijiet speċifiċi għan-netwerk Estonjan (ara 7.6.1)

Il-każijiet speċifiċi għan-netwerk Latvjan (ara 7.6.5)

Il-każijiet speċifiċi għan-netwerk Litwan (ara 7.6.6)

*ANNESS G*

**GLOSSARJU**

*Tabella 25*

**Termini**

| Terminu ddefinit | Taqsima tas-STI | Definizzjoni |
|---|---|---|
| Punt effettiv (RP)/<br>Praktischer Herzpunkt/<br>Pointe de coeur | 4.2.6.2 | It-tmiem fiżiku ta' V tal-punt ta' qsim. Ara l-Grafika 2 li turi r-relazzjoni bejn il-punt effettiv (RP) u l-punt ta' intersezzjoni (IP). |
| Limitu għal allarm/<br>Auslösewert/Limite d'alerte | 4.2.9.1 | Jirreferi għall-valur li, jekk jinqabeż, jeħtieġ li l-kundizzjoni ġeometrika tal-binarju tkun analizzata u kkunsidrata fl-operazzjonijiet ta' manutenzjoni regolarment ippjanati. |
| Tagħbija fuq il-fusijiet/<br>Achsfahrmasse/<br>Charge à l'essieu | 4.2.2,<br>4.2.7.1 | Is-somma tal-forzi statiċi vertikali tar-roti eżerċitati fuq il-binarju permezz ta' kombinazzjoni ta' rota u fusijiet jew minn par roti indipendenti diviża bl-aċċellerazzjoni tal-gravità. |
| Pożizzjoni mżerżqa/<br>Überhöhung/<br>Dévers de la voie | 4.2.5.2<br>4.2.5.3<br>4.2.9.4 | Id-differenza fl-għoli, relattiva għal-linja orizzontali, taż-żewġ linji ferrovjarji ta' binarju wieħed f'post partikolari, imkejla fil-linji ċentrali tal-partijiet tal-linji ferrovjarji li jmissu mar-roti. |
| Defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa/<br>Überhöhungsfehlbetrag/<br>Insuffisance de devers | 4.2.5.4 | Id-differenza bejn il-pożizzjoni mżerżqa applikata u l-pożizzjoni mżerżqa ikbar tal-ekwilibriju. |
| Punt ta' qsim komuni/<br>Starres Herzstück/<br>Coeur de croisement | 4.2.6.2 | L-arranġament li jiżgura l-intersezzjoni ta' żewġt itruf opposti li magħhom imissu r-roti ta' postijiet fejn jista' jsir il-qlib (turnout) jew punt ta' qsim f'forma ta'djamant u li jkollu V tal-punt ta' qsim waħda u żewġ wing rails. |
| Linja Ewlenija tat-TEN/<br>TEN Strecke des Kernnetzes/<br>Ligne du RTE déclarée corridor | 4.2.1,<br>7.2,<br>7.3 | Linja tat-TEN identifikata minn Stat Membru bħala parti importanti minn kuritur internazzjonali fl-Ewropa. |
| Riħ inkroċjat/<br>Seitenwind/<br>Vents traversiers | 4.2.11.5 | Riħ qawwi li jonfoħ lateralment għal fuq linja li jista' jaffettwa ħażin is-sikurezza tal-ferroviji li jkunu għaddejjin. |
| Operazzjoni ddegradata/<br>Gestoerter Betrieb/<br>Exploitation degradee | 4.4.2 | Operazzjoni li tirriżulta minn avveniment mhux ippjanat li ma jħallix li jingħataw is-servizzi normali tal-ferrovija. |
| Valur tad-disinn/<br>Planungswert/<br>Valeur de conception | 4.2.4.4,<br>4.2.5.2,<br>4.2.5.4.2,<br>4.2.5.5.1,<br>4.2.5.7.2,<br>4.2.9.4,<br>4.2.6.2,<br>4.2.6.3 | Valur teoretiku mingħajr tolleranzi tal-manifattura, tal-kostruzzjoni jew tal-manutenzjoni. |
| Distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji/<br>Gleisabstand/<br>Entraxe de voies | 4.2.4.2 | Id-distanza bejn punti tal-linji ċentrali taż-żewġ binarji kkunsidrati, imkejla b'mod parallel għas-superfiċje li fuqha jimxu r-roti tal-binarju ta' referenza, jiġifieri l-binarju b'pożizzjoni inqas imżerżqa. |
| Binarju diverġenti/<br>Zweiggleis/<br>Voie déviée | 4.2.5.4.2 | Fil-kuntest ta' punt ta' qlib u ta' qsim, rotta li tiddevja mir-rotta diretta. |

| Terminu ddefinit | Taqsima tas-STI | Definizzjoni |
|---|---|---|
| Forza laterali dinamika/<br>Dynamische Querkraft/<br>Effort dynamique transversal | 4.2.7.3 | Is-somma tal-forzi dinamiċi eżerċitati minn kombinazzjoni ta' rota u ta' fusijiet fuq il-binarju f'direzzjoni laterali. |
| Xogħlijiet tal-art/<br>Erdbauwerke/<br>Ouvrages en terre | 4.2.8.2,<br>4.2.8.4 | L-istrutturi tal-ħamrija u l-istrutturi li jżommu l-ħamrija li jkunu suġġetti għal tagħbija tat-traffiku ferrovjarju. |
| Kategorija tal-Linji tal-EN/<br>EN Streckenklasse/<br>EN Catégorie de ligne | 4.2.2,<br>4.2.8.4,<br>7.5,<br>Anness E | Ir-riżultat tal-proċess ta' klassifikazzjoni stabbilit fl-Anness A għall-EN 15528:2008 u li f'dak l-istandard jissejjaħ 'Kategorija tal-Linji'. Hija tirrappreżenta l-ħila tal-infrastruttura li tirreżisti t-tagħbijiet vertikali imposti mill-vetturi fuq il-linja jew fuq sezzjoni tal-linja għal servizz regolari. |
| Koniċità ekwivalenti/<br>Äquivalente Konizität/<br>Conicité équivalente | 4.2.5.5 | It-tanġent tal-angolu koniku ta' kombinazzjoni ta' rota u ta' fusijiet ma' roti koniċi li l-moviment laterali tagħhom ikollu l-istess wavelength kinematika bħall-kombinazzjoni ta' rota u ta' fusijiet partikolari fuq binarju dritt u f'kurvi b'raġġ kbir. |
| Għoli żejjed ta' check rail/<br>Radlenkerüberhöhung/<br>Surélévation du contre rail | 4.2.6.2. (g) | L-għoli taċ-check rail 'il fuq mil-linja ferrovjarja li fuqha jimxu r-roti ta' biswitha (ara d-dimensjoni 7 fil-Grafika 5 ta' iktar 'l isfel). |
| Protezzjoni fissa tal-ponta/<br>Leitweite/<br>Cote de protection de pointe | 4.2.6.2 (b) | Id-dimensjoni bejn il-ponta tal-punt ta' qsim u ċ-check rail (ara d-dimensjoni Nru 2 fil-Grafika 5 ta' iktar 'l isfel). |
| Fond tal-flangeway/<br>Rillentiefe/<br>Profondeur d'ornière | 4.2.6.2. (f) | Id-dimensjoni bejn is-superfiċje li fuqha jimxu r-roti u l-qiegħ tal-flangeway (ara d-dimensjoni Nru 6 fil-Grafika 5 ta' iktar 'l isfel). |
| Wisa' tal-flangeway/<br>Rillenweite/<br>Largeur d'ornière | 4.2.6.2 (e) | Id-dimensjoni bejn linja li fuqha jimxu r-roti u ċ-check rail jew il-wing rail biswitha (ara d-dimensjoni Nru 5 fil-Grafika 5 ta' iktar 'l isfel). |
| Passaġġ bil-magna free mad-daħla għal check rail/<br>wing rail/<br>Freier Raddurchlauf im Radlenker-Einlauf/Flügelschienen-Einlauf/<br>Côte d'équilibrage du contre-rail | 4.2.6.2 (d) | Id-dimensjoni bejn il-wiċċ li fuqu jimxu r-roti taċ-check rail tal-punt ta' qsim jew tal-wing rail tal-punt ta' qsim u l-wiċċ tal-qies standard tal-linja ferrovjarja ewlenija faċċata tal-qies standard imkejjel mad-daħla għal check rail jew għal wing rail rispettivament.<br>(ara d-dimensjoni Nru 4 fil-Grafika 5 ta' iktar 'l isfel). Id-daħla għaċ-check rail jew għall-wing rail hija l-punt fejn ir-rota titħalla tidħol f'kuntatt maċ-check rail jew mal-wing rail. |
| Passaġġ bil-magna free fil-ponta tal-punt ta' qsim/<br>Freier Raddurchlauf im Bereich der Herzspitze/<br>Cote de libre passage dans le croisement | 4.2.6.2 (c) | Id-dimensjoni bejn il-wiċċ li fuqu jimxu r-roti tal-wing rail u taċ-check rail tal-punt ta' qsim faċċata tal-qies standard (ara d-dimensjoni Nru 3 fil-Grafika 5 ta' iktar 'l isfel). |
| Passaġġ bil-magna free fil-qlib/<br>Freier Raddurchlauf im Bereich der Zungen-vorrichtung/<br>Côte de libre passage de l'aiguillage | 4.2.6.2 (a) | Id-dimensjoni minn wiċċ il-qies standard ta' linja ferrovjarja tal-punt ta' qlib waħda sat-tmiem ta' wara tal-linja ferrovjarja tal-punt ta' qlib ta' faċċata tagħha (ara d-dimensjoni Nru 1 fil-Grafika 5 ta' iktar 'l isfel). |
| Qies standard/<br>Begrenzungslinie/<br>Gabarit | 4.2.2 | Sett ta' regoli, inklużi l-kontorn ta' referenza u r-regoli ta' kalkolu assoċjati miegħu, li jippermettu d-definizzjoni tad-dimensjonijiet esterni tal-vettura u l-ispazju li għandu jkun hemm biex l-infrastruttura ma tagħmilx kuntatt mal-madwar. |

| Terminu ddefinit | Taqsima tas-STI | Definizzjoni |
|---|---|---|
| HBW/<br>HBW/<br>HBW | 5.3.1.3 | L-unità mhux tas-SI (Système International d'Unités) għall-ebusija tal-azzar iddefinita fl-EN ISO 6506-1:2005 Materjali metalliċi – Test tal-ebusija Brinell. Metodu tat-test. |
| Limitu għal Azzjoni Immedjata/<br>Soforteingriffsschwelle/<br>Limite d'intervention immédiate | 4.2.9.1,<br>4.2.9.2,<br>4.2.9.3,<br>4.2.9.4 | Il-valur li, jekk jinqabeż, ikollhom jittieħdu miżuri sabiex ir-riskju li l-ferrovija toħroġ mil-linji jitnaqqas għal livell aċċettabbli. |
| Amministratur Infrastrutturali/<br>Betreiber der Infrastruktur/<br>Gestionnaire de l'Infrastructure | 4.2.5.5,<br>4.2.6.2,<br>4.2.9,<br>4.4.3,<br>4.5.2,<br>6.2.2.1,<br>6.2.4,<br>6.4<br>7.3.4,<br>7.5 | Kif ġie ddefinit fl-Artikolu 2(h) tad-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU L 75, 15.3.2001, p. 29) |
| Valur imqiegħed fis-servizz/<br>Wert im Betriebszustand/<br>Valeur en exploitation | 4.2.5.5.2<br>4.2.6.2<br>4.2.9.4 | Il-valur imkejjel fi kwalunkwe ħin wara li l-infrastruttura tkun tqiegħdet fis-servizz. |
| Punt ta' Interesezzjoni (IP)/<br>Theoretischer Herzpunkt/<br>Point d'intersection théorique | 4.2.6.2 | Il-punt ta' intersezzjoni teoretiku tat-truf li magħhom imissu r-roti fiċ-ċentru tal-punt ta' qsim (ara l-Grafika 2). |
| Limitu għal Intervent/<br>Eingriffsschwelle/<br>Valeur d'intervention | 4.2.9.1 | Il-valur li, jekk jinqabeż, jeħtieġ li ssir manutenzjoni korrettiva sabiex il-limitu għall-azzjoni immedjata ma jintlaħaqx qabel l-ispezzjoni li jmiss; |
| Difett iżolat/<br>Einzelfehler/<br>Défaut isolé | 4.2.9.1<br>4.2.9.2 | Difett ġeometriku iżolat fil-binarju. |
| Veloċità tal-linja/<br>Streckengeschwindigkeit/<br>Vitesse de la ligne | 4.2.2 | Il-veloċità massima li għaliha ġiet iddisinjata. |
| Fajl ta' manutenzjoni/<br>Instandhaltungsdossier/<br>Dossier de maintenance | 4.5.1 | L-elementi tal-fajl tekniku relatati mal-kundizzjonijiet u mal-limiti għall-użu u mal-istruzzjonijiet għall-manutenzjoni. |
| Pjan ta' manutenzjoni/<br>Instandhaltungsplan/<br>Plan de maintenance | 4.5.2 | Sensiela ta' dokumenti li jistabbilixxu l-proċeduri għall- manutenzjoni tal-infrastruttura adottati minn Amministratur Infrastrutturali. |
| Binarji ewlenin/<br>Hauptgleise/<br>Voies principales | 4.2.4.3 | Il-binarji li jintużaw biex il-ferroviji mqiegħda fis-servizz jgħaddu minn fuqhom. It-terminu jeskludi l-binarji żgħar maġenb il-binarju ewlieni, l-istazzjonijiet tal-ferrovija, il-binarji għall-parkeġġ tal-ferroviji u l-linji ta' konnessjoni. |
| Binarju b'linji ferrovjarji multipli/<br>Mehrschienengleis/<br>Voie à multi écartement | 4.2.3.2,<br>4.2.6.3 | Binarju b'iktar minn żewġ linji ferrovjarji, fejn tal-inqas żewġ pari mil-linji ferrovjarji rispettivi huma ddisinjati biex jiġu operati bħala binarji singoli separati, bi jew mingħajr qisien standard tal-binarju differenti. |
| Qies standard nominali tal-binarju/<br>Nennspurweite/<br>Ecartement nominal de la voie | 4.2.5.1 | Valur wieħed li jidentifika l-qies standard tal-binarju |

| Terminu ddefinit | Taqsima tas-STI | Definizzjoni |
|---|---|---|
| Servizz normali/<br>Regelbetrieb/<br>Service régulier | 4.2.3.2<br>4.2.10.1 | Il-ferrovija li topera skont servizz skedat ippjanat. |
| Linja Oħra tat-TEN/<br>Weitere TEN Strecke/<br>Autre ligne du RTE | 4.2.1,<br>7.2,<br>7.3 | Linja tat-TEN li mhix linja ewlenija tat-TEN. |
| Miżuri passivi/<br>Vorsorge für künftige Erweiterungen/<br>Réservation pour extension future | 4.2.10.1 | Il-miżuri għall-kostruzzjoni futura ta' estensjoni fiżika għal struttura (pereżempju: żieda fit-tul tal-pjattaforma). |
| Parametru ta' Prestazzjoni/<br>Leistungskennwert/<br>Paramètre de performance | 4.2.2 | Il-parametru li jiddeskrivi Kategorija tal-Linji tas-STI li ntuża bħala l-bażi għad-disinn tal-elementi tas-subsistema tal-infrastruttura u bħala l-indikazzjoni tal-livell ta' prestazzjoni ta' linja. |
| Linja sempliċi/<br>Freie Strecke/<br>Voie courante | 4.2.5.5<br>4.2.5.6<br>4.2.5.7 | Sezzjoni ta' binarju mingħajr qlib u qsim. |
| Ritrattazzjoni ta' punt/<br>Spitzenbeihobelung/<br>Dénivelation de la pointe de cœur | 4.2.6.2. (b) | Il-linja ta' referenza fi qsim komuni fiss tista' tiddevja mil-linja ta' referenza teoretika. Minn ċerta distanza sal-punt tal-qsim, il-linja ta' referenza tal-V, skont id-disinn, tista' tinġibed lura minn din il-linja teoretika 'l bogħod mill-flanġ tar-rota sabiex ikun evitat kuntatt bejn iż-żewġ elementi. Din is-sitwazzjoni hija deskritta fil-Grafika 2. |
| Inklinazzjoni tal-linja ferrovjarja/<br>Schienenneigung/<br>Inclinaison du rail | 4.2.5.5<br>4.2.5.7 | Angolu li jiddefinixxi l-inklinazzjoni tal-parti tal-linja li tmiss mar-roti meta tiġi installata fil-binarju relattivament għall-pjan tal-linji ferrovjarji (superfiċje li fuqha jimxu r-roti), daqs l-angolu bejn l-assi ta' simetrija tal-linja ferrovarja (jew ta' linja ferrovjarja simetrika ekwivalenti li jkollha l-istess profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti) u l-perpendikulari għall-pjan tal-linji ferrovjarji. |
| Kuxxinett tal-linja ferrovjarja/<br>Schienenzwischenlage/<br>Semelle sous rail | 5.3.2 | Saff elastiku mwaħħal bejn linja ferrovjarja u l-fallakka riffieda ta' taħt jew pjanċa bażi. |
| Reverse curve/<br>Gegenbogen/<br>Courbes et contre-courbes | 4.2.4.4 | Żewġ kurvi li jmissu ma' xulxin b'kurvatura jew f'direzzjoni opposta |
| Qies minimu tal-istrutturi/<br>Lichtraum/<br>Gabarit des obstacles | 4.2.4.1 | Jiddefinixxi l-ispazju b'relazzjoni għall-binarju ta' referenza li għandu jiġi żgumbrat mill-oġġetti jew mill-istrutturi kollha u mit-traffiku fil-binarji ta' biswit, sabiex ikun hemm operazzjoni sikura fil-binarju ta' referenza. Jiġi ddefinit fuq il-bażi tal-kontorn ta' referenza bl-applikazzjoni tar-regoli assoċjati. |
| Punti ta' qlib/<br>Zungenvorrichtung/<br>Aiguillage | 4.2.5.4.2<br>4.2.6.1 | Unità ta' binarju magħmula minn żewġ linji ferrovjarji fissi (linji ferrovjarji fissi – stock rails) u minn żewġ linji ferrovjarji li jiċċaqilqu (linji tal-qlib – switch rails) li jintużaw sabiex il-vetturi jkunu diretti minn binarju għal ieħor. |
| Punti ta' qlib u ta' qsim/<br>Weichen und Kreuzungen/<br>Appareil de voie | 4.2.5.4.1,<br>4.2.5.7.2,<br>4.2.6,<br>4.2.7.1,<br>4.2.7.2.1,<br>4.2.7.3,<br>5.2 | Binarju mibni minn sett ta' punti ta' qlib u ta' qsim individwali u mil-linji ferrovjarji li jagħmlu konnessjoni bejniethom. |

| Terminu ddefinit | Taqsima tas-STI | Definizzjoni |
|---|---|---|
| Rotta diretta/<br>Stammgleis/<br>Voie directe | 4.2.5.4.1<br>4.2.6.3 | Fil-kuntest tal-punti tal-qlib u tal-qsim, rotta li tipperpetwa l-allinjament ġenerali tal-binarju. |
| Qies standard tal-binarju/<br>Spurweite/<br>Ecartement de la voie | 4.2.5.1 | L-iżgħar distanza bejn il-linji perpendikulari għas-superfiċje li fuqha jimxu r-roti li jagħmlu intersezzjoni ma' kull profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti f'medda bejn 0 u 14 mm taħt is-superfiċje li fuqha jimxu r-roti. |
| Ebusija tal-binarji/<br>Steifigkeit des Gleises/<br>Rigidite de la voie | 4.2.5.8 | Il-qies globali li jesprimi r-reżistenza tal-binarji għall-ispostament tal-linji ferrovjarji li jsir taħt it-tagħbija tar-roti. |
| Liwja fil-binarju/<br>Gleisverwindung/<br>Gauche | 4.2.9.1,<br>4.2.9.2 | Il-liwja fil-binarju tiġi ddefinita bħala d-differenza alġebrajka bejn żewġ livelli inkroċjati meħuda f'distanza ddefinita minn xulxin, ġeneralment espressa bħala gradjent bejn iż-żewġ punti fejn jitkejjel il-livell inkroċjat. |
| Tul ta' ferrovija/<br>Zuglänge/<br>Longueur du train | 4.2.2 | It-tul ta' ferrovija, li tista' taħdem fuq ċerta linja waqt operazzjoni normali. |
| Kategorija tal-Linji tas-STI/<br>STI Streckenkategorie/<br>STI Catégorie de ligne | 4.2,<br>7.2,<br>7.3.1,<br>7.5,<br>7.6 | Il-klassifikazzjoni ta' linja skont it-Tip ta' Traffiku u t-Tip ta' Linja sabiex jingħażel il-livell meħtieġ tal-Parametri ta' Prestazzjoni. |
| Tip ta' linja/<br>Streckenart/<br>Type de ligne | 4.2.1,<br>7.3.1 | Id-definizzjoni tal-importanza ta' linja (ewlenija jew xort'oħra) u l-mod li bih jintlaħqu l-parametri meħtieġa għall-interoperabilità (ġdida jew aġġornata). |
| Tip ta' Traffiku/<br>Verkehrsart/<br>Type de trafic | 4.2.1 | Għal Kategorija tal-Linji tas-STI jindika t-traffiku dominanti għas-sistema fil-mira u l-Parametri Bażiċi rispettivi. |
| Tul mhux iggwidat ta' qsim ottuż/<br>Führungslose Stelle/<br>Lacune dans la traversée | 4.2.6.3 | Il-parti ta' punt ta' qsim ottuż fejn m'hemm l-ebda gwida tar-rota deskritta bħala "distanza mhux iggwidata" fl-EN 13232-3:2003. |
| Tul utilizabbli ta' pjattaforma/<br>Bahnsteignutzlänge/<br>Longueur utile de quai | 4.2.10.1 | It-tul kontinwu massimu ta' dik il-parti tal-pjattaforma li quddiemha jkun hemm il-ħsieb li ferrovija tibqa' stazzjonarja f'kundizzjonijiet operattivi normali biex il-passiġġieri jitilgħu u jinżlu minn fuq il-ferrovija, filwaqt li ssir konċessjoni xierqa għat-tolleranzi tal-waqfien.<br>"Kundizzjonijiet operattivi normali" tfisser li l-ferrovija tkun qed topera b'mod mhux iddegradat (eż. l-adeżjoni mal-linji ferrovjarja tkun normali, is-sinjali jkunu qed jaħdmu, kollox ikun qed jaħdem kif ippjanat). |

*Grafika 5*

**Il-ġeometrija tal-punti tal-qlib u tal-qsim**




1 Passaġġ bil-magna free fil-qlib

2 Protezzjoni fissa tal-ponta

3 Passaġġ bil-magna free fil-ponta tal-punt ta' qsim

4 Passaġġ bil-magna free mad-daħla għal check rail/wing rail

5 Wisa' tal-flangeway

6 Fond tal-flangeway

7 Għoli żejjed taċ-check rail

*ANNESS H*

## LISTA TA' STANDARDS IMSEMMIJA

*Tabella 26*

**Lista ta' standards imsemmija**

| Nru tal-Indiċi | Referenza | Isem id-dokument | Verżjoni (sena) | Parametri Bażiċi (BP) ikkonċernati |
|---|---|---|---|---|
| 1 | EN 13715 | Applikazzjonijiet ferrovjarji –Kombinazzjonijiet ta' roti u ta' fusijiet flimkien ma' vaguni jew bogies – Roti – Wiċċ ta' barra mfellel tar-roti | 2006 | Valuri skont id-disinn għall-koniċità ekwivalenti (4.2.5.5.1) |
| 2 | EN 13803-2 | Applikazzjonijiet ferrovjarji – Binarju Parametri tal-allinjament tal-binarji skont id-disinn – Qisien standard tal-binarju ta' 1 435 mm u usa' – Parti 2: Qlib u qsim u sitwazzjonijiet komparabbli ta' allinjament skont id-disinn b'bidliet f'daqqa fil-kurvatura<br>(bl-Emenda A1:2009) | 2006 | Raġġ minimu ta' kurva orizzontali (4.2.4.4) |
| 3 | EN 13848-1 | Applikazzjonijiet ferrovjarji – Binarju Kwalità ġeometrika tal-binarju – Parti 1: Karatterizzazzjoni tal-ġeometrija tal-binarju<br>(bl-Emenda A1:2008) | 2003 | Determinazzjoni ta' limiti għal azzjoni immedjata, intervent u allarm (4.2.9.1), Valutazzjoni tal-valur minimu tal-qies standard medju tal-binarju (6.2.4.5) |
| 4 | EN 15273-3 | Applikazzjonijiet ferrovjarji – Qisien standard – Parti 3: Qisien minimi tal-istrutturi | 2009 | Parametri ta' prestazzjoni (4.2.2),<br>Qies minimu tal-istrutturi (4.2.4.1),<br>Valutazzjoni tad-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji (6.2.4.2), |
| 5 | EN 15302 | Applikazzjonijiet ferrovjarji – Metodu għad-determinazzjoni tal-koniċità ekwivalenti | 2008 | Valuri skont id-disinn għall-koniċità ekwivalenti (4.2.5.5.1 |
| 6 | EN 15528 | Applikazzjonijiet ferrovjarji – Kategoriji tal-Linji għall-ġestjoni tal-interface bejn il-limiti għat-tagħbijiet tal-vetturi u l-infrastruttura | 2008 | Reżistenza ta' pontijiet u ta' xogħlijiet tal-art eżistenti għal tagħbijiet tat-traffiku (4.2.8.4 u Anness E), |
| 7 | EN 1990:2002/A1 | Eurocode – Bażi tad-disinn strutturali – Emenda A1 | 2005 | Reżistenza ta' pontijiet ġodda għal tagħbijiet tat-traffiku (4.2.8.1) |

| Nru tal-Indiċi | Referenza | Isem id-dokument | Verżjoni (sena) | Parametri Bażiċi (BP) ikkonċernati |
|---|---|---|---|---|
| 8 | EN 1991-2 | Eurocode 1 – Azzjonijiet fuq l-istrutturi – Parti 2: Tagħbija tat-traffiku fuq il-pontijiet | 2003 | Reżistenza tal-istrutturi għal tagħbijiet tat-traffiku (4.2.8), Reżistenza ta' pontijiet ġodda għal tagħbijiet tat-traffiku (4.2.8.1),<br>Tagħbija vertikali ekwivalenti għal xogħlijiet tal-art ġodda u għal effetti ta' pressjoni fuq l-art (4.2.8.2), Reżistenza ta' strutturi ġodda fuq jew biswit il-binarji (4.2.8.3) |